# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Dokument ta' Sessjoni*

**A6-0402/2008**

21.10.2008

*****

# RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett taħt il-politika agrikola komuni għall-bdiewa u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa
(COM(2008)0306 – C6-0240/2008 – 2008/0103(CNS))

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

Rapporteur: Luis Manuel Capoulas Santos

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa* |
| **I | Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa* |
| **II | Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*<br>*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni* |
| *** | Proċedura ta' kunsens<br>*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE* |
| ***I | Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa* |
| ***II | Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*<br>*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni* |
| ***III | Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt* |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

## *Emendi għal test leġiżlattiv*

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija u korsiva.*** Fil-każ ta' atti li jemendaw, il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-Kummissjoni ma tkunx emendat, huma indikati b'tipa **qawwija**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...]. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

# WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW...........5

NOTA SPJEGATTIVA ....................................................................................................100

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS....................................................................108

OPINJONI TAL- KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TA' L-IKEL .............................................................................................116

OPINJONI TAL- KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI ........................................139

PROĊEDURA ..............................................................................................................148

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta’ appoġġ dirett taħt il-politika agrikola komuni għall-bdiewa u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa**
**(COM(2008)0306 – C6-0240/2008 – 2008/0103(CNS))**

**(Proċedura ta' konsultazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2008)0306),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 36 u 37 u l-Artikolu 299(2) tat-Trattat KE, skond liema artikoli ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0240/2008),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġits, tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta’ l-Ikel u tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A6-0402/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, skond l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;

3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1(a) (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1 a) Il-burokrazija fis-settur agrikolu għandha titnaqqas permezz ta' regoli aktar trasparenti, li jinftehmu aħjar u li jorbtu anqas. L-uniku mod kif il-politika*** |

***agrikola komuni se tkun f'pożizzjoni li tikkontribwixxi biex tkun garantita l-kompetittività tal-intrapriżi agrikoli f'suq globalizzat hu billi jonqsu l-ispejjeż u l-formalitajiet amministrattivi.***

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Ir-Regolament (KE) Nr 1782/2003 stabbilixxa l-prinċipju li l-bdiewa li ma jikkonformawx ma' ċerti rekwiżiti fl-oqsma tas-saħħa tal-pubbliku, ta’ l-annimali u tal-pjanti, u l-ambjent u l-benessri ta' l-annimali għandhom ikunu soġġetti għal tnaqqis ta' jew l-esklużjoni minn appoġġ dirett. Din is-sistema ta' «kundizzjonalità» tifforma parti integrali mill-appoġġ Komunitarju taħt il-pagamenti diretti u għalhekk għandha tinżamm. Madankollu, l-esperjenza turi li għadd ta' rekwiżiti fl-ambitu tal-kundizzjonalità m'humiex rilevanti biżżejjed għall-attività fl-art agrikola jew inkella jikkonċernaw aktar l-awtoritajiet nazzjonali milli l-bdiewa. Għaldaqstant huwa xieraq li l-ambitu tal-kundizzjonalità jiġi aġġornat. | (2) Ir-Regolament (KE) Nr 1782/2003 stabbilixxa l-prinċipju li l-bdiewa li ma jikkonformawx ma' ċerti rekwiżiti fl-oqsma tas-saħħa tal-pubbliku, ta’ l-annimali u tal-pjanti, u l-ambjent u l-benessri ta' l-annimali għandhom ikunu soġġetti għal tnaqqis ta' jew l-esklużjoni minn appoġġ dirett. Din is-sistema ta' «kundizzjonalità» tifforma parti integrali mill-appoġġ Komunitarju taħt il-pagamenti diretti u għalhekk għandha tinżamm. Madankollu, l-esperjenza turi li għadd ta' rekwiżiti fl-ambitu tal-kundizzjonalità m'humiex rilevanti biżżejjed għall-attività fl-art agrikola jew inkella jikkonċernaw aktar l-awtoritajiet nazzjonali milli l-bdiewa. Għaldaqstant huwa xieraq li l-ambitu tal-kundizzjonalità jiġi aġġornat. ***Jekk eventwalment jerġa' jiddaħħal l-artikolu relevanti li jidher fl-atti kollha dwar l-iġjene tal-ikel[1] u li jirrigwarda l-kundizzjonalità fl-anness II, dan m'għandux ifisser li se jkun hemm kontrolli supplimentari.*** |

______

***Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene ta' l-oġġetti ta' l-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1), Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55), Regolament (KE) Nru 183/2005 tal-***

| | |
|---|---|
| | ***Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Jannar 2005 li jistabbilixxi l-ħtiġijiet għall-iġjene ta' l-għalf (ĠU L 35, 8.2.2005, p. 1).*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-regolament tal-Kunsill għandu jintegra l-eżiġenzi konkreti stipulati fl-annessi għar-regolamenti dwar l-iġjene sabiex jiġu evitati l-iżbalji meta dawn id-dispożizzjonijiet jiġu interpretati u applikati.*

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2(a) (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2 a) Għandu jsir sforz kontinwu għas-simplifikazzjoni, għat-titjib u għall-armonizzazzjoni tas-sistema tal-kundizzjonalità. Għalhekk il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-applikazzjoni tas-sistema tal-kundizzjonalità kull sentejn.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Integrazzjoni mill-ġdid tal-emenda adottata mill-Parlament Ewropew bħala parti mir-rapport T6-0598/2007 tal-11 ta' Diċembru 2007 bit-titolu "CAP: regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett u ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u appoġġ għall-iżvilupp rurali".*

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2 b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2 b) Jekk jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, jiġu armonizzati l-kontrolli , jiġu amalgamati l-kontrolli, anke fi ħdan l-istituzzjonijiet, u l-pagamenti jsiru fil-ħin ikun hemm aktar appoġġ ġenerali mill-bdiewa għas-sistema tal-kundizzjonalità u b'hekk tiżdied l-*** |

***effettività tal-politika.***

*Ġustifikazzjoni*

*Integrazzjoni mill-ġdid tal-emenda adottata mill-Parlament Ewropew bħala parti mir-rapport T6-0598/2007 tal-11 ta' Diċembru 2007 bit-titolu "CAP: regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett u ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u appoġġ għall-iżvilupp rurali".*

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2 c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2 c) Sabiex ikun limitat il-piż li hemm fuq il-bdiewa, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Ewropej għandhom jitħeġġu biex jillimitaw kemm jistgħu kemm in-numru ta' kontrolli fuq il-post u kemm in-numru ta' aġenżiji ta' kontroll bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 796/2004 tal-21 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' konformità, modulazzjoni u amministrazzjoni integrata u sistema ta' kontroll kif hemm provvediment dwarhom fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003[1]. L-Istati Membri għalhekk għandhom jitħallew iwettqu għadd minimu ta' kontrolli fil-livell tal-aġenzija li tħallas. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jitħeġġu biex jieħdu miżuri addizzjonali sabiex jillimitaw in-numru ta' persuni li jagħmlu l-kontrolli, biex ikun żgurat li dawn ikunu mħarrġa kif xieraq u jillimitaw il-perjodu li matulu jista' jsir kontroll fuq il-post f'razzett partikolari għal mhux aktar minn ġurnata waħda. Il-Kummissjoni għandha tgħin lill-Istati Membri biex jissodisfaw ir-rekwiżiti għas-selezzjonijiet integrati tal-kampjuni. Is-selezzjoni tal-kampjuni għall-kontrolli fuq il-post għandha issir indipendentament mill-persentaġġi ta'*** |

***kontroll minimu speċifiċi kif previst skont il-leġiżlazzjoni speċifika li taqa' fl-ambitu tal-kundizzjonalità.***

***[1] ĠU L 141, 21.10.2003, p. 18.***

*Ġustifikazzjoni*

*Integrazzjoni mill-ġdid tal-emenda adottata mill-Parlament Ewropew bħala parti mir-rapport T6-0598/2007 tal-11 ta' Diċembru 2007 bit-titolu "CAP: regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett u ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u appoġġ għall-iżvilupp rurali".*

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2 d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2 d) L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-bdiewa ma jiġux ikkastigati darbtejn għall-istess każ fejn ma jikkonformawx, speċifikament permezz ta' tnaqqis jew esklużjoni tal-pagamenti, jew anke permezz ta' multa minħabba nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali relevanti.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Integrazzjoni mill-ġdid tal-emenda adottata mill-Parlament Ewropew bħala parti mir-rapport T6-0598/2007 tal-11 ta' Diċembru 2007 bit-titolu "CAP: regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett u ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u appoġġ għall-iżvilupp rurali".*

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Barra minn hekk, biex jiġi evitat l-abbandun ta' art agrikola u jiġi żgurat li din tinżamm f'kundizzjoni agrikola u | (3) Barra minn hekk, biex jiġi evitat l-abbandun ta' art agrikola u jiġi żgurat li din tinżamm f'kundizzjoni agrikola u |

| | |
|---|---|
| ambjentali tajba, ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 stabbilixxa qafas Komunitarju li fih l-Istati Membri jadottaw 'standards' wara li jikkunsidraw il-karatteristiċi speċifiċi taż-żona konċernata, inklużi l-ħamrija u l-kundizzjonijiet klimatiċi, sistemi eżistenti ta' biedja (użu ta' l-art, newba ta' l-uċuh tar-raba' ('crop rotation'), prattiċi tal-farms) u *strutturi* tal-farms. It-tneħħija tas-serħan ta' l-artijiet fi ħdan l-iskema ta' pagament uniku tista' f'ċerti każijiet ikollha effetti negattivi għall-ambjent, b'mod partikolari fir-rigward ta' ċerti karatteristiċi ta' pajsaġġ. Għaldaqstant huwa xieraq, fejn ikun adegwat, li *d-dispożizzjonijiet* Komunitarji eżistenti li għandhom *fil-mira tagħhom* il-protezzjoni tal-karatteristiċi speċifikati ta' pajsaġġ *jiġu msaħħa*. | ambjentali tajba, ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 stabbilixxa qafas Komunitarju li fih l-Istati Membri jadottaw 'standards' wara li jikkunsidraw il-karatteristiċi speċifiċi taż-żona konċernata, inklużi l-ħamrija u l-kundizzjonijiet klimatiċi, sistemi eżistenti ta' biedja (użu ta' l-art, newba ta' l-uċuh tar-raba' ('crop rotation'), prattiċi tal-farms) u *l-istrutturi* tal-farms. It-tneħħija tas-serħan ta' l-artijiet fi ħdan l-iskema ta' pagament uniku tista' f'ċerti każijiet ikollha effetti negattivi għall-ambjent, b'mod partikolari fir-rigward ***tal-bijodiversità,*** ta' ċerti karatteristiċi ta' pajsaġġ. Għaldaqstant huwa xieraq, fejn ikun adegwat, li *jissaħħew id-dispożizzjonijiet* Komunitarji eżistenti li *bħala għan* għandhom il-protezzjoni ***tal-bijodiversità u*** tal-karatteristiċi *speċifiċi* ta' pajsaġġ. ***Waqt li titqies il-ħtieġa li jiġu rispettati l-ogħla standards fl-iżgurar tal-kwalità ta' l-ilma kif stipulat fil-leġiżlazzjoni Komunitarja, m'għandha tkun imposta l-ebda restrizzjoni supplimentari li tostakola l-iżvilupp rurali mixtieq.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Il-protezzjoni u l-ġestjoni ta' l-ilma fil-kuntest ta' l-attività agrikola ***f'ċerti nħawi qed issir*** problema dejjem tikber. Huwa għalhekk xieraq li jissaħħaħ ukoll il-qafas Komunitarju eżistenti dwar il-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba bil-għan li l-ilma jiġi mħares kontra t-tniġġis u t-tnixxija filwaqt li jiġi amministrat l-użu ta' l-ilma. | (4) Il-protezzjoni u l-ġestjoni ta' l-ilma fil-kuntest ta' l-attività agrikola ***qegħdin isiru*** problema ***f'parti li qiegħda tikber dejjem aktar tal-Komunità***. Huwa għalhekk xieraq li jissaħħaħ ukoll il-qafas Komunitarju eżistenti dwar il-*kundizzjonijiet agrikoli* u ambjentali *tajbin* bil-għan li l-ilma *jitħares* kontra t-tniġġis u t-tnixxija filwaqt li jiġi amministrat l-użu ta' l-ilma, ***b'mod partikulari billi jitnaqqas il-volum kbir ta' ilma li jinħela kull sena permezz ta' sistemi aħjar għall-ġestjoni agronomika u*** |

| | |
|---|---|
| | ***tal-ilma***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex tissolva u tkun evitata l-problema tan-nuqqas ta' l-ilma, trid tonqos il-ħela annwali ta' l-ilma fis-settur agrikoli.*

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Billi ***l-mergħa permanenti*** għandha effett ambjentali pożittiv, huwa xieraq li jiġu applikati miżuri biex jinkoraġġixxu ż-żamma ta' ***mergħat permanenti eżistenti*** biex tiġi evitata konverżjoni massiva f'art li tinħarat. | (5) Billi ***l-art permanentement mimlija bil-ħaxix*** għandha effett ambjentali pożittiv, huwa xieraq li jiġu applikati miżuri biex jinkoraġġixxu ż-żamma ***tal-art li attwalment permanentement mimlija bil-ħaxix*** biex tiġi evitata konverżjoni massiva f'art li tinħarat. |

*Ġustifikazzjoni*

*Mhux l-art kollha li permanentement mimlija bil-ħaxix tintuża għall-mergħa. L-art li permanentement mimlija bil-ħaxix isservi ta' ħażna importanti tal-karbonju u hija l-aktar ambjent naturali importanti fl-Ewropa mil-lat tal-bijodiversità. Minn dan il-lat, l-art mimlija bil-ħaxix li jinħasad hija importanti daqs il-mergħat.*

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) L-iffrankar fl-ispejjeż li jsir permezz tal-mekkaniżmu tal-modulazzjoni li ddaħħal bir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jintuża għall-finanzjament ta' miżuri taħt il-politika għall-iżvilupp rurali. Sa mill-adozzjoni ta' dan ir-Regolament is-settur agrikolu kellu | (7) L-iffrankar fl-ispejjeż li jsir permezz tal-mekkaniżmu tal-modulazzjoni li ddaħħal bir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jintuża għall-finanzjament ta' miżuri taħt il-politika għall-iżvilupp rurali. Sa mill-adozzjoni ta' dan ir-Regolament is-settur agrikolu kellu |

jiffaċċja għadd ta' sfidi ġodda u impenjattivi bħat-tibdil fil-klima, l-importanza dejjem tiżdied tal-bijoenerġija, kif ukoll il-ħtieġa għal ġestjoni aħjar ta' l-ilma u għal protezzjoni aktar effettiva tal-bijodiversità. Il-Komunità Ewropea, bħala parti kontraenti għall-Protokoll ta' Kyoto, *ġiet mitluba* tadatta l-politiki tagħha fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet dwar it-tibdil fil-klima. Barra minn hekk, wara l-problemi serji li nqalgħu *marbuta mas-skarzezza* ta' l-ilma u n-nixfa, jeħtieġ li l-kwistjonijiet dwar il-ġestjoni ta' l-ilma jerġgħu jiġi indirizzati. Il-protezzjoni tal-bijodiversità għadha sfida kbira u filwaqt li sar progress importanti, *il-ksib tal-mira* għall-bijodiversità tal-Komunità Ewropea għall-2010 se *jirrikjedi* sforzi addizzjonali. Il-Komunità tirrikonoxxi l-ħtieġa li dawn l-isfidi ġodda jiġu ttrattati fil-qafas tal-politiki tagħha. Fil-qasam ta' l-agrikoltura, strumenti tajbin biex dawn jiġu indirizzati huma l-programmi għall-iżvilupp rurali adottati taħt ir-Regolament tal-Kunsill *(KE) Nru 1698/2006* ta' l-20 ta' Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (*FAEŻR*). ***Sabiex*** l-Istati Membri jkunu jistgħu ***jirrevedu l-programmi*** għall-iżvilupp rurali tagħhom ***skond dan*** mingħajr ma *jiġu mitluba* jnaqqsu l-attivitajiet ta' l-iżvilupp rurali *ta'* bħalissa f'oqsma oħra, jeħtieġ li jkun hemm id-disponibbiltà ta' finanzjament addizzjonali. Madankollu l-perspettivi finanzjarji għall-perjodu 2007 sa 2013 ma jipprovdux għal mezzi finanzjarji *għar-rinfurzar* tal-politika Komunitarja għall-iżvilupp rurali kif meħtieġ. F'dawn iċ-ċirkostanzi huwa xieraq li parti kbira tar-riżorsi finanzjarji meħtieġa *jiġu mobilizzati* għal żieda gradwali fit-tnaqqis tal-pagamenti diretti permezz tal-modulazzjoni.

jiffaċċja għadd ta' sfidi ġodda u impenjattivi bħat-tibdil fil-klima, l-importanza dejjem tiżdied tal-bijoenerġija, kif ukoll il-ħtieġa għal ġestjoni aħjar ta' l-ilma u għal protezzjoni aktar effettiva tal-bijodiversità. Il-Komunità Ewropea, bħala parti kontraenti għall-Protokoll ta' Kyoto, *intalbet* tadatta l-politiki tagħha fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet dwar it-tibdil fil-klima. Barra minn hekk, wara l-problemi serji li nqalgħu *minħabba l-iskarzezza* ta' l-ilma u n-nixfa, jeħtieġ li l-kwistjonijiet dwar il-ġestjoni ta' l-ilma jerġgħu jiġi indirizzati. Il-protezzjoni tal-bijodiversità għadha sfida kbira u filwaqt li sar progress importanti, *biex jintlaħaq l-objettiv* għall-bijodiversità tal-Komunità Ewropea għall-2010 se *jkun hemm bżonn ta'* sforzi addizzjonali. Il-Komunità tirrikonoxxi l-ħtieġa li dawn l-isfidi ġodda jiġu ttrattati fil-qafas tal-politiki tagħha. Fil-qasam ta' l-agrikoltura, strumenti tajbin biex dawn jiġu indirizzati huma l-programmi għall-iżvilupp rurali adottati taħt ir-Regolament tal-Kunsill *(KE) Nru 1698/2005* ta' l-20 ta' Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali. ***Ċertu Stati Membri diġà implimentaw programmi ta' żvilupp rurali intenzjonati biex jiġu affaċjati l-isfidi l-ġodda. Madankollu, sabiex*** l-Istati Membri ***kollha*** jkunu jistgħu ***jimplimentaw il-programmi*** għall-iżvilupp rurali tagħhom mingħajr ma *jintalbu* jnaqqsu l-attivitajiet ta' l-iżvilupp rurali *li* bħalissa *huma fis-seħħ* f'oqsma oħra, jeħtieġ li jkun hemm id-disponibbiltà ta' finanzjament addizzjonali. Madankollu l-perspettivi finanzjarji għall-perjodu 2007 sa 2013 ma jipprovdux għal mezzi finanzjarji *għat-tisħiħ* tal-politika Komunitarja għall-iżvilupp rurali kif meħtieġ. F'dawn iċ-ċirkostanzi huwa xieraq li parti kbira tar-riżorsi finanzjarji meħtieġa *tiġi mobilizzata* għal żieda gradwali fit-tnaqqis tal-pagamenti diretti permezz tal-modulazzjoni.

*Ġustifikazzjoni*

*Ma jkunx xieraq li l-Istati Membri jiġu obbligati jirrevedu l-programmi tagħhom ta' żvilupp rurali meta jkunu diġà qegħdin impenjati biex jaffaċjaw l-isfidi l-ġodda. Anke dan joħloq spejjeż amministrattivi u jaffetwa lill-bdiewa li diġà jieħdu sehem fil-programmi ta' żvilupp rurali eżistenti.*

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) It-tqassim ta' appoġġ dirett ta' dħul fost il-bdiewa huwa kkaratterizzat bl-allokazzjoni ta' sehem kbir ta' pagamenti lil għadd pjuttost limitat ta' benefiċjarji kbar. ***Huwa ċar li*** l-benefiċjarji aktar kbar ***ma jirrikjedux*** li jinkiseb *b'effiċjenza* l-istess livell ta' appoġġ unitarju bil-għan ta' appoġġ ta' dħul. Minbarra dan, il-potenzjal għal adattament jagħmilha aktar faċli għall-benefiċjarji aktar kbar biex joperaw livelli aktar baxxi ta' appoġġ unitarju. Għaldaqstant jidher li tkun ħaġa ġusta li wieħed jistenna li l-bdiewa ***b'***ammonti għoljin ta' appoġġ jagħtu kontribut partikolari għall-finanzjament ta' miżuri għall-iżvilupp rurali li jindirizzaw sfidi ġodda. Għaldaqstant, jidher xieraq li jiġi stabbilit mekkaniżmu li *jipprovdi għat-tnaqqis imsaħħaħ* tal-pagamenti l-aktar għoljin li *d-dħul minnhom għandu jintuża wkoll* biex jiġu ttrattati l-isfidi ġodda fil-qafas ta' l-iżvilupp rurali. Biex tiġi żgurata l-proporzjonalità ta' dan il-mekkaniżmu *t-tnaqqis* addizzjonali għandu jiżdied progressivament skond l-ammonti tal-pagamenti konċernati. | (8) It-tqassim ta' appoġġ dirett ta' dħul fost il-bdiewa huwa kkaratterizzat bl-allokazzjoni ta' sehem kbir ta' pagamenti lil għadd pjuttost limitat ta' benefiċjarji kbar. ***B'mod indipendenti mit-tip ta' struttura tagħhom, jista' jiġri*** li l-benefiċjarji aktar kbar ma ***jkollhomx bżonn*** li jinkiseb l-istess livell ta' appoġġ unitarju bil-għan ta' appoġġ ta' dħul *bħall-benefiċjarji iżgħar.* Minbarra dan, il-potenzjal għal adattament jagħmilha aktar faċli għall-benefiċjarji aktar kbar biex joperaw *b'*livelli aktar baxxi ta' appoġġ unitarju. Għaldaqstant jidher li tkun ħaġa ġusta li wieħed jistenna li l-bdiewa ***li, meta wieħed iqis l-ammont ta' salarji ta' kull intrapriża kkonċernata, igawdu minn*** ammonti għoljin ta' appoġġ*,* jagħtu kontribut partikolari għall-finanzjament ta' miżuri għall-iżvilupp rurali li jindirizzaw sfidi ġodda. Għaldaqstant, jidher xieraq li jiġi stabbilit mekkaniżmu li *jipprevedi tnaqqis akbar* tal-pagamenti l-aktar għoljin*, u* li *l-flus ffrankati minħabba dan it-tnaqqis għandhom jintużaw ukoll* biex jiġu ttrattati l-isfidi ġodda fil-qafas ta' l-iżvilupp rurali. Biex tiġi żgurata l-proporzjonalità ta' dan il-mekkaniżmu*, it-tnaqqis* addizzjonali għandu jiżdied progressivament skond l-ammonti tal-pagamenti konċernati. |

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi evitat it-tnaqqis tal-persunal u l-ispustjar ta' strutturi żviluppati u kompetittivi.*

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8(a) (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8 a) Barra minn hekk, se jkun hemm bżonn li l-Istati Membri jkollhom disponibbli appoġġ speċifiku biex jaffaċjaw l-isfidi l-ġodda li jirriżultaw mill-effetti tal-kontrolli tas-saħħa tal-Politika Agrikola Komuni.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Biex il-bdiewa jkunu megħjuna jilħqu *livelli* ta' *l-agrikoltura* moderna u ta' kwalità għolja, jeħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu sistema komprensiva li toffri konsulenza ***lill-farms kummerċjali***. Is-sistema konsultattiva għall-farms għandha tgħin lill-bdiewa ***jsiru*** iktar konxji ta' kurrenti materjali u proċessi tal-biedja relatati ma' l-ambjent, sikurezza ta' l-ikel, saħħa u benessri ta' l-annimali mingħajr bl-ebda mod ma jkunu affettwati l-obbligazzjoni u r-responsabbiltà tagħhom li jirrispettaw dawk *il-livelli*. | (16) Biex il-bdiewa jkunu megħjuna jilħqu *l-istandards* ta' *agrikoltura* moderna u ta' kwalità għolja, jeħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu sistema komprensiva li toffri konsulenza ***lill-bdiewa kollha***. Is-sistema konsultattiva għall-farms għandha tgħin lill-bdiewa ***biex jipproduċu b'mod effettiv u li jrendi qligħ u biex isiru*** iktar konxji ta' kurrenti materjali u proċessi tal-biedja relatati ma' l-ambjent, sikurezza ta' l-ikel, saħħa u benessri ta' l-annimali mingħajr bl-ebda mod ma jkunu affettwati l-obbligazzjoni u r-responsabbiltà tagħhom li jirrispettaw dawk *l-istandards*. |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) L-amministrazzjoni ta' ammonti żgħar huwa kompitu ta' piż għall-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri. ***Biex jiġu evitati piżijiet amministrattivi żejda huwa xieraq li l-Istati Membri jastjenu milli jikkonċedu pagamenti diretti fejn il-pagament ikun aktar baxx mill-appoġġ medju Komunitarju għal ettaru wieħed jew inkella fejn iż-żona eliġibbli ta' l-istabbiliment agrikolu li għaliha qed jintalab l-appoġġ ikopri anqas minn ettaru wieħed. Għandha ssir dispożizzjoni speċjali għal dawk l-Istati Membri li l-istruttura tal-farm tagħhhom tvarja b'mod sinifikanti minn dik medja tal-Komunità. L-Istati Membri għandhom jingħataw id-diskrezzjoni li jagħżlu l-implimentazzjoni ta' waħda miż-żewġ kriterji billi jqisu l-partikolaritajiet ta' l-istrutturi ta' l-ekonomiji agrikoli tagħhom. Peress li ġew allokati d-drittijiet ta' pagamenti speċjali lil bdiewa b'hekk imsejħa stabbilimenti "bla artijiet", l-applikazzjoni tal-limitu bbażat fuq ettaru ikun mingħajr effett. Għaldaqstant bdiewa bħal dawn għandhom ikunu suġġetti għall-ammont medju minimu bbażat fuq l-appoġġ.*** | (19) L-amministrazzjoni ta' ammonti żgħar huwa kompitu ta' piż għall-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri. ***L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jagħtux pagamenti diretti li jkun anqas minn livell minimu li għad irid jiġi stabbilit.*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) *Pagamenti pprovduti taħt skemi ta' appoġġ Komunitarji għandhom isiru, bis-sħiħ, mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali* lill-benefiċjarji, mingħajr | (21) *L-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom iħallsu l-pagamenti kollha previsti taħt skemi Komunitarji ta' appoġġ* lill-benefiċjarji, mingħajr preġudizzju għat- |

| | |
|---|---|
| preġudizzju għat-tnaqqis *ipprovdut* f'dan ir-Regolament, u fi żmien il-perjodi preskritti. Sabiex il-ġestjoni tal-pagamenti diretti tkun aktar flessibbli, l-Istati Membri għandhom jitħallew iħallsu pagamenti diretti mqassma f'żewġ ħlasijiet kull sena. | tnaqqis *previst* f'dan ir-Regolament, u fi żmien il-perjodi preskritti. Sabiex il-ġestjoni tal-pagamenti diretti tkun aktar flessibbli, l-Istati Membri għandhom jitħallew iħallsu pagamenti diretti mqassma f'żewġ ħlasijiet kull sena***, sabiex minn naħa, fil-każ ta' dewmien, ikunu jistgħu jitħallsu l-interessi skont ir-rata fis-seħħ fis-suq u min-naħa l-oħra, skont il-bżonnijiet tas-settur, biex tingħatalhom ċertu flessibilità biex jiddeċiedu d-dati tal-ħlas.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ġie nnotat dewmien fil-pagamenti waqt is-sena kalendarja li għaddiet. F'dan it-tip ta' sitwazzjoni, il-bdiewa għandhom tal-anqas jirċievu xi kumpens.*

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(23) Sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-politika agrikola komuni, l-iskemi komuni ta' l-appoġġ għandhom jiġu aġġornati għall-iżviluppi li jsiru, fejn meħtieġ fil-limiti ta' żmien qosra. Għaldaqstant, il-benefiċjarji ma jistgħux iserrħu fuq il-fatt li l-kundizzjonijiet għall-għajnuna mhux ser jinbidlu u għandhom ikunu ppreparati għal reviżjoni possibli ta' l-iskemi fid-dawl ta' l-iżviluppi ekonomiċi jew tal-qagħda tal-baġit.*** | ***imħassra*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23 a) L-ewwel pilastru tal-Politika Agrikola Komuni għandu jinżamm fil-ġejjieni sabiex jiggarantixxi l-irwol ewlieni tal-bidwi bħala l-mutur tal-ekonomija f'diversi reġjuni rurali, bħala l-għassies tal-pajsaġġ u bħala garanti tal-istandards għoljin tas-sikurezza alimentari meħtieġa mill-UE.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Tnaqqis sistematiku fl-għajnuniet diretti għall-bdiewa jista' jnaqqas il-profitabilità tagħhom b'mod sinifikanti, u jikkomprometti s-sopravvivenza ta' ħafna farms. L-Unjoni Ewropea għandha tagħti prijorità lill-awtosuffiċjenza alimentari tagħha għall-futur.*

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 stabbilixxa skema ta' pagament uniku li għaqqad id-diversi mekkaniżmi ta' appoġġ eżistenti f'skema unika ta' pagamenti diretti diżakkoppjati. L-esperjenza ta' l-applikazzjoni ta' l-iskema ta' pagament uniku turi li fiha ċerti elementi li jistgħu jiġu ssimplifikati għall-benefiċċju tal-bdiewa u l-amministrazzjonijiet. Barra minn hekk, peress li sadanittant ġiet implimentata l-iskema ta' pagament uniku mill-Istati Membri kollha li *kienu mitluba* jagħmlu hekk, għadd ta' dispożizzjonijiet marbutin ma' l-implimentazzjoni inizjali tagħha skadew u għalhekkk dawn għandhom jiġu adattati. F'dan il-kuntest, f'xi każijiet ġie osservat nuqqas sinifikanti fl-użu tad-drittijiet għall-pagamenti. Biex | (24) Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 stabbilixxa skema ta' pagament uniku li għaqqad id-diversi mekkaniżmi ta' appoġġ eżistenti f'skema unika ta' pagamenti diretti diżakkoppjati. L-esperjenza ta' l-applikazzjoni ta' l-iskema ta' pagament uniku turi li fiha ċerti elementi li jistgħu jiġu ssimplifikati għall-benefiċċju tal-bdiewa u l-amministrazzjonijiet. Barra minn hekk, peress li sadanittant ġiet implimentata l-iskema ta' pagament uniku mill-Istati Membri kollha li *ntalbu* jagħmlu hekk, għadd ta' dispożizzjonijiet marbutin ma' l-implimentazzjoni inizjali tagħha skadew u għalhekkk dawn għandhom jiġu adattati. F'dan il-kuntest, f'xi każijiet ġie osservat nuqqas sinifikanti fl-użu tad-drittijiet għall-pagamenti. Biex sitwazzjoni |

| | |
|---|---|
| sitwazzjoni bħal din tiġi evitata u ***meta wieħed iqis li l-bdiewa diġà huma familjari mal-funzjonament ta' l-iskema ta' pagament uniku,*** il-perjodu ***stabbilit fil-bidu*** biex id-drittijiet għall-pagamenti mhux użati jerġgħu lura lir-riżerva nazzjonali għandu ***jonqos għal sentejn***. | bħal din tiġi evitata, il-perjodu ***previst*** biex id-drittijiet għall-pagamenti mhux użati jerġgħu lura lir-riżerva nazzjonali għandu ***jiġi stabbilit għal tliet snin***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Sentejn huwa żmien qasir wisq, jaqbel li jiddaħħal mill-ġdid il-limitu ta' tliet snin stipulat fir-Regolament (KE) nru 1782/2003.*

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (27) Is-serħan obbligatorju ta' l-artijiet li jinħadmu ġie introdott bħala mekkaniżmu għall-kontroll tal-provvista. *L-iżviluppi* fis-suq tas-settur ta' l-uċuħ tar-raba' kkultivati flimkien ma' l-introduzzjoni ta' għajnuniet diżakkoppjati *l-ħtieġa* għaż-żamma ta' dan l-istrument m'għadhiex iġġustifikata, u għaldaqstant għandu jitneħħa. ***Għandhom għalhekk jiġu attivati d-drittijiet*** għas-serħan ta' l-artijiet stabbiliti f'konformità ma' l-Artikoli 53 u 63(2) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 ***fir-rigward ta' l-ettari li jkunu soġġetti għall-istess kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà bħal ta' kwalunkwe dritt ieħor***. | (27) Is-serħan obbligatorju ta' l-artijiet li jinħadmu ġie introdott bħala mekkaniżmu għall-kontroll tal-provvista. *Minħabba l-iżviluppi* fis-suq tas-settur ta' l-uċuħ tar-raba' kkultivati flimkien ma' l-introduzzjoni ta' għajnuniet diżakkoppjati*, il-ħtieġa* għaż-żamma ta' dan l-istrument m'għadhiex iġġustifikata, u għaldaqstant għandu jitneħħa. ***Id-drittijiet*** għas-serħan ta' l-artijiet stabbiliti f'konformità ma' l-Artikoli 53 u 63(2) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 ***għandhom għalhekk isiru drittijiet normali*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda intenzjonata biex titfa' dawl fuq l-inċertezza legali dwar il-futur tad-drittijiet ta' serħan tal-artijiet u biex tiggarantixxi li kull "tikketta" li tista' takkumpanja dan it-tip ta' drittijiet titħassar.*

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (28) Wara l-integrazzjoni fl-iskema ta' pagament uniku ta' l-appoġġ tas-suq li qabel kien akkoppjat, il-valur tad-drittijiet għall-pagamenti, f'dawk l-Istati Membri li ħadu l-għażla ta' implimentazzjoni storika, kien ibbażat fuq il-livell individwali ta' l-appoġġ tal-passat. *Wara snin dejjem jiżdiedu* minn meta ġiet introdotta l-iskema ta' pagament uniku u wara l-integrazzjoni sussegwenti ta' aktar setturi fl-iskema ta' pagament uniku, qed issir ħaġa dejjem aktar diffiċli biex tiġi ġġustifikata l-leġittimità tad-differenzi individwali sinifikanti fil-livell ta' l-appoġġ li huwa bbażat biss fuq l-appoġġ tal-passat. Għal din ir-raġuni l-Istati Membri li kienu għażlu l-implimentazzjoni storika għandhom taħt ċerti kundizzjonijiet jitħallew jirrevedu d-drittijiet għall-pagamenti allokati bil-għan li l-valur ta' l-unità tagħhom jiġi approssimat filwaqt li jkunu rispettati l-prinċipji ġenerali tal-leġiżlazzjoni komunitarja u l-għanijiet tal-Politika Agrikola Komuni. F'dan il-kuntest l-Istati Membri jistgħu iqisu l-ispeċifiċitajiet taż-żoni ġeografiċi meta jistabbilixxu l-valuri li joqorbu aktar. *L-ibbilanċjar* tad-drittijiet għall-pagamenti għandu jsir waqt perjodu ta' tranżizzjoni adegwat u fi ħdan firxa limitata ta' tnaqqis sabiex il-bdiewa jitħallew jadattaw b'mod raġonevoli għal-livelli varjabbli ta' appoġġ.. | (28) Wara l-integrazzjoni fl-iskema ta' pagament uniku ta' l-appoġġ tas-suq li qabel kien akkoppjat, il-valur tad-drittijiet għall-pagamenti, f'dawk l-Istati Membri li ħadu l-għażla ta' implimentazzjoni storika, kien ibbażat fuq il-livell individwali ta' l-appoġġ tal-passat. *Minħabba li qed jgħaddu dejjem aktar snin* minn meta ġiet introdotta l-iskema ta' pagament uniku u wara l-integrazzjoni sussegwenti ta' aktar setturi fl-iskema ta' pagament uniku, qed issir ħaġa dejjem aktar diffiċli biex tiġi ġġustifikata l-leġittimità tad-differenzi individwali sinifikanti fil-livell ta' l-appoġġ li huwa bbażat biss fuq l-appoġġ tal-passat. Għal din ir-raġuni l-Istati Membri li kienu għażlu l-implimentazzjoni storika għandhom taħt ċerti kundizzjonijiet jitħallew jirrevedu d-drittijiet għall-pagamenti allokati bil-għan li l-valur ta' l-unità tagħhom jiġi approssimat filwaqt li jkunu rispettati l-prinċipji ġenerali tal-leġiżlazzjoni komunitarja u l-għanijiet tal-Politika Agrikola Komuni. F'dan il-kuntest l-Istati Membri jistgħu iqisu l-ispeċifiċitajiet taż-żoni ġeografiċi meta jistabbilixxu l-valuri li joqorbu aktar. *Il-livellar* tad-drittijiet għall-pagamenti għandu jsir waqt perjodu ta' tranżizzjoni adegwat ***skont ir-ritmu magħżul minn kull Stat Membru*** u fi ħdan firxa limitata ta' tnaqqis sabiex il-bdiewa jitħallew jadattaw b'mod raġonevoli għal-livelli varjabbli ta' appoġġ. |

*Ġustifikazzjoni*

*Ikun jaqbel li titħalla aktar flessibilità lill-Istati Membri.*

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 29(a) (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(29 a) Is-sistema ta' kundizzjonalità u/jew il-Politika Agrikola Komuni probabbilment se jkunu jeħtieġu aktar aġġustamenti fil-futur, peress li l-livell tal-pagamenti mhux dejjem jidher li hu proporzjonat ma' l-isforzi magħmula mill-bdiewa kkonċernati biex jirrispettaw ir-regoli, peress li l-pagamenti għadhom jiddependu ħafna fuq l-infiq storiku. Hu evidenti li l-leġiżlazzjoni dwar il-benessri tal-annimali hija partikolarment ta' piż għall-bdiewa li jrabbu l-bhejjem, u dan ma jidhirx fil-livell tal-pagamenti tagħhom. Madankollu, jekk il-prodotti importati għandhom jilħqu l-istess standards fir-rigward tal-benesseri ta' l-annimali, allura ma jkunx hemm il-bżonn li l-bdiewa jiġu kkumpensati għall-konformità tagħhom mal-leġiżlazzjoni Komunitarja f'dan il-qasam. Il-Kummissjoni għandha għalhekk taħdem għar-rikonoxximent ta' kwistjonijiet mhux kummerċjali bħall-kriterji tal-importazzjoni fi ħdan in-negozjati tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Integrazzjoni mill-ġdid tal-emenda adottata mill-Parlament Ewropew bħala parti mir-rapport T6-0598/2007 tal-11 ta' Diċembru 2007 bit-titolu "CAP: regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett u ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u appoġġ għall-iżvilupp rurali".*

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (30) Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003, filwaqt li jdaħħal l-iskema ta' pagament uniku diżakkoppjat jippermetti lill-Istati Membri jeskludu ċerti pagamenti minn dik l-iskema. Fl-istess ħin l-Artikolu 64(3) ta' dak ir-Regolament *ipprovda għar-reviżjoni* ta' l-għażliet li hemm *ipprovduti* fit-Taqsimiet 2 u 3 tal-Kapitolu 5 tat-Titoli II, fir-rigward ta' żviluppi strutturali u tas-suq. Analiżi ta' l-esperjenza rilevanti turi li d-diżakkoppjar ***idaħħal*** flessibbiltà fl-għażla tal-produtturi, ***u jiffaċilita*** t-teħid tad-deċiżjoniet tagħhom dwar il-produzzjoni fuq il-bażi tal-*gwadann* u tar-reazzjoni fis-suq. ***Dan huwa l-każ partikolarment għall-uċuħ tar-raba' kkultivati, is-setturi tal-ħopps u taż-żrieragħ, kif ukoll sa ċertu punt, is-settur taċ-ċanga.*** Għaldaqstant, ***il-pagamenti parzjalment akkoppjati f'dawn is-setturi għandhom jiġu integrati fl-iskem ta' pagament uniku***. ***Sabiex il-bdiewa fis-settur tal-laħam taċ-ċanga ikunu jistgħu jadattaw gradwalment għall-arranġamenti ta' appoġġ ġodda għandu jkun hemm provvediment għad-dħul f'fażijieti ta' l-integrazzjoni tal-primjum speċjali għall-annimali maskili u l-primjums għall-qatla.*** Peress li l-pagamenti parzjalment akkoppjati fis-setturi tal-frott u tal-ħaxix iddaħħlu biss dan l-aħħar, u bħala miżura ta' tranżizzjoni biss, ma' hi meħtieġa l-ebda reviżjoni ta' tali skemi. | (30) Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003, filwaqt li jdaħħal l-iskema ta' pagament uniku diżakkoppjat jippermetti lill-Istati Membri jeskludu ċerti pagamenti minn dik l-iskema. Fl-istess ħin l-Artikolu 64(3) ta' dak ir-Regolament *ippreveda r-reviżjoni* ta' l-għażliet li hemm *previsti* fit-Taqsimiet 2 u 3 tal-Kapitolu 5 tat-Titoli II, fir-rigward ta' żviluppi strutturali u tas-suq. Analiżi ta' l-esperjenza rilevanti turi li d-diżakkoppjar ***jista' jiggarantxxi*** flessibbiltà fl-għażla tal-produtturi, ***li kieku tiffaċilita*** t-teħid tad-deċiżjoniet tagħhom dwar il-produzzjoni fuq il-bażi tal-gwadann u tar-reazzjoni fis-suq. Għaldaqstant ***hu mixtieq li dawk l-Istati Membri li jiddeċiedu li jkomplu jiddiżakkoppjaw l-għajnuna jkunu awtorizzati jagħmlu dan.*** Peress li l-pagamenti parzjalment akkoppjati fis-setturi tal-frott u tal-ħaxix iddaħħlu biss dan l-aħħar, u bħala miżura ta' tranżizzjoni biss, ma' hi meħtieġa l-ebda reviżjoni ta' tali skemi. |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 31(a) (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(31 a) Hemm bżonn li jiġu adottati miżuri speċifiċi biex jgħinu lis-settur tan-nagħaġ, li sejjer lura attwalment. Jaqbel li jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Ġunju 2008 dwar il-ġejjieni tas-setturi tan-nagħaġ u l-mogħoż fl-Ewro.*** |
| | ***[1] Testi adottati ta' dik id-data, P6_TA(2008)0310.*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 32**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (32) F'każijiet definiti b'mod ċar l-Istati Membri għandhom jitħallew jużaw sa 10% tal-limiti massimi tagħhom għall-għoti ta' l-appoġġ speċifiku. Tali appoġġ għandu jippermetti lill-Istati Membri jindirizzaw kwistjonijiet ambjentali u jtejbu l-kwalità u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli. Għandu jkun hemm disponibbli wkoll appoġġ speċifiku bħala protezzjoni kontra l-konsegwenzi tat-tneħħija tal-kwoti tal-ħalib u tad-diżakkoppjar ta' l-appoġġ f'setturi li huma partikolarment sensittivi. ***Minħabba l-importanza dejjem tikber tal-ġestjoni tar-riskji effettiva l-Istati Membri għandhom jingħataw l-għażla li jikkontribwixxu finanzarjament għall-primjums li l-bdiewa jħallsu għall-assigurazzjoni ta' l-uċuħ kif ukoll għall-finanzjament tal-kumpens finanzjarju ta' xi telf ekonomiku minħabba każijiet ta' mard ta' l-annimali jew tal-pjanti.*** Bil-għan li jiġu rispettati l-obbligi | (32) F'każijiet definiti b'mod ċar l-Istati Membri għandhom jitħallew jużaw sa 10% tal-limiti massimi tagħhom għall-għoti ta' l-appoġġ speċifiku. Tali appoġġ għandu jippermetti lill-Istati Membri jindirizzaw kwistjonijiet ambjentali u jtejbu l-kwalità u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli. Għandu jkun hemm disponibbli wkoll appoġġ speċifiku bħala protezzjoni kontra l-konsegwenzi tat-tneħħija tal-kwoti tal-ħalib u tad-diżakkoppjar ta' l-appoġġ f'setturi li huma partikolarment sensittivi. Bil-għan li jiġu rispettati l-obbligi internazzjonali tal-Komunità r-riżorsi li jistgħu jintużaw għal kwalunkwe miżura ta' appoġġ akkoppjat għandhom ikunu limitati fuq livell xieraq. |

| | |
|---|---|
| internazzjonali tal-Komunità r-riżorsi li jistgħu jintużaw għal kwalunkwe miżura ta' appoġġ akkoppjat għandhom ikunu limitati fuq livell xieraq. ***Skond dan għandhom jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet applikabbli għall-kontributi finanzjarji għall-assigurazzjoni ta' l-uċuħ u l-kumpens relatat mal-mard ta' l-annimali jew tal-pjanti.*** | |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 32 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(32 a) Meta wieħed iqis l-importanza dejjem tikber ta' ġestjoni tar-riskji effettiva, l-Istati Membri għandhom jiġu awtorizzati biex jużaw proporzjon supplimentari massima ta' 5% tal-limiti massimi tagħhom sabiex jingħata appoġġ lill-bdiewa jew lil organizzazzjonijiet jew gruppi ta' produtturi fil-forma ta' kontributi finanzjarji għall-ispejjeż marbuta mal-primjums ta' assigurazzjoni u l-fondi reċiproċi.*** |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 36**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (36 ) Id-diżakkoppjar ta' l-appoġġ dirett u l-introduzzjoni ta' l-iskema ta' pagament uniku kienu jikkostitwixxu elementi essenzjali fil-proċess tar-riforma tal-politika agrikola komuni. Madankollu, matul is-sena 2003 għal diversi raġunijiet qamet il-ħtieġa għal talba ta' appoġġ speċifiku għal ċertu numru ta' uċuħ. L- | (36) Id-diżakkoppjar ta' l-appoġġ dirett u l-introduzzjoni ta' l-iskema ta' pagament uniku kienu jikkostitwixxu elementi essenzjali fil-proċess tar-riforma tal-politika agrikola komuni. Madankollu, matul is-sena 2003 għal diversi raġunijiet qamet il-ħtieġa għal talba ta' appoġġ speċifiku għal ċertu numru ta' uċuħ. L- |

esperjenza miksuba mill-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 flimkien ma' l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni fis-suq tindika li skemi li fl-2003 tħallew barra mill-iskema ta' pagament uniku issa jistgħu jiġu integrati f'din l-iskema bil-għan tal-promozzjoni ta' agrikoltura aktar sostenibbli u orjentata għas-suq. Dan hu l-każ partikolarment għas-settur taż-żejt taż-żebbuġ, li fih ġie applikat akkoppjar marġinali *biss Huwa* l-każ ukoll għall-pagamenti tal-qamħ tad-durum, ***l-uċuħ ta' proteina,*** ir-ross, il-lamtu tal-patata, u l-ġewż, għaliex hawnhekk l-effettività dejjem tonqos tal-pagamenti akkoppjati li fadal, iżżid l-appoġġ għall-għażla tad-diżakkoppjar. ***Fil-każ tal-kittien huwa xieraq ukoll li jitneħħa l-appoġġ għall-ipproċessar u li l-ammonti rilevanti jiġu integrati fl-iskema ta' pagament uniku.*** Fir-rigward tar-ross, ***l-għalf imnixxef,*** il-lamtu tal-patata u l-kittien għandu jiġi pprovdut perjodu ta' tranżizzjoni biex jiġi żgurat it-trasferiment tagħhom lejn appoġġ diżakkoppjat kemm jista' jkun mingħajr l-ebda xkiel. Fir-rigward tal-ġewż, l-Istati Membri għandhom jitħallew ikomplu jħallsu s-sehem nazzjonali ta' l-għajnuna b'mod akkoppjat sabiex jipproteġu kontra l-effetti tad-diżakkoppjar.

esperjenza miksuba mill-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 flimkien ma' l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni fis-suq tindika li skemi li fl-2003 tħallew barra mill-iskema ta' pagament uniku issa ***jkunu*** jistgħu jiġu integrati f'din l-iskema***, skont l-għażla tal-Istati Membri,*** bil-għan tal-promozzjoni ta' agrikoltura aktar sostenibbli u orjentata għas-suq. Dan hu l-każ partikolarment għas-settur taż-żejt taż-żebbuġ, li fih ġie applikat akkoppjar marġinali *biss. Huwa* l-każ ukoll għall-pagamenti tal-qamħ tad-durum, ir-ross, il-lamtu tal-patata, u l-ġewż, għaliex hawnhekk l-effettività dejjem tonqos tal-pagamenti akkoppjati li fadal, iżżid l-appoġġ għall-għażla tad-diżakkoppjar. Fir-rigward tar-ross, l-għalf imnixxef, il-lamtu tal-patata u l-kittien għandu jiġi pprovdut perjodu ta' tranżizzjoni biex jiġi żgurat it-trasferiment tagħhom lejn appoġġ diżakkoppjat kemm jista' jkun mingħajr l-ebda xkiel. Fir-rigward tal-ġewż, l-Istati Membri għandhom jitħallew ikomplu jħallsu s-sehem nazzjonali ta' l-għajnuna b'mod akkoppjat sabiex jipproteġu kontra l-effetti tad-diżakkoppjar.

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 37**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (37) Bħala riżultat ta' l-integrazzjoni ta' l-iskemi ġodda fl-iskema ta' pagament uniku, għandha ssir dispożizzjoni għall-kalkolu tal-livell ġdid ta' l-appoġġ ta' dħul individwali taħt dik l-iskema. Fil-każ tal-ġewż, il-lamtu tal-patata, ***il-kittien u l-*** | (37) Bħala riżultat ta' l-integrazzjoni ta' l-iskemi ġodda fl-iskema ta' pagament uniku, għandha ssir dispożizzjoni għall-kalkolu tal-livell ġdid ta' l-appoġġ ta' dħul individwali taħt dik l-iskema. Fil-każ tal-ġewż, il-lamtu tal-patata ***u l-kittien***, it-tali |

***għalf imnixxef***, it-tali żieda għandha tingħata abbażi ta' l-appoġġ li jkunu ***rċevew il-bdiewa*** fis-snin l-aktar reċenti. Madankollu, fil-każ ta' l-integrazzjoni tal-pagamenti li s'issa kienu parzjalment esklużi mill-iskema ta' pagament uniku, l-Istati Membri għandhom jingħataw l-għażla li jużaw il-perjodi ta' referenza oriġinali.

żieda għandha tingħata abbażi ta' l-appoġġ ***jew tal-kwoti ta' produzzjoni*** li jkunu ***ngħataw lill-bdiewa*** fis-snin l-aktar reċenti. Madankollu, fil-każ ta' l-integrazzjoni tal-pagamenti li s'issa kienu parzjalment esklużi mill-iskema ta' pagament uniku, l-Istati Membri għandhom jingħataw l-għażla li jużaw il-perjodi ta' referenza oriġinali.

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 38**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (38) Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jistabbilixxi appoġġ speċifiku għall-uċuħ ta' enerġija bil-għan li jservi ta' għajnuna għas-settur biex dan jiżviluppa. Minħabba żviluppi reċenti fis-settur tal-bijoenerġija u, b'mod partikolari, minħabba d-domanda qawwija għal prodotti bħal dawn fis-swieq internazzjonali u l-introduzzjoni ta' miri obbligatorji fir-rigward tas-sehem tal-bijoenerġija tal-fjuwil totali sa l-2020 ma hemmx raġuni sinifikanti għall-għoti ta' appoġġ ***speċifiku*** għall-uċuħ ta' enerġija. | (38) Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jistabbilixxi appoġġ speċifiku għall-uċuħ ta' enerġija bil-għan li jservi ta' għajnuna għas-settur biex dan jiżviluppa. Minħabba żviluppi reċenti fis-settur tal-bijoenerġija u, b'mod partikolari, minħabba d-domanda qawwija għal prodotti bħal dawn fis-swieq internazzjonali u l-introduzzjoni ta' miri obbligatorji fir-rigward tas-sehem tal-bijoenerġija tal-fjuwil totali sa l-2020 ma hemmx raġuni sinifikanti għall-għoti ta' appoġġ ***akkopjat*** għall-uċuħ ta' enerġija. ***L-ammonti relevanti għandhom, għalhekk, fil-futur jiġu ttrasferiti għall-iskema ta' appoġġ uniku.*** |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 - punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| d) skemi ta' appoġġ għall-bdiewa li jipproduċu r-ross, il-patata tal-lamtu, ***il-qoton,*** iz-zokkor, il-frott u l-ħaxix, il-laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż u ċ-ċanga u l- | d) skemi ta' appoġġ għall-bdiewa li jipproduċu r-ross, ***l-uċuħ tal-proteini,*** il-patata tal-lamtu, il-qoton, iz-zokkor, il-frott u l-ħaxix, ***tat-tabakk,*** il-laħam tan-nagħaġ |

| | |
|---|---|
| vitella; | u tal-mogħoż u ċ-ċanga u l-vitella; |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| a) "bidwi" tfisser persuna naturali jew legali, jew grupp ta' persuni naturali jew legali, hu x'inhu l-istatus legali mogħti lil dan il-grupp u lill-membri tiegħu mil-liġi nazzjonali, li l-ażjenda tiegħu tinsab f'territorju tal-Komunità, kif imsemmi fl-Artikolu 299 tat-Trattat, u li jeżerċita attività agrikola; | a) "bidwi" tfisser persuna naturali jew legali, jew grupp ta' persuni naturali jew legali, hu x'inhu l-istatus legali mogħti lil dan il-grupp u lill-membri tiegħu mil-liġi nazzjonali, li l-ażjenda tiegħu tinsab f'territorju tal-Komunità, kif imsemmi fl-Artikolu 299 tat-Trattat, u li jeżerċita attività agrikola ***li tipprovdielu l-biċċa l-kbira tad-dħul tiegħu***; |

*Ġustifikazzjoni*

*Spjegazzjoni ta' dan it-tip tippermetti li jiġi żgurat li l-appoġġ jingħata lil persuni li realment ikunu qegħdin iwettqu attività agrikola, biex b'hekk tkun tista'tiġi salvagwardjata l-istruttura soċjoekonomika, li hi vitali, speċjalment f'ċertu nħawi.*

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – punt a a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***a a) "bidwi li jkun intitolat għall-pagamenti" tfisser bidwi li ġie allokat drittijiet għall-pagamenti, jew inkella li dawn ġew trasferiti lilu b'mod definittiv;*** |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu f a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***f a) "reġjun" tfisser Stat Membru, reġjun ġo Stat Membru jew zona ġeografika ġo Stat Membru b'karatteristiċi speċifiċi u/jew żvantaġġi strutturali speċifiċi, skont l-għażla ta' l-Istat Membru kkonċernat;*** |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Bidwi li jirċievi pagamenti diretti għandu jirrispetta *kundizzjonijiet* amministrattivi statutorji elenkati fl-Anness II, u l-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba stabbilita bl-Artikolu 6. | 1. Bidwi li jirċievi pagamenti diretti għandu jirrispetta *l-kundizzjonijiet* amministrattivi statutorji elenkati fl-Anness II, u l-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba stabbilita bl-Artikolu 6, ***sakemm ma jkunx imprattiku u sproporzjonat li dan isir***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-prinċipju li l-proċeduri jiġu simplifikati permezz ta' konformità reċiproka (cross-compliance) hija f'kunflitt ma' din id-dispożizzjoni, li tintroduċi mill-ġdid burokrazija u piż mhux meħtieġ. Ħafna mill-kriterji meħtieġa diġà huma koperti minn dispożizzjonijiet eżistenti ta' l-UE.*

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1 a. Kull bidwi li jirċievi pagamenti diretti hu marbut li jirrispetta r-regoli ta' sigurt fuq il-post tax-xogħol u anke r-regoli kuntrattwali previsti mill-Istat Membru*** |

| | |
|---|---|
| | ***kkonċernat.*** |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikoku 5 – paragrafu 1 – punt a a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***a a) sikurezza fuq il-post tax-xogħol,*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Din id-dispożizzjoni, li kienet ġiet inkluża fil-proposta ta' riforma tal-Kummissjoni ta' l-2003, għandha tiddaħħal mill-ġdid.*

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-art agrikola kollha, speċjalment art li m'għadhiex tintuża għall-skopijiet tal-produzzjoni, tinżamm f'kundizzjoni agrikola and ambjentali tajba. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu, fuq livell nazzjonali jew reġjonali, il-kundizzjonijiet minimi għall-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba ***fuq il-bażi tal-qafas stabbilit*** fl-Anness III, ***wara li jkunu tqiesu l-karatteristiċi*** speċifiċi ta' ż-żoni konċernati, inklużi l-kundizzjonijiet tal-ħamrija u klimatiċi, sistemi tal-biedja eżistenti, użu ta' l-art, newba ta' l-uċuħ tar-raba', prattiċi tal-biedja, u strutturi tal-farms. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-art agrikola kollha, speċjalment art li m'għadhiex tintuża għall-skopijiet tal-produzzjoni, tinżamm f'kundizzjoni agrikola and ambjentali tajba. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu, fuq livell nazzjonali jew reġjonali, il-kundizzjonijiet minimi għall-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba ***waqt li jitqiesu t-temi previsti*** fl-Anness III ***u l-linji gwida tal-Kummissjoni u/jew standards oħra konsistenti man-natura proprja ta' l-industrija tal-biedja***, ***il-karatteristiċi*** speċifiċi ta' ż-żoni konċernati, inklużi l-kundizzjonijiet tal-ħamrija u klimatiċi, sistemi tal-biedja eżistenti, użu ta' l-art, newba ta' l-uċuħ tar-raba', prattiċi tal-biedja, u strutturi tal-farms. ***Dawn ir-rekwiżiti minimi huma adattati għal kull sitwazzjoni u jinżammu skont l-aħjar*** |

***effettività tagħhom (rikonoxxuta mir-riċerka xjentifika u l-esperjenza applikata) mill-prospettiva agronomika u ambjentali.***

***It-tieni kolonna tal-Anness III tinkludi standards fakultattivi u l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu huma jekk jirrikorrux għalihom jew le. Barra minn hekk, il-miżuri li ttieħdu huma msejsa fuq il-leġiżlazzjoni Komunitarja fis-seħħ u m'għandu jiżdied magħhom l-ebda obbligu supplimentari.***

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 6 a*** |
| | ***Kull Stat Membru għandu l-libertà li jimplimenta kundizzjonalità "bonus" li tagħti punti "bonus" lill-bdiewa għal azzjonijiet li javvantaġġjaw lill-bijodiversità implimentati apparti l-obbligi li jirriżultaw minn kundizzjonalitajiet agroambjentali tajbin. L-azzjonijiet eliġibbli taħt dawn il-punti għandhom ikunu definiti minn kull Stat Membru. Il-punti bonus jistgħu jintużaw sabiex jikkumpensaw għall-punti ta' penalità li jkunu nkisbu fil-qasam tal-kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajbin imsemmija fl-Artikolu 6. Il-mekkaniżmi ta' kumpens se jkunu definiti mill-Istati Membri.*** |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Article 6 b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 6 b*** |
| | ***Sigurtà tal-ikel*** |
| | ***L-Istati Membri għandhom joqogħdu attenti biex jagħtu l-prijorità lis-sigurtà tal-ikel nazzjonali u reġjonali, fil-kuntest ta' ġestjoni ekwilibrata u sostenibbli tal-art. Għal dan il-għan, minħabba li hu mbassar li se jkun hemm użu akbar tal-materja prima agrikola għall-produzzjoni tal-enerġija, għandhom iwettqu analiżi tas-sigurtà tal-ikel sabiex tiġi eskluża kull theddida għall-provvista.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Is-sigurtà tal-ikel hija wieħed mill-objettivi inklużi fl-Artikolu 33 tat-Trattat KE. Il-bidla fil-klima u ż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel li attwalment għaddejjha minnhom id-dinja kollha, reġgħu ġabu dan l-objettiv fil-qalba tal-attwalità. Minħabba f'hekk, għandu jidher ukoll fost ir-rekwiżiti regolamentari f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġestjoni.*

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-ammonti kollha ta' pagamenti diretti li ser jingħataw lil bidwi f'sena kalendarja partikolari għandhom *jiġu mnaqqsa* għal kull sena sa l-2012 bil-perċentwali li ġejjin: | 1. L-ammonti kollha ta' pagamenti diretti li ser jingħataw lil bidwi f'sena kalendarja partikolari ***li jkunu ogħla minn 5 000 EUR*** għandhom *jitnaqqsu* għal kull sena sa l-2012 bil-perċentwali li ġejjin: |
| (a) 2009: ***7%,***<br>(b) 2010: ***9%,***<br>(c) 2011: ***11%,***<br>(d) 2012: ***13%.*** | (a) 2009: ***6%,***<br>(b) 2010: ***6%,***<br>(c) 2011: *7%,*<br>(d) 2012: *7%.* |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri għandhom jieħdu ħsieb li kull żieda tal-modulazzjoni obbligatorja tkun akkumpanjata minn tnaqqis tal-modulazzjoni fakultattiva.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda intenzjonata biex tiżgura li l-bdiewa Ewropej kollha jkomplu jgawdu minn kundizzjonijiet ugwali u li ma jkunx hemm diskriminazzjoni kontra wħud minnhom minn politiki nazzjonali.*

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. It-tnaqqis msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiżdied: | 2. It-tnaqqis msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiżdied: |
| a) ***b'3 punti*** perċentwali għall-ammonti bejn *EUR 200 000* u *199,999*,<br>b) ***b'6 punti*** perċentwali għall-ammonti bejn EUR 200 000 u *299 999*,<br>c) ***b' 9 punti*** perċentwali għall-ammonti ta' EUR 300 000 jew aktar. | a) ***b'punt*** perċentwali għall-ammonti bejn *EUR 100 000* u *EUR 199 999*,<br>b) ***b'2 punti*** perċentwali għall-ammonti bejn EUR 200 000 u *EUR 299 999*,<br>c) ***b'3 punti*** perċentwali għall-ammonti ta' EUR 300 000 jew aktar. |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Id-dispożizzjonijiet previsti fil-paragrafu 1 japplikaw biss għall-pagamenti kompletament integrati fl-iskema ta' pagament uniku.*** |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-paragafi 1 u 2 ma japplikawx għall-pagamenti diretti mogħtija lill-bdiewa fid-dipartimenti barranin Franċiżi, fl-Ażores u l-Madeira, fil-Gżejjer Kanarji ***u*** Eġej. | 3. Il-paragafi 1 u 2 ma japplikawx għall-pagamenti diretti mogħtija lill-bdiewa fid-dipartimenti barranin Franċiżi, fl-Ażores u l-Madeira, fil-Gżejjer Kanarji***,*** *fil-Gżejjer* Eġej ***u fil-Gżejjer Jonji***. |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 11, l-ammonti totali nett ta' pagamenti diretti li jistgħu jingħataw lil Stat Membru fir-rigward ta' sena kalendarja wara l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 7 u 10 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 378/2007 ma għandhomx ikunu ogħla mil-limiti massimi nett stipulati fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament. Fejn hu neċessarju, biex jirrispettaw il-limiti massimi mniżżla fl-Anness IV, l-Istati Membri għandhom jipproċedu għal tnaqqis lineari ta' pagamenti diretti. | 1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 11, l-ammonti totali nett ta' pagamenti diretti li jistgħu jingħataw lil Stat Membru fir-rigward ta' sena kalendarja wara l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 7 u 10 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 378/2007 ma għandhomx ikunu ogħla mil-limiti massimi nett stipulati fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament. Fejn hu neċessarju, biex jirrispettaw il-limiti massimi mniżżla fl-Anness IV, l-Istati Membri għandhom jipproċedu għal tnaqqis lineari ***tal-ammonti*** ta' pagamenti diretti ***li japplika għalihom it-tnaqqis fil-modulazzjoni***. |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. F'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2), il-Kummissjoni | 2. F'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2), il-Kummissjoni***, kull*** |

| | |
|---|---|
| għandha ***tirrevedi*** l-limiti massimi stabbiliti fl-Anness IV sabiex jiġu meqjusa: | ***sena,*** għandha ***teżamina*** l-limiti massimi stabbiliti fl-Anness IV sabiex jiġu meqjusa: |
| a) il-modifikazzjonijiet fl-ammonti massimi li jistgħu jingħataw f'konformità mal-pagamenti diretti, | a) il-modifikazzjonijiet fl-ammonti massimi li jistgħu jingħataw f'konformità mal-pagamenti diretti, |
| ***b) il-modifikazzjonijiet fil-modulazzjoni volontarja msemmija fir-Regolament (KE) Nru 378/2007,*** | ***imħassar*** |
| c) tibdiliet strutturali fl-azjendi. | c) tibdiliet strutturali fl-azjendi***,*** |
| | ***u għandha tinforma lill-Parlament Ewropew b'dan.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Peress li hu diffiċli li jiġu previsti l-bżonnijiet finanzjarji reali għall-pagamenti diretti, qed jiġi propost li l-Kummissjoni, kull sena, terġa' teżamina l-limiti massimi relattivi għall-pagamenti diretti tal-Istati Membri u tqarribhom mal-bżonnijiet reali.*

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tat-tnaqqis ipprovdut fl-Artikolu 7, ġewwa kwalunkwe Stat Membru minbarra fl-Istati Membri l-ġodda, għandhom ikunu disponibbli ***bħala*** appoġġ Komunitarju ***addizzjonali għal*** miżuri ta' l-ipprogrammar rurali ffinanzjat taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) kif speċifikat fir-Regolament (KE) Nru 1698/2005, skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi li ġejjin | 1. L-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tat-tnaqqis ipprovdut fl-Artikolu 7, ġewwa kwalunkwe Stat Membru minbarra fl-Istati Membri l-ġodda, għandhom ikunu disponibbli ***għal*** appoġġ Komunitarju addizzjonali ***biex jiġi vvantaġġjati*** miżuri ta' l-ipprogrammar rurali ffinanzjat taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) kif speċifikat fir-Regolament (KE) Nru 1698/2005, skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi li ġejjin |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***L-Artikolu 7 għandu japplika biss għal bdiewa fi Stat Membru ġdid fi kwalunkwe sena kalendarja partikolari sakemm il-livell ta' pagamenti diretti applikabbli f'dak l-Istat Membru u għal dik is-sena kalendarja taħt l-Artikolu 110 ma jkunx taħt il-livell fl-Istati Membri minbarra fl-Istati Membri l-ġodda, filwaqt li jitqies kull tnaqqis applikat skond l-Artikolu 7(1).*** | 1. Il-modulazzjoni mhix obbligatorja għall-Istati Membri l-ġodda sal-mument meta jkunu rċevew il-pagamenti diretti kompluti. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-modulazzjoni m'għandhiex tiġi implimentata fl-Istati Membri l-ġodda qabel l-2013, jew aħjar, qabel ma jingħataw il-pagamenti diretti kompluti. Għandhom jitqiesu żewġ aspetti: minn naħa, il-livell baxx ta' appoġġ dirett mogħti meta mqabbel ma' dak li rċevew l-Istati Membri tal-UE-15 u, min-naħa l-oħra, il-fatt li dawn il-pagamenti għadhom mhux kompluti.*

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4.*** Kwalunkwe kumplament ta' l-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' l-Artikolu 7(1) u (2) għandhom jiġu allokati lill-Istat Membru fejn ġew iġġenerati l-ammonti korrispondenti, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2). ***Dawn għandhom jintużaw skond l-Artikolu 69(5a) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005.*** | ***4.*** Kwalunkwe kumplament ta' l-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' l-Artikolu 7(1) u (2) għandhom jiġu allokati lill-Istat Membru fejn ġew iġġenerati l-ammonti korrispondenti, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2). |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sistema ***konsultattiva għall-farms*** | Sistema ***ta' konsulenza u riċerka agrikola*** |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-attività ***konsultatttiva*** għandha talanqas tkopri l-kundizzjonijiet amministrattivi statutorji u *l-kundizzjoni agrikola* u ambjentali *tajba* msemmija fil-Kapitolu I. | 2. L-attività ***ta' konsulenza u ta' riċerka*** għandha talanqas tkopri l-kundizzjonijiet amministrattivi statutorji u *l-kundizzjonijiet agrikoli* u ambjentali *tajbin* msemmija fil-Kapitolu I ***u d-diffużjoni tal-modi ta' produzzjoni li jrendu qliegħ, li huma ekoloġikament sostenibbli, u li jaħlu inqas riżorsi naturali u spejjeż ta' produzzjoni (enerġija, inputs, eċċ.)***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kundizzjonalità għandha rwol utli, imma għandu jsir xogħol importanti biex il-bdiewa jiġu edukati sabiex ikunu jistgħu jimplimentaw il-mudelli l-ġodda ta' produzzjoni li huma effettivi f'dak li għandu x'jaqsam mal-produzzjoni u aktar sostenibbli, u li jinternalizzaw ħafna mill-ispejjeż esterni negattivi tal-agrikoltura. Ċertu bdiewa diġà qed jużaw dawn il-metodi tekniċi ġodda li jwasslu lill-bidwi biex ikollu prospettiva aktar wiesgħa tal-operat tal-intrapriża tiegħu fil-kuntest tal-ekosistema relevanti. Dawn il-prattiki ġodda se jwasslu għal bidla tekonoloġika li tkun tista' tinvolvi lill-agrikoltura fi proċess lejn żvilupp aktar vijabbli u aktar sostenibbli. Jaqbel li titħeġġeġ id-diffużjoni ta' dawn l-innovazzjonijiet permezz tal-għoti ta' konuslenza lill-bdiewa.*

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2 . L-Istati Membri ***għandhom jagħtu*** | 2. L-Istati Membri ***għandhom joqogħdu*** |

| | |
|---|---|
| ***prijorità lill-bdiewa li jirċievu aktar minn EUR 15 000 f'pagamenti diretti kull sena*.** | ***attenti li l-bdiewa kollha jkunu jistgħu jieħdu sehem fuq bażi volontarja f'din l-iskema ta' konsulenza.*** |

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan id-dejtabejż għandu, b'mod partikolari, permezz ta' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru, jippermetti konsultazzjoni diretta u immedjata, tad-dejta relatata mas-snin kalendarji jew tas-suq mis-sena 2000 'il quddiem. | Dan id-dejtabejż għandu, b'mod partikolari, permezz ta' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru, jippermetti konsultazzjoni diretta u immedjata, tad-dejta relatata mas-snin kalendarji jew tas-suq mis-sena 2000 'il quddiem ***jew, għall-Istati Membri l-ġodda, mill-ewwel sena wara l-adeżjoni tagħhom għal mal-Unjoni.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Is-sena 2000 ma tistax isservi ta' referenza għall-pajjiżi li ngħaqdu mal-Unjoni Ewropea fl-2004 u fl-2007.*

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom iwettqu kontrolli amministrattivi fuq l-applikazzjonijiet għall-għajnuna biex jivverifikaw il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-għajnuna. | 1. L-Istati Membri għandhom iwettqu kontrolli amministrattivi fuq l-applikazzjonijiet għall-għajnuna biex jivverifikaw il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-għajnuna. ***Dawn il-kontrolli amministrattivi m'għandomx ikunu iebsin iżżejjed għall-bdiewa, b'mod partikulari f'dak li għandu x'jaqsam mal-ispejjeż u l-formalitajiet amministrattivi.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Tnaqqas il-formalitajiet amministrattivi.*

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom iwettqu kontrolli fil-post biex jivverifikaw jekk il-bidwi hux konformi ma' l-obbligi msemmija fil-Kapitolu 1. | 1. L-Istati Membri għandhom iwettqu kontrolli fil-post biex jivverifikaw jekk il-bidwi hux konformi ma' l-obbligi msemmija fil-Kapitolu 1. ***Dawn il-kontrolli għandhom isiru waqt perjodu ta' mhux aktar minn ġurnata għal kull intrapriża u m'għandhomx ikunu iebsin wisq għall-bidwi.*** |

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu mis-sistemi eżistenti tagħhom ta' l-amministrazzjoni u l-kontroll biex jiżguraw il-konformità mal-kundizzjonjiet amministrattivi statutorji u *l-kundizzjoni agrikola* u ambjentali *tajba* msemmija fil-Kapitolu 1. | 2. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu mis-sistemi eżistenti tagħhom ta' l-amministrazzjoni u l-kontroll biex jiżguraw il-konformità mal-kundizzjonjiet amministrattivi statutorji u *l-kundizzjonijiet agrikoli* u ambjentali *tajbin* msemmija fil-Kapitolu 1. ***Madankollu, l-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jillimitaw in-numru ta' entitajiet ta' kontroll u n-numru ta' persuni mqabbda biex jagħmlu l-kontrolli fuq il-post f'farm partikolari.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Integrazzjoni mill-ġdid tal-emenda adottata mill-Parlament Ewropew bħala parti mir-rapport T6-0598/2007 tal-11 ta' Diċembru 2007 bit-titolu "CAP: regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett u ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u appoġġ għall-iżvilupp rurali".*

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24 – paragrafu 2 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. L-Istati Membri jistgħu jirrikorru għal sistemi ta' kontroll u ta' ġestjoni privati sakemm dawn ikunu ġew uffiċjalment akkreditati mill-awtoritajiet nazzjonali.*** |

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24 – paragrafu 2 b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2b. L-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jipprogrammw il-kontrolli b'tali mod li l-intrapriżi agrikoli jkunu jistgħu jiġu kkontrollati aħjar waqt ċertu perjodu tas-sena, minħabba raġunijiet staġjunali, jiġu effettivament ikkontrollat f'dak il-mument. Madankollu, jekk l-entità ta' kontroll ma tkunx setgħet tikkontrolla punt ta' ġestjoni regolamentari partikulari, jew parti minnu, jew il-kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajbin waqt kontroll fuq il-post, minħabba fatturi staġjunali, għandu jitqies li dawn ir-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet ġew rispettati.*** |

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-ewwel subparagrafu għandu japplika ukoll fejn in-nuqqas ta' konformità fil-kwistjoni jkun ir-riżultat ta' att jew nuqqas marbut direttament ma' dik il-persuna lil min jew minn ġiet ittrasferita l-art agrikola. | L-ewwel subparagrafu għandu japplika ukoll fejn in-nuqqas ta' konformità fil-kwistjoni jkun ir-riżultat ta' att jew nuqqas marbut direttament ma' dik il-persuna lil min jew minn ġiet ittrasferita l-art agrikola***, sakemm il-persuna li tkun l-oriġini tan-nuqqas ta' konformità ma tkunx preżentat ukoll talba għall-appoġġ għas-sena kkonċernata. F'dan l-aħħar każ, is-sanzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tiġi applikata għall-ammonti tal-pagamenti diretti li għandhom jingħata lil persuna li wettaq in-nuqqas ta' konformità.*** |

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 1 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "trasferiment" tfisser kull tip ta' transazzjoni li permezz tagħha l-art agrikola tieqaf milli tkun għad-dispożizzjoni ta' dak li qed jittrasferixxi. | Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "trasferiment" tfisser kull tip ta' transazzjoni li permezz tagħha l-art agrikola tieqaf milli tkun għad-dispożizzjoni ta' dak li qed jittrasferixxi ***bl-eċċezzjoni tat-tip ta' tranżazzjonijiet li l-operatur ikkonċernat ma jkunx jista' jwaqqaf***. |

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fejn Stat Membru jiddeċiedi li jiddisponi | Fejn Stat Membru jiddeċiedi li jiddisponi |

| | |
|---|---|
| mill-għażla stipulata fl-ewwel subparagrafu, ***fis-sena ta' wara*** l-awtorità kompetenti ***għandha tieħu l-azzjonijiet meħtieġa biex tiżgura li l-bidwi jirrimedja*** *s-sejbiet tan-nuqqas* ta' konformità *kkonċernati*. ***Il-konklużjoni u l-azzjoni ta' rimedju li għandhom jittieħdu għandhom jiġu notifikati lill-bidwi.*** | mill-għażla stipulata fl-ewwel subparagrafu, l-awtorità kompetenti ***għandha tinforma lill-bidwi dwar*** *is-sitwazzjoni ta' nuqqas* ta' konformità *misjuba****, u dan tal-aħħar għandu, min-naħa tiegħu, jinnotifika l-miżuri mittieħda biex tissolva l-problema. Bil-għan li jiġu kkontrollati l-miżuri li jkun ħa l-bidwi, l-awtorità kompetenti għandha tqis dawn l-intrapriżi meta tkun qed twettaq l-analiżi tar-riskji għall-kontrolli fuq il-post għas-sena ta' wara.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Jekk, għall-iskopijiet tas-simplifikazzjoni, tiġi applikata r-regola "de minimis" prevista fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3, ikun bizzejjed li dan jiġi kkunsidrat waqt l-analiżi tar-riskji li ssir fis-sena ta' wara.*

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 26 a*** |
| | ***Reviżjoni*** |
| | ***Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2007, u mbagħad kull għaxar snin, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-applikazzjoni tas-sistema tal-kundizzjonalità, jekk ikun hemm bżonn flimkien ma' proposti xierqa, speċifikament biex:*** |
| | ***– tiġi emendata l-lista tar-rekwiżiti legali fil-qasam ta' ġestjoni li jidhru fl-Anness III,*** |
| | ***– tiġi simplifikata, derogolamentata u mtejba l-leġiżlazzjoni taħt il-lista ta' rekwiżiti fil-qasam ta' ġestjoni, waqt li tingħata attenzjoni partikulari lil-leġiżlazzjoni dwar in-nitrati,*** |
| | ***– jiġu simplifikati, mtejba u armonizzati s-sistemi ta' kontroll fuq il-post, waqt li*** |

| | |
|---|---|
| | ***jitqiesu l-possibilitajiet offruti mill-iżvilupp ta' indikaturi u l-kontrolli tax-xkiel, il-kontrolli li diġà saru taħt l-iskemi ta' ċertifikazzjoni privati, il-kontrolli li diġà saru taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta r-rekwiżiti fil-qasam ta' ġestjoni, u t-teknoloġija ta' informazzjoni u komunikazzjoni.*** <br><br> ***Ir-rapporti għandhom jinkludu wkoll stima tal-ispejjeż totali tal-kontroll fil-qafas tal-kundizzjonalità tas-sena ta' qabel ma jkun ġie ppublikat ir-rapport.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Integrazzjoni mill-ġdid tal-emenda adottata mill-Parlament Ewropew bħala parti mir-rapport T6-0598/2007 tal-11 ta' Diċembru 2007 bit-titolu "CAP: regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett u ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u appoġġ għall-iżvilupp rurali".*

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri jistgħu, biex ikunu applikati skemi ta' appoġġ Komunitarji jew nazzjonali oħra minbarra minn dawk mniżżla fl-Anness VI, jinkorporaw fil-proċeduri tagħhom ta' l-amministrazzjoni u l-kontroll wieħed jew iktar mill-komponenti tas-sistema integrata. | *Ma tapplikax għall-verżjoni Maltija* |

*Ġustifikazzjoni*

*Ma tapplikax għall-verżjoni Maltija.*

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 30 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri ***ma għandhomx jagħtu*** pagamenti diretti ***lil bidiwi f'waħda minn dawn il-każijiet li ġejjin***: | 1. L-Istati Membri ***jistgħu jiddeċiedu li ma jagħtux*** pagamenti diretti ***li jkunu anqas minn livell minimu li għad irid jiġi stabbilit.*** |
| ***a) fejn l-ammont totali ta' pagamenti diretti ikklejmjat jew li għandu jingħata f'sena kalendarja partikolari ma jaqbiżx EUR 250, jew*** | |
| ***b) fejn il-medda eliġibbli ta' l-azjenda li għaliha qed jiġu kklejmjati jew li għandhom jingħataw il-pagamenti diretti ma taqbiżx ettaru wieħed. Madankollu, Ċipru jista jistipula medda eliġibbli minima ta' 0.3 ettari u Malta ta' 0.1 ettari.*** | |
| ***Madankollu, bdiewa li għandhom drittijiet speċjali kif imsemmija fl-Artikolu 45(1) għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjoni msemmija fil-punt (a).*** | |
| | ***L-ammonti li eventwalment jiġu ffrankati minħabba l-applikazzjoni tal-ewwel subparagrafu għandhom jibqgħu fir-riżerva nazzjonali tal-Istat Membru minn fejn ikunu oriġinaw.*** |

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 30 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu b'mod oġġettiv u mhux diskriminatorju li ma jagħtux pagamenti *fi ħdan* it-tifsira tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 48 tat-Trattat *diretti* lil kumpaniji jew ditti li l-kompiti tal-kumpanija prinċipali tagħhom ma jinvolvux ***l-eżerċitar ta' attività agrikola***. | 2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu b'mod oġġettiv u mhux diskriminatorju li ma jagħtux pagamenti *diretti skont* it-tifsira tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 48 tat-Trattat lil kumpaniji jew ditti li l-kompiti tal-kumpanija prinċipali tagħhom ma jinvolvux ***il-produzzjoni, it-trobbija jew il-kultivazzjoni ta' prodotti agrikoli, fosthom*** |

| | |
|---|---|
| | ***il-ħsad, il-ħlib, it-trobbija u ż-żamma ta' bhejjem għal skopijiet agrikoli*.** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-ħlas ta' appoġġ lil benefiċjarji li l-attivitajiet tagħhom huma marbuta biss mill-bogħod ma' l-agrikoltura produttiva għandu jiġi limitat kemm jista' jkun.*

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-pagamenti għandhom isiru darbtejn fis-sena fil-perjodu bejn l-1 ta' Diċembru sat-30 ta' Ġunju tas-sena kalendarja ta' wara. | 2. Il-pagamenti għandhom isiru darbtejn fis-sena fil-perjodu bejn l-1 ta' Diċembru sat-30 ta' Ġunju tas-sena kalendarja ta' wara ***u għandhom jinkudu l-ħlas ta' interessi bir-rata fis-seħħ fis-suq fuq is-somma dovuta mit-30 ta' Ġunju tas-sena kalendarja ta' wara.*** |

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 2 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2b. Fil-każ li l-pagament isir tard minħabba tilwim mal-awtorità kompetenti li jispiċċa jintrebaħ mill-bidwi, dan għandu jitħallas bl-interessi fis-seħħ fis-suq.*** |

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Pagamenti*** taħt l-iskemi ta' appoġġ imniżżla fl-Anness I ***ma għandomx jingħataw*** qabel ma jiġu ffinalizzati l-kontrolli fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' l-eliġibbiltà, li jitwettqu mill-Istat Membru skond l-Artikolu 22. | 3. ***L-ebda pagament m'għandu jsir fir-rigward ta' talba*** taħt l-iskemi ta' appoġġ imniżżla fl-Anness I qabel ma jiġu ffinalizzati l-kontrolli fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' l-eliġibbiltà ***ta' din it-talba***, li *għandhom* jitwettqu mill-Istat Membru skond l-Artikolu 22. |

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Madankollu, jekk il-pagamenti jsiru bħala avvanz jew f'żewġ partijiet, l-ewwel ammont għandu jiġi stabbilit fuq il-bażi tar-riżultati tal-kontrolli amministrattivi u tal-kontrolli fuq il-post li jkunu disponibbli fid-data tal-pagament u sa livell tali li l-ammont definittiv tal-pagament ma jkunx anqas mill-ammont tal-ewwel parti.*** |

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 33**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-iskemi ta' appoġġ elenkati fl-Anness I għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għal reviżjoni possibbli fi kwalunkwe waqt fid-dawl ta' l-iżviluppi ekonomiċi u l-qagħda tal-baġit.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 34 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Għall-iskopijiet ta' dan it-titolu, bdiewa li għandhom drittijiet għall-pagament għandu jfisser bdiewa li ġew allokati drittijiet għall-pagament, jew dawn ġew trasferiti lilhom definittivament.*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Din id-definizzjoni issa tidher fl-Artikolu 2, li jistipula d-definizzjonijiet kollha meħtieġa biex ir-regolament jinftiehem kif xieraq.*

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 34 – paragrafu 2 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Id-drittijiet għas-serħan ta' l-artijiet stabbiliti f'konformità ma' l-Artikoli 53 u 63(2) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għandhom isiru drittijiet skont dan ir-Regolament*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda intenzjonata biex titfa' dawl fuq l-inċertezza legali dwar il-futur tad-drittijiet ta' serħan tal-artijiet u biex tiggarantixxi li kull "tikketta" li tista' takkumpanja dan it-tip ta' drittijiet titħassar.*

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Id-drittijiet għall-pagament għal kull ettaru ma għandhomx jiġu mmodifikati għajr jekk ipprovvdut xorta oħra. | ***1.*** Id-drittijiet għall-pagament għal kull ettaru ma għandhomx jiġu mmodifikati għajr jekk ipprovvdut xorta oħra. |

**Emenda 73**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2) ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tistipula regoli dettaljati għall-modifika tad-drittijiet għall-pagament, b'mod partikolari f'każ ta' frazzjonijiet tad-drittijiet.*** | ***2. Jekk il-bidwi li ngħata pagament dirett fil-perjodu ta' referenza jbiddel l-istatus legali jew id-denominazzjoni tiegħu matul dak il-perijodu jew sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel is-sena ta' l-applikazzjoni ta' l-iskema tal-pagament uniku, għandu jkollu aċċess għall-iskema tal-pagament uniku taħt l-istess kundizzjonijiet bħall-bidwi li oriġinarjament kien qed imexxi l-intrapriża.*** |
| | ***3. Jekk iseħħu xi amalgamazzjonijiet matul il-perijodu ta' referenza jew sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel is-sena ta' applikazzjoni ta' l-iskema tal-pagament uniku, il-bidwi li qed imexxi l-intrapriża l-ġdida għandu jkollu aċċess għall-iskema tal-pagament uniku taħt l-istess kundizzjonijiet bħall-bdiewa li kienu qed imexxu l-intrapriżi oriġinali.*** |
| | ***Jekk iseħħu xi diviżjonijiet matul il-perjodu ta' referenza jew sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel is-sena ta' applikazzjoni ta' l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***iskema tal-pagament uniku, il-bdiewa li qed imexxu l-intrapriżi għandu jkollhom aċċess għall-pro rata fl-iskema tal-pagament uniku taħt l-istess kundizzjonijiet bħall-bdiewa li kienu qed imexxu l-intrapriżi oriġinali.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda terġa ddaħħal id-dispożizzjonijiet inklużi fir-Regolament 1782/2003, li huma ħafna aktar ċari u preċiżi.*

**Emenda 74**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Fejn ikun neċessarju, Stat Membru għandu jipproċedi għal tnaqqis lineari tal-valur tad-drittijiet biex jiżgura li l-limitu massimu tiegħu jitħares. | 2. Fejn ikun neċessarju, Stat Membru għandu jipproċedi għal ***persentaġġ ta'*** tnaqqis lineari tal-valur tad-drittijiet biex jiżgura li l-limitu massimu tiegħu jitħares. |

**Emenda 75**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 42 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jekk, fi tmiem sena baġitarja partikulari jiġi stabbilit li, fi Stat Membru, id-drittijiet għall-pagamenti kollha mħallsa jkunu anqas mil-limiti nazzjonali previsti fl-Anness VIII, id-differenza tiġi allokata għar-riżerva nazzjonali*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Attwalment, il-flus li ma jintefqux imorru lura fil-fondi ta' l-Istat Membru u jkunu jistgħu jintużaw għal skopijiet li m'għandhom x'jaqsmu xejn mas-settur tal-biedja u għalhekk jaqbel li l-flus li fil-bidu jkunu ġew previsti għas-settur tal-biedja, fil-fatt jintużaw f'dan is-settur*

**Emenda 76**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 42 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri jistgħu jużaw ir-riżerva nazzjonali biex jagħtu, skond ***il-prijorità u l-kriterji*** oġġettivi, drittijiet għall-pagament lill-bdiewa ***li jibdew l-attività agrikola tagħhom*** u b'tali mod li jiżguraw trattament ugwali bejn l-bdiewa u li jevitaw tagħwiġ tas-suq u tal-kompetizzjoni. | 2. L-Istati Membri jistgħu jużaw ir-riżerva nazzjonali biex jagħtu, skond ***il-kriterji*** oġġettivi, drittijiet għall-pagament lill-bdiewa ***li jeżerċitaw attività agrikola***, u b'tali mod li jiżguraw trattament ugwali bejn l-bdiewa u li jevitaw tagħwiġ tas-suq u tal-kompetizzjoni. ***L-Istati Membri jistgħu jagħtu prijorità b'mod partikulari lill-bdiewa ġodda, lill-bdiewa ta' anqas minn 35 sena u lill-intrapriżi tal-familji jew lil bdiewa oħra prijoritarji.*** |

**Emenda 77**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 42 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri ***li ma japplikawx l-Artikolu 68(1)*** jistgħu jużaw ir-riżerva nazzjonali biex jistabbilixxu, skond kriterji oġġettivi u b'mod li jiżguraw trattament ugwali bejn il-bdiewa u li jevitaw tagħwiġ tas-suq u tal-kompetizzjoni, drittijiet għall-pagament lill-bdiewa f'żoni suġġetti għar-ristrutturar u/jew programmi ta' żvilupp relatati ma' forma jew oħra ta' intervent pubbliku biex ikun evitat l-abbandun ta' art u/jew biex jikkumpensaw żvantaġġi speċifiċi għall-bdiewa f'dawk iż-żoni. | 3. L-Istati Membri***, mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament fl-2009,*** jistgħu jużaw ir-riżerva nazzjonali biex jistabbilixxu, skond kriterji oġġettivi u b'mod li jiżguraw trattament ugwali bejn il-bdiewa u li jevitaw tagħwiġ tas-suq u tal-kompetizzjoni, drittijiet għal pagament***, u anke miżuri ta' appoġġ,*** lill-bdiewa f'żoni suġġetti għar-ristrutturar u/jew programmi ta' żvilupp relatati ma' forma jew oħra ta' intervent pubbliku***, għas-setturi f'diffikultà kkonċentrati fiż-żoni l-aktar żvantaġġjati bħas-setturi tan-nagħaġ u l-mogħoż,*** biex ikun evitat l-abbandun ta' art ***u tal-produzzjoni*** u/jew biex jikkumpensaw żvantaġġi speċifiċi għall-bdiewa f'dawk iż-żoni. |

*Ġustifikazzjoni*

*Ċertu setturi, speċfikament is-setturi tan-nagħaġ u l-mogħoż, li huma essenzjali fl-isfruttar ekonomiku u sostenibbli taż-żoni l-aktar żvantaġġjati u fl-amministrazzjoni tal-art, għaddejjin minn diffikultajiet kbar Il-bdiewa f'dawn is-setturi għandhom bżonn ta' azzjoni immedjata, mill-2009. Jidher għalhekk li hemm bżonn li l-Istati Membri jitħallew jimmobilizzaw ir-riżerva nazzjonali b'mod urġenti biex jiġu ffinanzjati l-miżuri ta' appoġġ speċifiċi għal dawn is-setturi f'diffikultà.*

**Emenda 78**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 42 – paragrafu 3 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. L-Istati Membri jistgħu jużaw ir-riżerva nazzjonali biex jagħtu d-drittijiet għall-pagament lill-bdiewa li jkunu kkonkludew kontratti ta' natura partikulari, regolati mill-Istati Membri.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri għandu jkollhom il-possibilità li jagħtu drittijiet għall-pagament, permezz tar-riżerva nazzjonali, lill-bdiewa li jkunu kkonkludew kuntratti ta' natura partikulari, regolati mill-Istati Membri (kuntratti għat-teħid tal-bhejjem biex jirgħu, eċċ.). Il-flessibilità li tirriżulta jekk tintuża r-riżerva nazzjonali tippermetti li jintużaw ir-riżorsi li jkunu tħallsu fir-riżerva għall-ewwel darba fl-2008, wara li d-drittijiet ma jkunux intużaw għal tliet snin konsekkuttivi, li wara l-proposta tal-Kummissjoni, se jsiru sentejn.*

**Emenda 79**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 43**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kwalunkwe dritt għall-pagament li ma kienx attivat għal perjodu ta' sentejn għandu jiġi allokat lir-riżerva nazzjonali, ħlief fil-każ ta' force majeure u ċirkustanzi eċċezzjonali skond it-tifsira ta' l-Artikolu 36(1). | Kwalunkwe dritt għall-pagament li ma kienx attivat għal perjodu ta' ***tliet snin*** għandu jiġi allokat lir-riżerva nazzjonali, ħlief fil-każ ta' force majeure u ċirkustanzi eċċezzjonali skond it-tifsira ta' l-Artikolu 36(1). ***Fl-użu ta' dawn il-fondi għandha tingħata prijorità lill-iffaċilitar tal-aċċess taż-żgħażagħ għall-attività*** |

| | |
|---|---|
| | ***agrikola bl-għan li jkun żgurat it-trasferiment minn ġenerazzjoni għall-oħra.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-politika agrikola komuni m'għandhiex disponibbli biżżejjed riżorsi biex tħeġġeġ it-trasferiment li hemm bżonn bejn il-ġenerazzjonijiet, li jippermetti li tiġi żgurata s-sostenibilità tal-agrikoltura.*

**Emenda 80**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 44 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Drittijiet għall-pagament jistgħu jiġu trasferiti permezz ta' bejgħ jew kwalunkwe trasferiment definittiv ieħor bl-art jew mingħajrha. B'kuntrast, kera jew tipi ta' tranżazzjonijiet simili għandhom jiġu permessi biss jekk id-drittijiet għall-pagament li ġew trasferiti huma akkumpanjati mit-trasferiment ta' għadd ekwivalenti ta' ettari eliġibbli.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 81**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 44 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***F'każi ta' dan it-tip, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu wkoll li l-kirjiet jew kull tranżazzjoni simili m'għandhiex tiġi permessa sakemm it-trasferiment tad-drittijiet għall-pagament ma jkunx akkumpanjat mit-trasferiment ta' numru ekwivalenti ta' ettari eliġibbli għall-appoġġ.*** |

**Emenda 82**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 45 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. B'deroga mill-Artikolu 35(1) bidwi li għandu drittijiet speċjali għandu jkun awtorizzat mill-Istat Membri biex jidderoga mir-rekwiżit li jattiva drittijiet b'għadd ekwivalenti ta' ettari eliġibbli sakemm iżomm talanqas 50% ta' l-attività agrikola li kellu fis-snin kalendarji 2000, 2001 u 2002 espressa f'unitajiet ta' bhejjem (LU). | 2. B'deroga mill-Artikolu 35(1) bidwi li għandu drittijiet speċjali għandu jkun awtorizzat mill-Istat Membri biex jidderoga mir-rekwiżit li jattiva drittijiet b'għadd ekwivalenti ta' ettari eliġibbli sakemm iżomm talanqas 50% ta' l-attività agrikola li kellu fis-snin kalendarji 2000, 2001 u 2002 espressa f'unitajiet ta' bhejjem (LU). ***Għar-Rumanija u l-Bulgarija, is-snin kalendarji kkonċernati huma s-snin 2006, 2007 u 2008.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Meta wieħed iqis is-sitwazzjoni speċifika tal-farms għat-trobbija tal-bhejjem, ikun utli li dawn id-dispożizzjonijiet jiġu applikati wkoll għall-Istati Membri li għadhom ma implimentawx l-iskema ta' pagament uniku.*

**Emenda 83**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 45 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Minkejja dan, tista' tapplika għall-Istati Membri li għadhom ma introduċewx l-iskema ta' pagament uniku imma li għandhom l-intenzjoni li jintroduċuha.*** |

**Emenda 84**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 45 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. F'każ ta' trasferiment tad-drittijiet speċjali, dak li jittrasferixxi ***ma għandux*** jibbenifika mid-deroga tal-paragrafu 2 ***ħlief f'***każ ta' wirt jew wirt antiċipat. | 3. F'każ ta' trasferiment tad-drittijiet speċjali, dak li jittrasferixxi ***għandu*** jibbenifika mid-deroga tal-paragrafu 2***, sakemm ikunu ġew trasferiti d-drittijiet kollha għall-pagament li jirriżultaw mid-deroga u sakemm ma jkunx*** każ ta' wirt jew wirt antiċipat ***jew ma jkollux l-art meħtieġa biex jattiva dawn id-drittijiet*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-benefiċċju tad-deroga prevista fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 45 għandu jkun konservat f'kell każ ta' trasferiment ta' drittijiet speċjali u mhux biss fil-każ ta' wirt. Id-drittijiet speċjali attwalment huma inċentiv biex tinżamm il-produzzjoni tal-bhejem, b'mod fl-Istati Membri fejn min irabbihom ma jkunx is-sid ta' mergħat imma jkun jikrihom.*

**Emenda 85**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 46 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F'każijiet ġustifikati biżżejjed, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu, ***sa mhux aktar tard mill-1 ta' Awwissu 2009, u*** billi jaġixxu skond il-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Komunità, li mill-2010 jimxu lejn approssimazzjoni tal-valur tad-drittijiet għall-pagament stabbilit skond il-Kapitolu I sa IV tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. Għal dan il-għan id-drittijiet għall-pagament jistgħu jsiru suġġetti għal modifiki progressivi skond ***talanqas tliet stadji annwali stabbiliti minn qabel u*** kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. | ***1.*** F'każijiet ġustifikati biżżejjed, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu, billi jaġixxu skond il-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Komunità, li mill-2010 jimxu lejn approssimazzjoni tal-valur tad-drittijiet għall-pagament stabbilit skond il-Kapitolu I sa IV tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. Għal dan il-għan, id-drittijiet għall-pagament jistgħu jsiru suġġetti għal modifiki progressivi skond kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. |

**Emenda 86**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 46 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Fl-ebda stadju annwali msemmija, ma għandu t-tnaqqis*** tal-valur ta' kwalunkwe dritt għall-pagament ikun aktar minn 50% tad-differenza bejn il-valur inizjali tiegħu u dak ***applikabbli ma' l-implimentazzjoni ta' l-istadju annwali ta' l-aħħar***. | ***It-tnaqqis*** tal-valur ta' kwalunkwe dritt għall-pagament ***m'għandux*** ikun aktar minn 50% tad-differenza bejn il-valur inizjali tiegħu u dak ***finali***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Ikun jaqbel li titħalla aktar flessibilità lill-Istati Membri.*

**Emenda 87**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 46 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw ***is-subparagrafi preċedenti*** fil-livell ġeografiku xieraq li għandu jiġi determinat skond kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji bħall-istruttura istituzzjonali jew amministrattiva tagħhom ***u/jew*** il-potenzjal agrikolu reġjonali. | ***2.*** L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw ***ir-reviżjoni għad-drittijiet ta' pagament*** fil-livell ġeografiku xieraq li għandu jiġi determinat skond kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji bħall-istruttura istituzzjonali jew amministrattiva tagħhom***,*** il-potenzjal agrikolu reġjonali ***u/jew l-iżvantaġġi strutturali speċifiċi ta' żona ġeografika partikulari***. |

**Emenda 88**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 46– subparagrafu 3 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fl-inħawi li huma suġġetti għal rekwiżiti ta' użu kollettiv jew għal kuntratti oħra ta' ġestjoni kollettiva tal-art, hemm il-*** |

| | |
|---|---|
| | ***possibilità li jerġa' jiġi definit il-valur tad-drittijiet ta' pagament fuq il-bażi tal-art tal-farm, bil-kundizzjoni li jiġu rispettati l-parametri tal-piż massimu fuq l-ambjent.*** |

**Emenda 89**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 47 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Stat Membru li introduċa l-iskema ta' pagament uniku skond il-Kapitoli 1 sa 4 tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jista' jiddeċiedi, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Awwissu ***2009***, li japplika l-iskema ta' pagament uniku ***mill-2010*** fil-livell reġjonali skond il-kundizzjonijiet stipulati f'din it-Taqsima. | 1. Stat Membru li introduċa l-iskema ta' pagament uniku skond il-Kapitoli 1 sa 4 tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jista' jiddeċiedi, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Awwissu ***ta' kull sena***, li japplika l-iskema ta' pagament uniku ***mis-sena ta' wara*** fil-livell reġjonali skond il-kundizzjonijiet stipulati f'din it-Taqsima. |

*Ġustifikazzjoni*

*Fil-proposta oriġinali, il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-għażla tal-mudell reġjonali huma stretti ħafna u ftit iħallu lok għad-diskussjoni u għall-analiżi tal-possibilitajiet u tal-bżonn għal din l-għażla. Minħabba f'hekk qed jiġi propost li l-għażla ta' dan il-mudell issir fuq bażi annwali.*

**Emenda 90**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 47 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu r-reġjuni skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji bħall-istruttura istituzzjonali jew amministrattiva tagħhom ***u/jew*** il-potenzjali agrikolu reġjonali. | 2. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu r-reġjuni skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji bħall-istruttura istituzzjonali jew amministrattiva tagħhom***,*** il-potenzjali agrikolu reġjonali ***u/jew in-nuqqasijiet strutturali speċifiċi ta' zona ġeografika partikulari***.< |

*Ġustifikazzjoni*

*Ikun jaqbel li titħalla aktar flessibilità lill-Istati Membri.*

**Emenda 91**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 48 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. F'każijiet iġġustifikati biżżejjed, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jaqsmu mhux aktar minn 50% tal-limitu massimu reġjonali stabbilit fl-Artikolu 47 bejn il-bdiewa kollha li għandhom l-azjendi tagħhom fir-reġjun ikkonċernat, inklużi dawk li *ma għandhomx* drittijiet għall-pagament. | 1. F'każijiet iġġustifikati biżżejjed, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jaqsmu mhux aktar minn 50% tal-limitu massimu reġjonali stabbilit fl-Artikolu 47 bejn il-bdiewa kollha li għandhom l-azjendi tagħhom fir-reġjun ikkonċernat, inklużi dawk li *m'għandhomx* drittijiet għall-pagament. ***L-art użata hija l-art iddikkjarata mill-bidwi fil-15 ta' Mejju 2008.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ikun jaqbel li jiġi definit limitu temporanju, sabiex jiġu evitati spekulazzjonijiet ibbażati fuq il-prezzijiet tal-art.*

**Emenda 92**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 48 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu kriterji oħrajn definiti b'mod ċar bħalma hija l-kwalità tal-produttur jew tax-xogħol agrikolu u/jew rurali sabiex jiżguraw il-konsitenza fit-territorju, id-diversità u d-dinamiżmu tal-ambjent rurali, kif ukoll iż-żamma tal-mudelli tradizzjonali ta' produzzjoni mhux marbuta mal-art.*** |

**Emenda 93**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 49 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. F'każijiet ġustifikati biżżejjed, l-Istati Membri li japplikaw l-Artikolu 48 ta' dan ir-Regolament jistgħu jiddeċiedu, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Awwissu 2009, u billi jaġixxu skont il-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Komunità, li mill-2010 jimxu lejn approssimazzjoni tal-valur tad-drittijiet għall-pagament stabbilit f'din it-Taqsima jew skont il-Kapitolu 5, Taqsima 1 tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. Għal dan il-għan id-drittijiet għall-pagament jistgħu jsiru suġġetti għal modifiki progressivi ***skont talanqas żewġ stadji annwali stabbiliti minn qabel u*** kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. | 1. F'każijiet ġustifikati biżżejjed, l-Istati Membri li japplikaw l-Artikolu 48 ta' dan ir-Regolament jistgħu jiddeċiedu, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Awwissu 2009, u billi jaġixxu skont il-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Komunità, li mill-2010 jimxu lejn approssimazzjoni tal-valur tad-drittijiet għall-pagament stabbilit f'din it-Taqsima jew skont il-Kapitolu 5, Taqsima 1 tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. Għal dan il-għan id-drittijiet għall-pagament jistgħu jsiru suġġetti għal modifiki progressivi skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. |

*Ġustifikazzjoni*

*Ikun jaqbel li titħalla aktar flessibilità lill-Istati Membri.*

**Emenda 94**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 49 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. F'każijiet iġġustifikati biżżejjed, l-Istati Membri li jkunu introduċew l-iskema unika ta' pagament skont il-Kapitolu 5, Taqsima 1 tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jistgħu jiddeċiedu, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Awwissu 2009, u billi jaġixxu skont il-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Komunità, li mill-2010 jimxu lejn approssimazzjoni tal-valur tad-drittijiet għall-pagament stabbilit f'dik it-taqsima billi dawn id-drittijiet għall-pagament jiġu suġġetti għal modifiki progressivi ***skont*** | 2. F'każijiet iġġustifikati biżżejjed, l-Istati Membri li jkunu introduċew l-iskema unika ta' pagament skont il-Kapitolu 5, Taqsima 1 tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jistgħu jiddeċiedu, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Awwissu 2009, u billi jaġixxu skont il-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Komunità, li mill-2010 jimxu lejn approssimazzjoni tal-valur tad-drittijiet għall-pagament stabbilit f'dik it-taqsima billi dawn id-drittijiet għall-pagament jiġu suġġetti għal modifiki progressivi skont |

| | |
|---|---|
| ***talanqas tliet stadji annwali stabbiliti minn qabel u*** kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. | kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. |

*Ġustifikazzjoni*

*Ikun jaqbel li titħalla aktar flessibilità lill-Istati Membri.*

**Emenda 95**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 49 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Fl-ebda stadju annwali msemmija*** fil-paragrafi 1 u 2, ma għandu t-tnaqqis tal-valur ta' kwalunkwe dritt għall-pagament ikun aktar minn 50% tad-differenza bejn il-valur inizjali tiegħu u dak ***applikabbli mal-implimentazzjoni tal-istadju annwali tal-aħħar***. | 3. It-tnaqqis tal-valur ta' kwalunkwe dritt għall-pagament ***previst*** fil-paragrafi 1 u 2 m'għanudux ikun aktar minn 50% tad-differenza bejn il-valur inizjali tiegħu u l-valur ***finali*** tiegħu. |

*Ġustifikazzjoni*

*Ikun jaqbel li titħalla aktar flessibilità lill-Istati Membri.*

**Emenda 96**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 49 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw ***is-subparagrafi 1, 2 u 3*** fil-livell ġeografiku xieraq li għandu jiġi determinat skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji bħall-istruttura istituzzjonali ***u/jew*** amministrattiva tagħhom jew il-potenzjal agrikolu reġjonali. | 4. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw ***ir-reviżjoni għad-drittijiet ta' pagament*** fil-livell ġeografiku xieraq li għandu jiġi determinat skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji bħall-istruttura istituzzjonali jew amministrattiva tagħhom**,** il-potenzjal agrikolu reġjonali **u/jew in-nuqqasijiet strutturali speċifiċi ta' zona ġeografika partikulari**. |

*Ġustifikazzjoni*

*Ikun jaqbel li titħalla aktar flessibilità lill-Istati Membri.*

**Emenda 97**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 51 – punt (b)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| għal ettari bil-ħaxix għall-***mergħa permanenti*** fid-data provduta għall-applikazzjonijiet għall-għajnuna fiż-żona għall-2008 u kwalunkwe ettaru ieħor eliġibbli. | għal ettari bil-ħaxix għall-***art permanentement mimlija bil-ħaxix*** fid-data provduta għall-applikazzjonijiet għall-għajnuna fiż-żona għall-2008 u kwalunkwe ettaru ieħor eliġibbli. |

*Ġustifikazzjoni*

*Mhux l-art kollha li permanentement mimlija bil-ħaxix tintuża għall-mergħa. L-art li permanentement mimlija bil-ħaxix isservi ta' ħażna importanti tal-karbonju u hija l-aktar ambjent naturali importanti fl-Ewropa mil-lat tal-bijodiversità. Minn dan il-lat, l-art mimlija bil-ħaxix li jinħasad hija importanti daqs il-mergħat.*

**Emenda 98**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Kwalunkwe Stat Membru li eskluda l-pagamenti għan-ngħaġ u l-mogħoż u ċ-ċanga mill-iskema ta’ pagament uniku skont il-kundizzjonijiet tal-Artikoli 67 u 68 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 ***jista’ jiddeċiedi sal-1 ta’ Awwissu 2009 li jkompli japplika*** l-iskema ta’ pagament uniku mill-2010 ***skont il-kundizzjonijiet stipulati f’din it-Taqsima u*** b’konformità mad-deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 64(1) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. ***Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jistipulaw l-parti tal-komponent tal-limitu massimu*** | 1. Kwalunkwe Stat Membru li eskluda l-pagamenti għan-ngħaġ u l-mogħoż u ċ-ċanga mill-iskema ta’ pagament uniku skont il-kundizzjonijiet tal-Artikoli 67 u 68 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 ***għandu japplika*** l-iskema ta’ pagament uniku mill-2010 b’konformità mad-deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 64(1) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. |

***nazzjonali tagħhom li se tintuża għal pagamenti addizzjonali għal bdiewa skont l-Artikolu 55(1) ta' dan ir-Regolament b'rata aktar baxxa minn dik deċiża skont l-Artikolu 64(1) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.***

*Ġustifikazzjoni*

*Id-diżakkoppjar jirrappreżenta vantaġġ għas-setturi kollha, f'termini ta' fokalizzazzjoni msaħħa fis-suq, inaqqas il-piż amministrattiv u jippermetti lill-bdiewa li jkunu iktar reattivi għas-sinjali fis-suq. Il-fatt li tiġi awtorizzata ż-żamma tal-ħlas akkoppjat fis-settur tat-trobbija tal-annimali jikkawża tgħawiġ tal-kompetizzjoni fl-Istati Membri li diżakkoppjaw kompletament l-għoti u tkompli żżid id-distorsjonijiet tas-suq dinji. Kull vantaġġ ambjentali għandu jseħħ fil-kuntest tat-tieni pilastru.*

**Emenda 99**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Skont l-għażla magħmula minn kull Stat Membru, il-Kummissjoni, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2), għandha tiffissa limitu massimu għal kull wieħed mill-pagamenti diretti msemmija rispettivament, fl-Artikoli 54, 55, ***u 56***. | 2. Skont l-għażla magħmula minn kull Stat Membru, il-Kummissjoni, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2), għandha tiffissa limitu massimu għal kull wieħed mill-pagamenti diretti msemmija rispettivament, fl-Artikoli 54 ***u*** 55. |

**Emenda 100**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan il-limitu massimu għandu jkun ugwali għall-komponent ta' kull tip ta' pagament dirett fil-limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 41, immultiplikat bil-perċentwali ta' tnaqqis applikati mill-Istati Membri skont l-Artikoli 54, 55, ***u 56***. | Dan il-limitu massimu għandu jkun ugwali għall-komponent ta' kull tip ta' pagament dirett fil-limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 41, immultiplikat bil-perċentwali ta' tnaqqis applikati mill-Istati Membri skont l-Artikoli 54 ***u*** 55. |

**Emenda 101**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 55 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri li skont l-Artikolu 68***(2)(a)(i)*** tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 żammew parti mill-komponent jew il-komponent kollu tal-limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 41 ta’ dan ir-Regolament li jikkorrispondi għall-primjum tal-baqar li jreddgħu msemmija fl-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għandhom jagħmlu, fuq bażi annwali, pagament addizzjonali lil bdiewa. | 1. L-Istati Membri li skont l-Artikolu 68 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 żammew parti mill-komponent jew il-komponent kollu tal-limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 41 ta’ dan ir-Regolament li jikkorrispondi għall-primjum tal-baqar li jreddgħu ***jew għall-primjum speċjali*** msemmija fl-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għandhom jagħmlu, fuq bażi annwali, pagament addizzjonali lil bdiewa. |

**Emenda 102**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 56 – paragrafu 3 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. L-Istati Membri għandhom jieħdu d-deċiżjonijiet kollha skont l-Artikoli 53 sa 56 bi qbil mal-istituzzjonijiet rappreżentattivi tal-awtoritajiet reġjonali tagħhom, fuq il-bażi ta' studju tal-impatt rigward l-effetti ta' dawn id-deċiżjonijiet fil-livell reġjonali.*** |

**Emenda 103**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 59 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Matul l-ewwel sena tal-applikazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku, l-Istati Membri ġodda jistgħu jużaw ir-riżerva nazzjonali bil-għan li jallokaw drittijiet għall-pagament, skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji u b'tali mod li jiżguraw trattament ugwali bejn il-bdiewa u li jevitaw tagħwiġ tas-suq u tal-kompetizzjoni, lill-bdiewa f'setturi speċifiċi li jsibu ruħhom f'sitwazzjoni speċjali b'riżultat tat-tranżizzjoni għall-iskema ta' pagament uniku. | 3. Matul l-ewwel sena tal-applikazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku, l-Istati Membri ġodda jistgħu jużaw ir-riżerva nazzjonali bil-għan li jallokaw drittijiet għall-pagament, skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji u b'tali mod li jiżguraw trattament ugwali bejn il-bdiewa u li jevitaw tagħwiġ tas-suq u tal-kompetizzjoni, lill-bdiewa f'setturi speċifiċi li jsibu ruħhom f'sitwazzjoni speċjali b'riżultat tat-tranżizzjoni għall-iskema ta' pagament uniku. ***L-Istati Membri jistgħu jagħtu prijorità b'mod partikulari lill-bdiewa ġodda, bdiewa żgħażagħ u intrapriżi familjari jew lil bdiewa oħra prijoritarji.*** |

**Emenda 104**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 59 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. L-Istati Membri ġodda jistgħu jużaw ir-riżerva nazzjonali biex jallokaw, skont kriterji oġġettivi u b'tali mod li jiżguraw trattament ugwali bejn il-bdiewa u li jevitaw tagħwiġ tas-suq u tal-kompetizzjoni, drittijiet lill-bdiewa f'żoni suġġetti għar-ristrutturar u/jew programmi ta' żvilupp relatati ma' forma jew oħra ta' intervent pubbliku biex ikun evitat l-abbandun ta' art u/jew biex jikkumpensaw żvantaġġi speċifiċi għall-bdiewa f'dawk iż-żoni. | 5. L-Istati Membri ġodda jistgħu jużaw ir-riżerva nazzjonali biex jallokaw, skont kriterji oġġettivi u b'tali mod li jiżguraw trattament ugwali bejn il-bdiewa u li jevitaw tagħwiġ tas-suq u tal-kompetizzjoni, drittijiet lill-bdiewa f'żoni suġġetti għar-ristrutturar u/jew programmi ta' żvilupp relatati ma' forma jew oħra ta' intervent pubbliku biex ikun evitat l-abbandun ta' art u/jew biex jikkumpensaw żvantaġġi speċifiċi għall-bdiewa f'dawk iż-żoni. ***L-Istati Membri jistgħu jagħtu prijorità b'mod partikulari lill-bdiewa ġodda, bdiewa żgħażagħ u intrapriżi familjari jew lil bdiewa oħra prijoritarji.*** |

**Emenda 105**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 63 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Ħlief fil-każ ta' 'force majeure' jew ċirkustanzi eċċezzjonali msemmija fl-Artikolu 40(4), bidwi jista' jitrasferixxi d-drittijiet tiegħu għall-pagament mingħajr art biss wara li uża, fis-sens tal-Artikolu 36, mill-inqas ***80 %*** tad-drittijiet tiegħu għall-pagament matul mill-inqas sena kalendarja waħda jew, wara li volontarjament ċeda lir-riżerva nazzjonali d-drittijiet għall-pagament kollha li ma użax fl-ewwel sena ta' applikazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku. | 3. Ħlief fil-każ ta' 'force majeure' jew ċirkustanzi eċċezzjonali msemmija fl-Artikolu 40(4), bidwi jista' jitrasferixxi d-drittijiet tiegħu għall-pagament mingħajr art biss wara li uża, fis-sens tal-Artikolu 36, mill-inqas ***70 %*** tad-drittijiet tiegħu għall-pagament matul mill-inqas sena kalendarja waħda jew, wara li volontarjament ċeda lir-riżerva nazzjonali d-drittijiet għall-pagament kollha li ma użax fl-ewwel sena ta' applikazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku. |

*Ġustifikazzjoni*

*Ċirkostanzi oħra minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 36(1), jew karatteristiċi reġjonali jistgħu jimpedixxu attivazzjoni tad-drittijiet sa 80%.*

**Emenda 106**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 64, subparagrafu -1 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Mill-2010, l-Istati Membri li jiddeċiedu li jagħmlu dan jistgħu jiddiżakkoppjaw l-għajnuna speċifika maħsuba għall-produtturi tar-ross, pjanti ta' proteini, għalf imnixxef u l-ġewż.*** |

**Emenda 107**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 64**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Sa mill-2010, l-Istati Membri ***għandhom jintegraw*** l-appoġġ disponibbli taħt skemi ta' appoġġ akkoppjat imsemmija fil-punti I, II u III tal-Anness X fl-iskema ta' pagament uniku skont ir-regoli stipulati f'dan il-Kapitolu. | Sa mill-2010, l-Istati Membri ***jistgħu jintegraw*** l-appoġġ disponibbli taħt skemi ta' appoġġ akkoppjat imsemmija fil-punti I, II u III tal-Anness X fl-iskema ta' pagament uniku skont ir-regoli stipulati f'dan il-Kapitolu. |

**Emenda 108**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 65 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 1. L-ammonti msemmija fl-Anness XI li kienu disponibbli għal appoġġ akkoppjat taħt l-iskemi msemmija fil-punt I tal-Anness X għandhom jitqassmu mill-Istati Membri fost il-bdiewa fis-setturi *konċernati* skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji waqt li jitqies, b'mod partikolari, l-appoġġ li dawk il-bdiewa rċivew, direttament jew indirettament, taħt l-iskema rilevanti ta' appoġġ matul sena jew aktar tal-perjodu ***2005 sal-2008***. | 1. L-ammonti msemmija fl-Anness XI li kienu disponibbli għal appoġġ akkoppjat taħt l-iskemi msemmija fil-punt I tal-Anness X għandhom jitqassmu mill-Istati Membri ***prinċipalment*** fost il-bdiewa fis-setturi *kkonċernati* skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji waqt li jitqies, b'mod partikolari, l-appoġġ li dawk il-bdiewa rċivew, direttament jew indirettament, taħt l-***iskemi jew il-kwoti ta' produzzjoni*** rilevanti ta' appoġġ matul sena jew aktar tal-perjodu ***2005 sal-2011***. |

**Emenda 109**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 65 – paragrafu 1 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***1a. F'ċirkostanzi ġustifikati, l-Istati Membri jistgħu jaqsmu l-ammonti msemmija fl-ewwel paragrafu, kompletament jew parzjalment u skont kriterji oġġettivi, bejn il-bdiewa kollha li l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***impriżi agrikulturali tagħhom jinsabu fir-reġjun ikkonċernat.*** |

**Emenda 110**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 65 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri ***għandhom iżidu*** l-valur tad-drittijiet għall-pagament li għandhom l-bdiewa *konċernati* abbażi tal-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-paragrafu 1. | 2. L-Istati Membri ***jistgħu jżidu*** l-valur tad-drittijiet għall-pagament li għandhom l-bdiewa *kkonċernati* abbażi tal-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-paragrafu 1. |

**Emenda 111**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 66 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-ammonti li kienu disponibbli għall-appoġġ *akkoppjat* taħt l-iskemi msemmija fil-punt II tal-Anness X għandhom jitqassmu mill-Istati Membri fost il-bdiewa fis-setturi kkonċernati bi proporzjon mal-appoġġ li dawk il-bdiewa rċivew taħt l-iskemi ta' appoġġ rilevanti matul il-perjodu 2000 sal-2002. L-Istati Membri jistgħu, madankollu, jagħżlu perjodu aktar riċenti *rappreżentattiv* skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. | L-ammonti li kienu disponibbli għall-appoġġ *akkoppjat* taħt l-iskemi msemmija fil-punt II tal-Anness X għandhom jitqassmu mill-Istati Membri ***prinċipalment*** fost il-bdiewa fis-setturi kkonċernati bi proporzjon mal-appoġġ li dawk il-bdiewa rċivew taħt l-iskemi ta' appoġġ rilevanti matul il-perjodu 2000 sal-2002. L-Istati Membri jistgħu, madankollu, jagħżlu perjodu aktar riċenti *rappreżentattiv* skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. |

*Ġustifikazzjoni*

*Jeħtieġ li l-Istati Membri jitħallew ċerta flessibilità għaliex jista' jkun diffiċli li jsir trasferiment bħal dan sal-eqreb Euro.*

**Emenda 112**

**Proposta għal regolament**
**Kapitolu 5 - Titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***APPOĠĠ SPEĊIFIKU*** | ***PAGAMENTI TA' APPOĠĠ SPEĊIFIKU*** |

**Emenda 113**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Regoli ġenerali*** | ***Pagamenti addizjonali*** |

**Emenda 114**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 – paragrafu -1 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-1. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu, sal-iktar tard l-1 ta' Jannar 2010, u mbagħad mill-1 ta' Ottubru 2011 sal-1 ta' Jannar 2012, li mill-2010 u/jew mill-2012, jagħmlu użu minn massimu ta' 15% tal-limiti nazzjonali tagħhom imsemmija fl-Artikolu 41, sabiex jirċievu appoġġ għall-bdiewa.*** |

**Emenda 115**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu, ***sa mhux aktar tard mill-1 ta' Awwissu 2009***, li ***mill-2010*** jużaw sa 10% tal-limiti massimi nazzjonali tagħhom imsemmija fl-Artikolu 41 biex jappoġġaw lil bdiewa: | 1. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu, ***skont il-paragrafu -1***, li jużaw sa 10% tal-limiti massimi nazzjonali tagħhom imsemmija fl-Artikolu 41 biex jagħtu appoġġ ***integrat*** lill-bdiewa ***jew lil*** |

| | |
|---|---|
| | ***organizzazzjonijiet jew grupp ta' produtturi għall-promozzjoni ta' forom ta' produzzjoni sostenibbli***: |

**Emenda 116**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 – paragrafu 1 – punt a, punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| i) tipi speċifiċi ta' biedja li huma importanti għall-ħarsien u t-titjib tal-ambjent, | i) tipi speċifiċi ta' biedja li huma importanti għall-ħarsien u t-titjib tal-ambjent, ***tal-klima, tal-bijodiversità u l-kwalità tal-ilma, b'mod partikulari l-biedja organika u t-trobbija f'mergħat***, |

**Emenda 117**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 - paragrafu 1 - punt a - punt iii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| iii) titjib fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli; | iii) titjib fil-kummerċjalizzazzjoni***, b'mod partikulari l-kummerċjalizzazzjoni reġjonali, u fil-kompetittività*** ta' prodotti agrikoli |

**Emenda 118**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| b) biex jindirizzaw żvantaġġi speċifiċi li jaffettwaw bdiewa fis-setturi tal-ħalib***, ċanga, laħam tan-ngħaġ u l-mogħoż*** u ross f'żoni vulnerabbli ekonomikament jew sensittivi ambjentalment, | b) biex jindirizzaw żvantaġġi speċifiċi li jaffettwaw lill-bdiewa fis-setturi tal-ħalib u tar-ross f'żoni vulnerabbli ekonomikament jew sensittivi ambjentalment, ***u lill-produtturi tal-laħam taċ-ċanga, tan-nagħaġ u tal-mogħoż,*** |

**Emenda 119**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68(1)(c)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| c) f'żoni suġġetti għar-ristrutturar u/jew programmi ta' żvilupp sabiex jevitaw l-abbandun tal-art u/jew sabiex jindirizzaw żvantaġġi speċifiċi għall-bdiewa f'dawk iż-żoni, | c) f'żoni suġġetti għar-ristrutturar u/jew programmi ta' żvilupp sabiex jevitaw l-abbandun tal-art u/jew sabiex jindirizzaw żvantaġġi speċifiċi għall-bdiewa f'dawk iż-żoni, ***b'mod partikolari għandha tingħata l-prijorità lill-impriżi ġodda, lill-bdiewa żgħażagħ, lill-impriżi agrikultutrali familjari u lil prijoritajiet agrikulturali oħrajn, partikolarment lill-membri ta' organizzazzjoni ta' produtturi jew ta' koperattiva agrikola,*** |

**Emenda 120**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 - paragrafu 1 - punt (d)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***d) fil-forma ta' kontribuzzjonijiet għal primjums ta' assigurazzjoni ta' uċuħ tar-raba' skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 69,*** | ***imħassar*** |

**Emenda 121**

**Proposta għal regolament**
**Artikoku 68 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***e) fondi mutwi għal mard tal-annimali u l-pjanti skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 70.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 122**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 – paragrafu 1 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li, għal kull sena ta' wara, skont il-paragrafu -1, jużaw mis-sena kalendarja li jmiss mhux aktar minn 5% tal-limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 41, biex jagħtu appoġġ lill-bdiewa jew lil organizzazzjonijiet jew gruppi ta' produtturi fil-forma ta':*** |
| | ***a) kontribuzzjonijiet għall-primjums ta' assigurazzjoni bi qbil mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 69,*** |
| | ***b) kontribuzzjonijiet għal fondi reċiproċi bi qbil mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 70.*** |

**Emenda 123**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Appoġġ għal miżuri msemmija fil-paragrafu 1(b) jista' jingħata biss: | 3. Appoġġ għal miżuri msemmija fil-paragrafu 1(b) jista' jingħata biss sabiex ikunu jistgħu jinżammu l-livelli ***tal-impjiegu*** ta' produzzjoni attwali. |
| ***a) ma' l-implimentazzjoni sħiħa tal-iskema ta' pagament uniku fis-settur ikkonċernat skont l-Artikoli 54, 55 u 71.*** | |
| ***b)*** sal-punt meħtieġ biex jinħoloq inċentiv biex jinżammu l-livelli attwali tal-produzzjoni. | |

**Emenda 124**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 – paragrafu 4**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
| --- | --- |
| 4. Appoġġ skont il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1(a), (b) ***u (e)*** għandu jkun limitat għal ***2.5% tal-limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 41***, l-Istati Membri jistgħu jistipulaw sottolimiti massimi għal kull miżura. | 4. Appoġġ skont il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1(a) ***u*** (b) għandu jkun limitat għal ***perċentwali konformi mad-deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994).[1].*** L-Istati Membri jistgħu jistipulaw sottolimiti għal kull miżura.<br>________<br>***[1] ĠU L 336, 23.12.1994, p. 1.*** |

**Emenda 125**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 –paragrafu 5 – punt (a)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
| --- | --- |
| a) fil-paragrafu 1(a) ***u (d)*** għandu jkun fil-forma ta' pagamenti addizzjonali annwali, | a) fil-paragrafu 1(a) ***u 1a (a)*** għandu jkun fil-forma ta' pagamenti addizzjonali annwali, |

**Emenda 126**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 - paragrafu 5 - punt (d)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
| --- | --- |
| d) fil-***paragrafu 1(e)*** għandu jkun fil-forma ta' pagamenti kumpensatorji kif speċfikat fl-Artikolu 70. | d) fil-***paragrafu 1a(b)*** għandu jkun fil-forma ta' pagamenti kumpensatorji kif speċfikat fl-Artikolu 70. |

**Emenda 127**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***6. It-trasferiment ta' drittijiet għall-pagament b'valuri ta' unità miżjuda u ta' drittijiet għall-pagament addizzjonali msemmija fil-paragrafu 5(c) jitħalla jsir biss jekk id-drittijiet trasferiti jkunu akkumpanjati bit-trasferiment ta' għadd ekwivalenti ta' ettari.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 128**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. ***Appoġġ għal miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu konsistenti*** ma' miżuri u politiki ***oħra*** Komunitarji. | 7. ***Il-Kummissjoni, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2), għandha tiddefinixxi l-kundizzjonijiet għall-għotja tal-appoġġ imsemmi f'din it-Taqsima, b'mod partikolari, bil-għan li tiżgura konsistenza*** ma' miżuri u politiki Komunitarji ***oħrajn u biex tevita kumulazzjoni ta' appoġġ***. |

**Emenda 129**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 – paragrafu 7 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni kull sena dwar il-miżuri ppjanati u għandhom jippubblikaw il-metodi u l-kriterji użati għar-riallokazzjoni tal-approprjazzjonijiet, l-ismijiet tal-benefiċjarji u l-ammonti allokati lilhom.*** |

**Emenda 130**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 –paragrafu 8 – punt (a)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| a) fil-paragrafi 1(a), (b), (c) ***u (d)*** billi jipproċedu għal tnaqqis lineari tad-drittijiet allokati lil bdiewa u/jew mir-riżerva nazzjonali, | a) fil-paragrafi 1(a), (b) ***u*** (c)***, u fil-paragrafu 1a(a)***, billi jipproċedu għal tnaqqis lineari tad-drittijiet allokati lil bdiewa u/jew mir-riżerva nazzjonali, |

**Emenda 131**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 – paragrafu 8 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| b) fil-***paragrafu 1(e)*** billi jipproċedu, jekk ikun neċessarju, għal tnaqqis lineari ta' wieħed jew bosta mill-pagamenti li jridu jsiru lill-benefiċċjarji tal-pagamenti rilevanti skont dan it-Titolu ***u skont il-limiti massimi stipulati fil-paragrafi 1 u 3***. | b) fil-***paragrafu 1a (b)***, billi jipproċedu, jekk ikun neċessarju, għal tnaqqis lineari ta' wieħed jew bosta mill-pagamenti li jridu jsiru lill-benefiċjarji tal-pagamenti rilevanti skont dan it-Titolu. |

**Emenda 132**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 – paragrafu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***9. Il-Kummissjoni, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2), għandha tiddefinixxi l-kundizzjonijiet għall-għotja tal-appoġġ imsemmi f'din it-Taqsima, b'mod partikolari, bil-għan li tiżgura konsistenza ma' miżuri u politiki Komunitarji oħrajn u biex tevita kumulazzjoni ta' appoġġ.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 133**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 69 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Assigurazzjoni tal-uċuħ*** | ***Assigurazzjoni*** |

**Emenda 134**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 69 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu kontribuzzjonijiet finanzjarji għal primjums għall-assigurazzjoni tal-***uċuħ kontra*** telf ikkawżat b'avvenimenti klimatiċi ħżiena. | 1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu kontribuzzjonijiet finanzjarji għal primjums għall-assigurazzjoni***, meta jkunu ttieħdu l-miżuri prekawzjonali rilevanti kontra r-riskji magħrufa, imfassla bħala kumpens għal:***<br>***a)*** telf ikkawżat ***b'***avvenimenti klimatiċi ta' ħsara ***li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastri naturali***;<br>***b) telf ieħor kkawżat minn avvenimenti klimatiċi;***<br>***c) telf ekonomiku kkawżat minn mard ta' annimali jew pjanti jew impestazzjonijiet minn annimali jew insetti li jagħmlu l-ħsara.***<br>***Kull Stat Membru jew reġjun għandu jfassal studji speċifiċi biex tiġi prodotta data statistika jew attwarja komparattiva.*** |

**Emenda 135**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 69 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Għall-iskopijiet ta' dan l-Artikolu, 'telf ekonomiku' tfisser kwalunkwe spiża addizzjonali mġarrba minn bidwi bħala riżultat ta' miżuri eċċezzjonali meħuda*** |

| | |
|---|---|
| | ***mill-bidwi bil-għan li jnaqqas il-provvista fuq is-suq ikkonċernat jew kwalunkwe telf sostanzjali fil-produzzjoni. Spejjeż li għalihom jista' jingħata kumpens skont dispożizzjonijiet Komunitarji oħrajn u dawk li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' kwalunkwe miżura oħra veterinarja u tas-saħħa jew fitosanitarja m'għandhomx jitqiesu bħala telf ekonomiku.*** |

**Emenda 136**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 69(2) u (3)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja ***mogħtija lil kull bidwi*** għandha tkun stipulata għal 60% tal-primjum tal-assigurazzjoni ***li jrid jitħallas***. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jżidu l-kontribuzzjoni finanzjarja għal 70% meta titqies is-sitwazzjoni klimatika jew is-sitwazzjoni tas-settur ikkonċernat. | 2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja għandha tkun stipulata għal 60% tal-primjum tal-assigurazzjoni ***pagabbli individwalment jew - jekk ikun xieraq - kollettivament, f'każi meta l-kuntratt ta' assigurazzjoni jkun sar minn organizzazzjoni ta' produtturi.*** L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jżidu l-kontribuzzjoni finanzjarja għal 70% meta titqies is-sitwazzjoni klimatika jew is-sitwazzjoni tas-settur ikkonċernat. |
| L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-ammont tal-primjums li huma eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja billi japplikaw limiti massimi xierqa. | L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-ammont tal-primjums li huma eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja billi japplikaw limiti massimi xierqa. |
| 3. L-assigurazzjoni tal-***uċuħ*** għandha tkun koperta biss ***meta l-avveniment klimatiku avvers*** kien rikonoxxut formalment bħala dan mill-awtorità kopetenti tal-Istat Membru konċernat. | 3. Il-kopertura permezz ta' assigurazzjoni għandha tkun disponibbli biss ***meta wieħed mill-avvenimenti msemmijin fil-paragrafu 1*** ikun ġie rikonoxxut formalment bħala tali mill-awtorità kopetenti tal-Istat Membru konċernat. |

**Emenda 137**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 69 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Kwalunkwe kontribuzzjoni finanzjarja għandha titħallas direttament lill-bidwi kkonċernat. | 5. Kwalunkwe kontribuzzjoni finanzjarja għandha titħallas direttament lill-bidwi kkonċernat ***jew - meta jkun xieraq - lill-organizzazzjoni ta' produtturi li għamlet il-kuntratt fuq il-bażi tan-numru ta' membri tagħha***. |

**Emenda 138**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 69 – paragrafu 6 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. In-nefqa tal-Istati Membri għall-għotja ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji għandha tkun ikkofinanzjata mill-Komunità mill-fondi msemmija fl-Artikolu 68***(1)*** b'rata ta' ***40%*** tal-ammonti eliġibbli ta' primjums ta' assigurazzjoni stipulati skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. | 6. In-nefqa tal-Istati Membri għall-għotja ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji għandha tkun ikkofinanzjata mill-Komunità mill-fondi msemmija fl-Artikolu 68***(1a)*** b'rata ta' ***50*** % tal-ammonti eliġibbli ta' primjums ta' assigurazzjoni stipulati skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. |
| | ***Fil-każ tal-Istati Membri l-ġodda, madankollu, ir-rata msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tiżdied għal 70%.*** |

**Emenda 139**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 70 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *Fondi mutwi **għall-mard tal-annimali u l-pjanti*** | *Fondi reċiproċi* |

**Emenda 140**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 70 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal kumpens finanzjarju li jitħallas lil bdiewa għal telf ekonomiku kkawżat minn epidemija ta' mard tal-annimali jew pjanti permezz ta' kontribuzzjonijiet għal fondi mutwi. | 1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal kumpens finanzjarju li jitħallas lil bdiewa għal telf ekonomiku kkawżat minn ***diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi jew*** it-tfaqqigħ ta' mard tal-annimali jew pjanti permezz ta' kontribuzzjonijiet għal fondi reċiproċi***, meta jkunu ttieħdu l-miżuri prekawzjonali relevanti kollha***. ***Fondi ta' dan it-tip jistgħu jitmexxew minn organizzazzjonijiet ta' produtturi u/jew organizzazzjonijiet intersettorjali skont it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 122 u 123 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.*** <br><br> ***Dawn il-fondi jistgħu ikunu kumplimentari għal skemi nazzjonali ta' assigurazzjoni tal-bdiewa.*** |

**Emenda 141**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 70 –paragrafu 2 – punt (a)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| a) *'fond mutwu'* tfisser sistema akkreditata mill-Istat Membru skont il-liġi nazzjonali għall-bdiewa affiljati biex jassiguraw lilhom infushom, billi tagħti pagamenti kumpensatorji lil dawn il-bdiewa effettwati minn telf ekonomiku ***kkawżat minn*** epidemija ta' mard tal-annimali jew pjanti; | a) *'fondi reċiproċi'* tfisser sistema akkreditata mill-Istat Membru skont il-liġi nazzjonali għall-bdiewa affiljati biex jassiguraw lilhom infushom, billi tagħti pagamenti kumpensatorji lil dawn il-bdiewa effettwati minn telf ekonomiku ***lill-impriżi agrikulturi tagħhom b'riżultat ta' diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi jew*** epidemija ta' mard tal-annimali jew pjanti; |

**Emenda 142**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 70 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| b) 'telf ekonomiku' tfisser kwalunkwe spiża addizzjonali mġarrba minn bidwi bħala riżultat ta' miżuri eċċezzjonali meħuda mill-bidwi bil-għan li jnaqqas il-provvista fuq is-suq konċernat jew kwalunkwe telf sostanzjali fil-produzzjoni. Spejjeż li għalihom jista' jingħata kumpens skont dispożizzjonijiet Komunitarji oħrajn u dawk li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' kwalunkwe miżura oħra veterinarja u tas-saħħa jew fitosanitarja ma għandhomx jitqiesu bħala telf ekonomiku. | b) 'telf ekonomiku' tfisser kwalunkwe spiża addizzjonali mġarrba minn bidwi bħala riżultat ta' miżuri eċċezzjonali meħuda mill-bidwi bil-għan li jnaqqas il-provvista fuq is-suq konċernat***, l-ispejjeż dovuti għal kampanja ta' titqib urġenti*** jew kwalunkwe telf sostanzjali fil-produzzjoni. Spejjeż li għalihom jista' jingħata kumpens skont dispożizzjonijiet Komunitarji oħrajn u dawk li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' kwalunkwe miżura oħra veterinarja u tas-saħħa jew fitosanitarja ma għandhomx jitqiesu bħala telf ekonomiku***;*** |

**Emenda 143**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 70 - paragrafu 2 - punt b a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***b a) 'avveniment klimatiku avvers' ifisser kundizzjonijiet klimatiċi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali, bħal ġlata, silġ, borra, xita, in-nirien forestali jew nixfa u li jeqirdu aktar minn 30% tal-medja tal-produzzjoni annwali ta' bidwi partikolari fil-perjodu ta' tliet snin preċedenti jew medja ta' tliet snin bbażata fuq il-perjodu ta' ħames snin preċedenti, eskluż l-ogħla ammont u l-iktar wieħed baxx;*** |

**Emenda 144**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 70 – paragrafu 2 – punt (b b) (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***b b) 'miżuri prekawzjonali relevanti" tfisser miżuri għall-ottimizzazzjoni tas-saħħa tal-annimali u tal-pjanti.*** |

**Emenda 145**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 70 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-fondi mutwi għandhom iħallsu kumpens finanzjarju direttament lill-bdiewa affiljati li huma effettwati mit-telf ekonomiku. | 3. Il-fondi reċiproċi għandhom iħallsu kumpens finanzjarju direttament lill-bdiewa affiljati li huma effettwati mit-telf ekonomiku***, sakemm ikunu ħadu l-miżuri prekawzjonali relevanti***. |

**Emenda 146**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 70 – paragrafu 6 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. In-nefqa tal-Istati Membri fuq il-kontribuzzjonijiet finanzjarji għandha tkun ikkofinanzjata mill-Komunità mill-fondi msemmija fl-Artikolu 68***(1)*** b'rata ta' ***40%*** tal-ammonti eliġibbli taħt il-paragrafu 4. | 6. In-nefqa tal-Istati Membri fuq il-kontribuzzjonijiet finanzjarji għandha tkun ikkofinanzjata mill-Komunità mill-fondi msemmija fl-Artikolu 68***(1a)*** b'rata ta' ***50%*** tal-ammonti eliġibbli taħt il-paragrafu 4.<br>***Fil-każ tal-Istati Membri l-ġodda, madankollu, ir-rata msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tiżdied għal 70%.*** |

**Emenda 147**

**Proposta għal regolament**
**Titolu III - Kapitolu 5 - Artikolu 70a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 70a*** |
| | ***Għajnuna speċifika għall-produtturi tal-ħalib*** |
| | ***1. Meta, għal sena finanzjarja partikolari, skont il-previżjonijiet tal-ispejjeż imwettqa bi qbil mas-sistema ta' twissija msemmi fir-Regolament (KE) Nru 1290/2005, ikun għad fadal fit-taqsima 2 tal-qafas finanzjarju marġni ta' mill-inqas EUR 600 000 000, dan l-ammont, imnaqqas b'dan il-marġni, għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-għajnuna speċifika għall-produtturi tal-ħalib.*** |
| | ***2. Il-Kummissjoni, flimkien mal-abbozz preliminari tal-baġit għas-sena finanzjarja kkonċernata, għandha tressaq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-evalwazzjoni intermedja tagħha fil-qasam tal-għajnuna speċifika għall-produtturi tal-ħalib.*** |
| | ***3. L-għajnuna speċifika għall-produtturi tal-ħalib tista' tingħata għat-tipi ta' miżuri li ġejjin:*** |
| | ***a) appoġġ speċifiku skont l-Artikolu 68(1b);*** |
| | ***b) miżuri skont l-Artikolu 20 u l-Artikolu 36(a), tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, sakemm dawn ikunu jservu direttament bħala għajnuna għall-impriżi agrikoli.*** |
| | ***4. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni, fuq il-bażi tal-abbozz preliminari tal-baġit u bi qbil mal-paragrafu 2, l-iktar tard sal-15 ta' Ottubru tas-sena kkonċernata, dwar in-natura tal-miżuri li jkunu se jiġu applikati skont il-paragrafu 3.*** |
| | ***5. It-tqassim tal-fondi dedikati għall-għajnuna speċifika għall-produtturi tal-*** |

***ħalib fid-diversi Stati Membri għandu jsir skont il-kwantitajiet ta' referenza ta' kull Stat Membru bi qbil mal-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1788/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi taxxa fil-qasam tal-ħalib u l-prodotti mill-ħalib[1].***

________

***[1] ĠU L 270, 21.10.2003, p. 123.***

**Emenda 148**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 71**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Għas-snin 2009, 2010, u 2011*** għandha tingħata għajnuna lill-bdiewa li jipproduċu ross, li jaqa' taħt il-kodiċI tan-NM 1006 10 taħt il-kundizzjonijiet stipulati f'din it-Taqsima. | Għandha tingħata għajnuna lill-bdiewa li jipproduċu ross, li jaqa' taħt il-kodiċi tan-NM 1006 10 taħt il-kundizzjonijiet stipulati f'din it-Taqsima. |

**Emenda 149**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 72 – paragrafu 2 – tabella**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | | |
|---|---|---|
| | EUR/ettaru | |
| | 2009 | ***2010 u 2011*** |
| Il-Bulgarija | 345,255 | ***172,627*** |
| Il-Greċja | 561,00 | ***280,5*** |
| Spanja | 476,25 | ***238,125*** |
| Franza | 411,75 | ***205,875*** |
| L-Italja | 453,00 | ***226,5*** |
| L-Ungerija | 232,50 | ***116,25*** |
| Il-Portugall | 453,75 | ***226,875*** |
| Ir-Rumanija | 126,075 | ***63,037*** |

| *Emenda tal-Parlament* | | |
|---|---|---|
| | EUR/ettaru | |
| | 2009 ***sa 2013*** | |
| Il-Bulgarija | 345,255 | |
| Il-Greċja | 561,00 | |
| Spanja | 476,25 | |
| Franza | 411,75 | |
| L-Italja | 453,00 | |
| L-Ungerija | 232,50 | |
| Il-Portugall | 453,75 | |
| Ir-Rumanija | 126,075 | |

**Emenda 150**

**Proposta għal regolament**
**Taqsima 1 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***TAQSIMA 1 A*** |
| | ***INĊENTIV GĦALL-UĊUĦ TAL-PROTEINA*** |
| | ***l-Artikolu 95a*** |
| | ***Ambitu*** |
| | ***Tingħata għajnuna lill-bdiewa li jipproduċu uċuħ tal-proteina skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din it-taqsima.*** |
| | ***L-uċuħ tal-proteina jinkludu:*** |
| | ***a) piżelli li jaqgħu taħt il-kodiċi NC 0713 10;*** |
| | ***b) il-favetta li taqa' taħt il-kodiċi NC 0713 50;*** |
| | ***c) il-lupin ħelu li jaqa' taħt il-kodiċi NC ex 1209 29 50.*** |
| | ***Artikolu 74b*** |

| | |
|---|---|
| | ***Il-kundizzjonijiet u l-ammonti tal-għajnuna*** |
| | ***L-għajuna tammonta għal 55,57 EUR għal kull ettaru ta' wiċċ ta' proteina wara l-fażi ta' maturità lattika.*** |
| | ***Madankollu, uċuħ li jitkabbru f'zoni li huma kompletament miżrugħa u li huma kkultivati skont standards lokali, imma li ma jilħqux l-istadju tal-ħruġ tal-fjuri minħabba kundizzjonijiet klimatiċi eċċezzjonali rikonoxxuti mill-Istat Membru kkonċernat, għandhom jibqgħu eliġibbli għall-għajnuna sakemm, sa dan l-istadju ta' tkabbir, iż-żoni in kwistjoni ma jintużawx għal xi skop ieħor.*** |
| | ***Artikolu 74 c*** |
| | ***Id-daqs tal-uċuħ*** |
| | ***1. Id-daqs massimu ġarantit tal-għajnuna huwa hawnhekk stabbilit li jkun ta' 1400000 ettaru*** |
| | ***2. Meta d-daqs tal-uċuħ li għalihom tintalab l-għajnuna jkun akbar mill-massimu garantit, id-daqs tal-uċuħ għal kull bidwi li għalihom tintalab l-għajnuna jitnaqqas b'mod proporzjonat għas-sena kkonċernata, skont il-proċeduri stipulati fl-Artikolu 128 (2).*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Minħabba l-attrazzjoni taċ-ċereali jidher li hemm tnaqqis qawwi tal-uċuħ kkultivati ta' proteini. Minbarra l-impatt negattiv fil-livell agrikolu u ambjentali, dan it-tnaqqis jirriskja li joħloq skarsezza ta' uċuħ ta' proteini, b'mod partikulari ta' għalf għall-annimali.*

**Emenda 151**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 75 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***a)*** EUR 66.32 għas-snin tas-suq 2009/2010 ***u*** 2010/2011; | EUR 66.32 għas-snin ta' kummerċjalizzazzjoni 2009/2010, 2010/11, |

*2011/2012 u 2012/2013*;

**Emenda 152**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 75 – punt (b)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***b) EUR 33.16 għas-snin tas-suq 2009/2012 u 2012/2013.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 153**

**Proposta għal regolament**
**Taqsima 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***TAQSIMA 3***<br>***GĦAJNUNA SPEĊIFIKA GĦALL-QOTON***<br>***(it-Taqsima kollha)*** | ***imħassar*** |

**Emenda 154**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 82 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-għajnuna għandha tingħata ***għal massimu ta' ħames snin konsekuttivi mis-sena tas-suq li fiha l-limitu ta' 50% msemmi fil-paragrafu 1 kien intlaħaq iżda sa mhux aktar tard mis-***sena tas-*suq* 2013/2014. | 2. L-għajnuna għandha tingħata għal ***sas-***sena ta' *kummerċjalizzazzjoni* 2013/2014. |

*Ġustifikazzjoni*

*Jeħtieġ li l-iskema attwali ta' għajnuna Komunitarja għall-produtturi tal-pitravi taz-zokkor u tal-kannamieli tiġi estiża sas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2013/2014, għall-Istati Membri li*

*jkunu rċevew l-għajnuna għar-ristrutturazzjoni msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 320/2006 għal mill-inqas 50 % tal-kwota taz-zokkor iffissata fl-20 ta' Frar 2006 fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 318/2006, mingħajr ma jiġi ffissat perjodu massimu ta' ħames snin, sabiex jiġu sodisfatti l-bżonnijiet ta' adattament dovuti għar-ristrutturazzjoni.*

**Emenda 155**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 90 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-ammont tal-primjum għal kull nagħġa għandu jkun ta' EUR 21. Madankollu għall-bdiewa li jikkumerċjalizzaw il-ħalib tan-nagħaġ jew il-prodotti bbażati fuq il-ħalib tan-nagħaġ il-primjum għal kull nagħġa għandu jkun ***EUR 6.8***. | 4. L-ammont tal-primjum għal kull nagħġa għandu jkun ta' EUR 21. Madankollu għall-bdiewa li jikkumerċjalizzaw il-ħalib tan-nagħaġ jew il-prodotti bbażati fuq il-ħalib tan-nagħaġ il-primjum għal kull nagħġa għandu jkun ***EUR 16.8.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Korrezzjoni ta' żball tal-Kummissjoni.*

**Emenda 156**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 90 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. L-ammont tal-primjum għal kull mogħża għandu jkun ta' ***EUR 6.8***. | 5. L-ammont tal-primjum għal kull mogħża għandu jkun ta' ***EUR 16.8***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Korrezzjoni ta' żball tal-Kummissjoni.*

**Emenda 157**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 98 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***a) "reġjun" tfisser Stat Membru jew reġjun fi Stat Membru, skont l-għażla tal-*** | ***imħassar*** |

***Istat Membru konċernat,***

*Ġustifikazzjoni*

*Din id-definizzjoni hi spustjata għall-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament li jinkludi d-definizzjonijiet kollha meħtieġa sabiex jinftiehem it-test.*

**Emenda 158**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 112 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 112a*** |
| | ***Riżerva nazzjonali*** |
| | ***1. L-Istati Membri li japplikaw l-iskema ta' ħlas uniku joħolqu riżerva nazzjonali li jkun fiha d-differenza bejn il-limiti massimi ffissati fl-Anness VIIIa u l-valur totali tal-ħlasijiet diretti li jkunu twettqu realment matul is-sena kkonċernata.*** |
| | ***2. Huma jistgħu jagħmlu użu minn din ir-riżerva nazzjonali biex iwettqu ħlasijiet maħsuba għall-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 68, skont il-kriterji oġġettivi u b'mod li tiġi garantita l-ugwaljanza fit-trattament bejn il-bdiewa u li jiġi evitat ksur tal-prinċipji tas-suq u kwalunkwe tgħawiġ tal-kompetizzjoni.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Billi l-Istati Membri ġodda li japplikaw l-iskema ta' ħlas uniku jidher li m'għandhomx riżerva nazzjonali, waħda mis-soluzzjonijiet li ta' min wieħed iqishom hija li jiġu użati l-fondi mhux użati tal-portafoll tal-ħlas dirett nazzjonali. Dawn il-fondi jikkostitwixxu riżerva li tkun tista' tintuża bi qbil mal-Artikolu 69, kif emendat, tar-Regolament 1782/2003.*

**Emenda 159**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 113 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| b) kundizzjonijiet imsemmija ***fil-punti B u C*** tal-Anness II għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2011. | b) kundizzjonijiet imsemmija ***fil-punt B*** tal-Anness II għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2011***;*** |

**Emenda 160**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 113 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt (b a) (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***ba) kundizzjonijiet imsemmija fil-punt A tal-Anness II għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2013.*** |

**Emenda 161**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 123**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *Artikolu 123* | ***imħassar*** |
| ***Trasferimenti finanzjarji għar-ristrutturar fir-reġjuni tal-koltivazzjoni tat-tabakk*** | |
| ***Mis-sena tal-baġit 2011, ammont ta' EUR 484 miljun għandu jkun disponibbli skont programmazzjoni tal-Iżvilupp Rurali b'finanzjament mill-FAEŻR, bħala appoġġ Komunitarju addizzjonali għal miżuri f'reġjuni li jipproduċu t-tabakk, għal dawk l-Istati Membri li fihom il-produtturi tat-tabakk ikunu rċevew l-għajnuna skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2075/92 fis-snin 2000, 2001 u 2002.*** | |

**Emenda 162**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 129 (t)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***t) rigward il-qoton, regoli dettaljati dwar:*** | ***imħassar*** |
| ***i) il-kalkolu tat-tnaqqis tal-għajnuna pprovduta fl-Artikolu 80(3);*** | |
| ***l-organizzazzjonijiet intersettorjali approvati, b'mod partikolari il-finanzjament u sistema ta' kontroll u sanzjonijiet.*** | |

**Emenda 163**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Artikolu 132 - punt 1 - punt (b)**
Regolament (KE) Nru 378/2007
Artikolu 1(5)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Ir-rati ta' modulazzjoni applikabbli għal bidwi jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru XXX/2008 (dan ir-Regolament) bit-tnaqqis ta' 5 punti perċentwali għandhom jitnaqqsu mir-rata tal-modulazzjoni volontarja applikata mill-Istati Membri b'applikazzjoni tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu. Sew il-perċentwal li għandu jitnaqqas kif ukoll ir-rata finali tal-modulazzjoni vovlontarja għandhom ikunu ugwali għal jew aktar minn 0. | 5. Ir-rati ta' modulazzjoniapplikabbli għal bidwi jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru XXX/2008 (dan ir-Regolament) bit-tnaqqis ta' 5 punti perċentwali għandhom jitnaqqsu mir-rata tal-modulazzjoni volontarja applikata mill-Istati Membri b'applikazzjoni tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu. Sew il-perċentwal li għandu jitnaqqas kif ukoll ir-rata finali tal-modulazzjoni vovlontarja għandhom ikunu ugwali għal jew aktar minn 0. ***Madankollu, l-ebda adattament ma jista' jwassal għal tnaqqis globali tal-fondi tal-Feader li jkunu diġà ngħataw lil programmi ta' żvilupp rurali, hekk kif turi d-deċiżjoni formali tal-Kummissjoni li approvathom.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Dan ikun effett kontort kieku l-emendi li qed jiġu proposti jwasslu għal tnaqqis tal-fondi mogtħija lill-programmi għall-iżvilupp rurali ta' Stat Membru wieħed jew iktar, filwaqt li l-għan prinċipali kien li jiżdied l-ammont tal-fondi disponibbli sabiex jiġu ffaċċjati l-isfidi ambjentali ġodda. Din il-klawsola hija għalhekk neċessarja minħabba n-numru kumpless ta' parametri li jiddeterminaw ir-rendiment globali tal-modulazzjoni.*

**Emenda 164**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 133 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 133a*** |
| | ***Studju tal-ispejjeż dovuti għar-rispett tal-leġiżlazzjoni*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha twettaq studju sabiex tevalwa l-ispejjeż reali għall-bdiewa, dovuti għar-rispett tal-leġiżlazzjoni Komunitarja fl-oqsma ambjentali, tal-benessri tal-annimali u tas-sikurezza tal-ikel, meta din tmur lil hinn mir-regoli applikabbli għall-prodotti importati. Leġiżlazzjoni bħal din tinkludi, inter alia, ir-regolamenti u d-direttivi mniżżla fl-Anness II li fuqhom hija msejsa s-sistema ta' kundizzjonalità, kif ukoll l-istandards definiti bħala "l-kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba" fl-Anness III, li huma wkoll parti minn din is-sistema.*** |
| | ***L-istudju tal-Kummissjoni għandu jevalwa l-ispiża tal-konformità mal-leġiżlazzjoni msemmija hawn fuq fl-Istati Membri kollha. Din l-ispiża tista' tvarja bejn l-Istati Membri, saħansitra bejn ir-reġjuni, skont id-differenzi tagħhom mil-lat klimatiku, ġeoloġiku, ekonomiku u soċjali, kif ukoll fil-livell tal-karatteristiċi ta' produzzjoni tagħhom.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Parlament Ewropew tenna repetutament il-pożizzjoni tiegħu (T6-0598/2007 u T6-0093/2008) li pagamenti diretti għandhom ikunu razzjonalizzati aktar wara l-2013 billi jagħmlu l-ammont ta' dawn il-pagamenti dipendenti fuq l-ispejjeż attwali tal-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE li tmur lil hinn mill-istandards li għalihom huma suġġetti l-prodotti tal-importazzjoni. Ir-riżultati tal-istudju pilota jistgħu jservu bħala bażi biex titqiegħed fil-prattika razzjonalizzazzjoni tal-pagamenti agrikoli wara l-2013. Barra minn hekk, ir-riżultati jgħinu lill-UE biex tiġġustifika l-pagamenti agrikoli tagħha fi ħdan il-qafas tad-WTO, kif ukoll maċ-ċittadini tagħha stess.*

**Emenda 165**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – Uċuħ tal-proteina – kolonna "Bażi legali"**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Titolu IV, ***Kapitolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003*** | Titolu IV, ***Kapitolu 1, Taqsima 1a ta' dan ir-Regolament*** |

**Emenda 166**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt A – punt 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | |
|---|---|---|
| 4. | ***Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar*** il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati ***minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1)*** | ***Artikoli 4 u 5*** |

*Emenda*

| | | |
|---|---|---|
| 4. | ***Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament (ĠU L 372, 27.12.2006, p. 19)*** | ***Artikolu 6*** |

**Emenda 167**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt A a (ġdid)**

*Emenda*

| | | |
|---|---|---|
| ***A a*** | ***Sigurtà fuq il-post tax-xogħol*** | |
| ***8a*** | ***Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex iħeġġu titjib fis-sikurezza u s-saħħa ta' ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L183, 29.6.1989, p.1).*** | ***Artikolu 6*** |
| ***8b*** | ***Direttiva 2000/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar il-ħarsien tal-ħaddiema mir-riskji relatati mal-esponiment għal sustanzi bijoloġiċi fuq il-post tax-xogħol, (is-seba' direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)(ĠU L 262, 17.10.2000, p. 21)*** | ***Artikoli 3 , 6, 8 u 9*** |
| ***8c*** | ***Id-Direttiva tal-Kunsill 94/33/KE tat-22 ta' Ġunju 1994 dwar il-kontroll uffiċjali ta' affarijiet tal-ikel (ĠU L 216, 20.8.1994, p. 12).*** | |
| ***8d*** | ***Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-29 ta' April 2004 dwar il-ħarsien tal-ħaddiema mir-riskji relatati mal-esponiment għal sustanzi bijoloġiċi fuq il-post tax-xogħol, (is-sitt direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)(ĠU L 158, 17.10.2000, p. 50)*** | ***Artikoli 3, u 4 sa 12*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Sempliċement konsegwenza tal-inklużjoni tas-sikurezza fuq il-postijiet tax-xogħol fl-esiġenzi regolamentarji rigward amministrazzjoni.*

**Emenda 168**

**Proposta għal regolament**
**Anness III - Kolonna 2 - titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Standards*** | ***Eżempji tl-esiġenzi rilevanti*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-regoli għandhom biss iservu ta' linji gwida u m'għandhomx ikunu imposti fuq l-Istati Membri, sabiex tinżamm flessibilità fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell reġjonali.*

**Emenda 169**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – linja 4 – kolonna 2 - inċiż 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| - Żamma ta' elementi tal-pajsaġġ, ***inkluż, fejn dan ikun f'loku, hedges, għadajjar, trinek għall-ilma, siġar f'ringiela, fi gruppi jew iżolati, u l-marġni tal-għelieqi,*** | - Żamma ta' elementi tal-pajsaġġ |

**Emenda 170**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – linja 4 – kolonna 2 - inċiż 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| - Żamma f'kundizzjoni veġetattiva tajba tal-imsaġar taż-żebbuġ ***u d-dwieli*** | - Żamma f'kundizzjoni veġetattiva tajba tal-imsaġar taż-żebbuġ |

**Emenda 171**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – linja 5 – kolonna 2 - inċiż 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| - Stabbiliment ta' strixxi marġinali matul il-mogħdijiet tal-ilma | – Stabbiliment ta' strixxi marġinali matul il-mogħdijiet tal-ilma ***bi qbil mal-leġiżlazzjoni rilevanti komuni dwar il-protezzjoni tal-ilmijiet tal-wiċċ*** |

**Emenda 172**

**Proposta għal regolament**
**ANNESS IV**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | | | *EUR miljuni* |
|---|---|---|---|---|
| Sena Kalendarja | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 |
| Il-Belġju | ***583,2*** | ***570,9*** | ***563,1*** | ***553,9*** |
| Ir-Repubblika Ċeka | | | | ***773,0*** |
| Id-Danimarka | ***985,9*** | ***965,3*** | ***954,6*** | ***937,8*** |
| Il-Ġermanja | ***5 467,4*** | ***5 339,2*** | ***5 269,3*** | ***5 178,0*** |
| L-Estonja | | | | ***88,9*** |
| L-Irlanda | ***1 283,1*** | ***1 264,0*** | ***1 247,1*** | ***1 230,0*** |
| Il-Greċja | ***2 567,3*** | ***2 365,5*** | ***2 348,9*** | ***2 324,1*** |
| Spanja | ***5 171,3*** | ***5 043,4*** | ***5 019,1*** | ***4 953,5*** |
| Franza | ***8 218,5*** | ***8 021,2*** | ***7 930,7*** | ***7 796,2*** |
| L-Italja | ***4 323,6*** | ***4 103,7*** | ***4 073,2*** | ***4 023,3*** |
| Ċipru | | | | ***48,2*** |
| Il-Latvja | | | | ***130,5*** |
| Il-Litwanja | | | | ***337,9*** |
| Lussemburgu | ***35,2*** | ***34,5*** | ***34,0*** | ***33,4*** |
| L-Ungerija | | | | ***1 150,9*** |
| Malta | | | | ***4,6*** |
| Olanda | ***841,5*** | ***827,0*** | ***829,4*** | ***815,9*** |
| L-Awstrija | ***727,7*** | ***718,2*** | ***712,1*** | ***704,9*** |
| Il-Polonja | | | | ***2 730,5*** |
| Il-Portugall | ***635,8*** | ***623,0*** | ***622,6*** | ***622,6*** |
| Is-Slovenja | | | | ***129,4*** |
| Is-Slovakkja | | | | ***335,9*** |
| Il-Finlandja | ***550,0*** | ***541,2*** | ***536,0*** | ***529,8*** |
| L-Iżvezja | ***731,7*** | ***719,9*** | ***710,6*** | ***699,8*** |
| Ir-Renju Unit | ***3 373,0*** | ***3 340,4*** | ***3 335,8*** | ***3 334,9*** |

*Emenda*

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | *EUR miljuni* |
| Sena Kalendarja | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Il-Belġju | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** |
| Ir-Repubblika Ċeka | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** |
| Id-Danimarka | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** |
| Il-Ġermanja | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** |
| L-Estonja | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** |
| L-Irlanda | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** |
| Il-Greċja | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** |
| Spanja | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** |
| Franza | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** |
| L-Italja | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** |
| Ċipru | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** |
| Il-Latvja | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** |
| Il-Litwanja | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** |
| Lussemburgu | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** |
| L-Ungerija | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** |
| Malta | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** |
| Olanda | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** |
| L-Awstrija | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** |
| Il-Polonja | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** |
| Il-Portugall | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** |
| Is-Slovenja | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** |
| Is-Slovakkja | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** |
| Il-Finlandja | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** |
| L-Iżvezja | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** |
| Ir-Renju Unit | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Dan l-anness għandu jiġi rivedut sabiex jitqiesu l-emendi tal-PE.*

**Emenda 173**

**Proposta għal regolament**
**ANNESS VIII**
*Test propost mill-Kummissjoni*

Tabella 1

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | (EUR 1 000) |
| Stat Membru | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 u s-snin ta' wara |
| Il-Belġju | ***614 179*** | ***611 901*** | ***613 281*** | ***613 281*** | ***614 661*** | ***614 661*** | ***614 661*** | ***614 661*** |
| Id-Danimarka | ***1 030 478*** | ***1 031 321*** | ***1 043 421*** | ***1 043 421*** | ***1 048 999*** | ***1 048 999*** | ***1 048 999*** | ***1 048 999*** |
| Il-Ġermanja | ***5 770 254*** | ***5 781 666*** | ***5 826 537*** | ***5 826 537*** | ***5 848 330*** | ***5 848 330*** | ***5 848 330*** | ***5 848 330*** |
| L-Irlanda | ***1 342 268*** | ***1 340 737*** | ***1 340 869*** | ***1 340 869*** | ***1 340 869*** | ***1 340 869*** | ***1 340 869*** | ***1 340 869*** |
| Il-Greċja | ***2 367 713*** | ***2 209 591*** | ***2 210 829*** | ***2 216 533*** | ***2 216 533*** | ***2 216 533*** | ***2 216 533*** | ***2 216 533*** |
| Spanja | ***4 838 512*** | ***5 070 413*** | ***5 114 250*** | ***5 139 246*** | ***5 139 316*** | ***5 139 316*** | ***5 139 316*** | ***5 139 316*** |
| Franza | ***8 404 502*** | ***8 444 468*** | ***8 500 503*** | ***8 504 425*** | ***8 518 804*** | ***8 518 804*** | ***8 518 804*** | ***8 518 804*** |
| L-Italja | ***4 143 175*** | ***4 277 633*** | ***4 320 238*** | ***4 369 974*** | ***4 369 974*** | ***4 369 974*** | ***4 369 974*** | ***4 369 974*** |
| Lussemburgu | ***37 051*** | ***37 084*** | ***37 084*** | ***37 084*** | ***37 084*** | ***37 084*** | ***37 084*** | ***37 084*** |
| Olanda | ***853 090*** | ***853 169*** | ***886 966*** | ***886 966*** | ***904 272*** | ***904 272*** | ***904 272*** | ***904 272*** |
| L-Awstrija | ***745 561*** | ***747 298*** | ***750 019*** | ***750 019*** | ***751 616*** | ***751 616*** | ***751 616*** | ***751 616*** |
| Il-Portugall | ***589 723*** | ***600 296*** | ***600 370*** | ***605 967*** | ***605 972*** | ***605 972*** | ***605 972*** | ***605 972*** |
| Il-Finlandja | ***566 801*** | ***565 823*** | ***568 799*** | ***568 799*** | ***570 583*** | ***570 583*** | ***570 583*** | ***570 583*** |
| L-Iżvezja | ***763 082*** | ***765 229*** | ***768 853*** | ***768 853*** | ***770 916*** | ***770 916*** | ***770 916*** | ***770 916*** |
| Ir-Renju Unit | ***3 985 834*** | ***3 986 361*** | ***3 987 844*** | ***3 987 844*** | ***3 987 849*** | ***3 987 849*** | ***3 987 849*** | ***3 987 849*** |

Tabella 2*

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | (EUR 1 000) |
| Stat Membru | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 u s-snin ta' wara |
| Il-Bulgarija | ***287 399*** | ***328 997*** | ***409 587*** | ***490 705*** | ***571 467*** | ***652 228*** | ***732 986*** | ***813 746*** |
| Ir-Repubblika Ċeka | ***559 622*** | ***647 080*** | ***735 801*** | ***821 779*** | ***909 164*** | ***909 164*** | ***909 164*** | ***909 164*** |
| L-Estonja | ***60 500*** | ***70 769*** | ***80 910*** | ***91 034*** | ***101 171*** | ***101 171*** | ***101 171*** | ***101 171*** |
| Ċipru | ***31 670*** | ***38 845*** | ***43 730*** | ***48 615*** | ***53 499*** | ***53 499*** | ***53 499*** | ***53 499*** |
| Il-Latvja | ***90 016*** | ***104 025*** | ***118 258*** | ***132 193*** | ***146 355*** | ***146 355*** | ***146 355*** | ***146 355*** |
| Il-Litwanja | ***230 560*** | ***268 746*** | ***305 964*** | ***342 881*** | ***380 064*** | ***380 064*** | ***380 064*** | ***380 064*** |
| L-Ungerija | ***807 366*** | ***935 912*** | ***1 064 312*** | ***1 191 526*** | ***1 318 542*** | ***1 318 542*** | ***1 318 542*** | ***1 318 542*** |
| Malta | ***3 434*** | ***3 851*** | ***4 268*** | ***4 685*** | ***5 102*** | ***5 102*** | ***5 102*** | ***5 102*** |
| Il-Polonja | ***1 877 107*** | ***2 164 285*** | ***2 456 894*** | ***2 742 771*** | ***3 033 549*** | ***3 033 549*** | ***3 033 549*** | ***3 033 549*** |
| Ir-Rumanija | ***623 399*** | ***713 207*** | ***891 072*** | ***1 068 953*** | ***1 246 821*** | ***1 424 684*** | ***1 602 550*** | ***1 780 414*** |
| Is-Slovenja | ***87 942*** | ***102 047*** | ***116 077*** | ***130 107*** | ***144 236*** | ***144 236*** | ***144 236*** | ***144 236*** |
| Is-Slovakkja | ***240 014*** | ***277 779*** | ***314 692*** | ***351 377*** | ***388 191*** | ***388 191*** | ***388 191*** | ***388 191*** |

**** Il-limiti massimi kkalkolati bil-qies tal-iskeda ta' żidiet inkrementali pprovduta skont l-Artikolu 110***.

*Emenda*
Tabella 1

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | (EUR 1 000) |
| Stat Membru | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 u s-snin ta' wara |
| Il-Belġju | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Id-Danimarka | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* |
| Il-Ġermanja | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* |
| L-Irlanda | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* |
| Il-Greċja | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* |
| Spanja | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* |
| Franza | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* |
| L-Italja | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* |
| Lussemburgu | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* |
| Olanda | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* |
| L-Awstrija | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* |
| Il-Portugall | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* |
| Il-Finlandja | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* |
| L-Iżvezja | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* |
| Ir-Renju Unit | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* |

Tabella 2

| | | | | | | | | (EUR 1 000) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Stat Membru | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 u s-snin ta' wara |
| Il-Bulgarija | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* |
| Ir-Repubblika Ċeka | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* |
| L-Estonja | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* |
| Ċipru | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* |
| Il-Latvja | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* |
| Il-Litwanja | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* |
| L-Ungerija | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* |
| Malta | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* |
| Il-Polonja | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* |
| Ir-Rumanija | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* |
| Is-Slovenja | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* |
| Is-Slovakkja | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* |

*Ġustifikazzjoni*

*Dan l-anness għandu jiġi rivedut sabiex jitqiesu l-emendi tal-PE.*

**Emenda 174**

**Proposta għal regolament**
**Anness X – parti I – inċiż 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***– Mill-2010, il-primjum għall-uċuħ tal-proteini previst fit-Titolu IV, Kapitolu 2, tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*It-tneħħija tal-għanjuna akkoppjata tirriskja li taggrava aktar in-nuqqas ta' wċuħ koltivati ta' proteini, tnaqqis li jirriskja li joħloq skarsezza ta' għalf għall-annimali.*

**Emenda 175**

**Proposta għal regolament**
**Anness X – parti I – inċiż 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| - Mill-***2010*** 'l quddiem, il-pagament speċifiku għar-ross ipprovdut fil-Kapitolu III tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u s-Sezzjoni 1 tal-Kapitolu 1 tat-titolu IV ta' dan ir-Regolament, skont l-iskeda ta' żmien ippprovduta bl-Artikolu 72(2) ta' dan ir-Regolament; | - Mill-***2013*** 'il quddiem, il-pagament speċifiku għar-ross ipprovdut fil-Kapitolu III tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u s-Sezzjoni 1 tal-Kapitolu 1 tat-titolu IV ta' dan ir-Regolament, skont l-iskeda ta' żmien ippprovduta bl-Artikolu 72(2) ta' dan ir-Regolament; |

*Ġustifikazzjoni*

*L-integrazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku għandha ssir mis-sena 2013 u mhux qabel.*

**Emenda 176**

**Proposta għal regolament**
**Anness X – parti I – inċiż 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***- Mill-2011 'il quddiem l-għajnuna għall-ipproċessar tal-għalf imnixxef ipprovduta fis-Subsezzjoni I tas-Sezzjoni I tal-Kapitolu IV tat-Titolu I tal-Parti II tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007;*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-għalf imnixxef jinsab taħt COM li qed jiġi evalwat u r-riżultati għadhom m'humiex magħrufa. Jekk is-settur għandu bżonn ta' ristrutturazzjoni biex ikun jista' jkompli, fis-sitwazzjoni ta' kriżi ta' produzzjoni ta' annimali attwali jaqbel li jkun hemm garanzija ta' offerta ta' prodotti rikki bi proteini.*

**Emenda 177**

**Proposta għal regolament**
**Anness X – parti I – inċiż 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| - Mill-***2011*** 'il quddiem l-għajnuna għall-ipproċessar tal-kittien imkabbar għall-fibri ipprovduta fis-Subsezzjoni II tas-Sezzjoni I tal-Kapitolu IV tat-Titolu I tal-Parti II tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, skont l-iskeda ta' żmien ippprovduta f'dik is-subsezzjoni; | - Mill-***2013*** 'il quddiem l-għajnuna għall-ipproċessar tal-kittien imkabbar għall-fibri ipprovduta fis-Subsezzjoni II tas-Sezzjoni I tal-Kapitolu IV tat-Titolu I tal-Parti II tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, skont l-iskeda ta' żmien ippprovduta f'dik is-subsezzjoni; |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-COM tal-kittien u tal-qanneb kien suġġett ta' studju pożittiv ħafna mill-Kummissjoni nnfisha u għalhekk m'hemmx raġunijiet għaliex għandu jintemm dan il-mekkaniżmu b'mod immedjat.*

**Emenda 178**

**Proposta għal regolament**
**Anness X – parti I – inċiż 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| - Mill-***2011*** 'il quddiem l-għajnuna għal-lamtu tal-patata pprovduta fl-Artikolu [95a] tar-Regolament (KE) Nru 1234/2004 u, skont l-iskeda ta' żmien tal-Artikolu 75 ta' dan ir-Regolament, l-għajnuna għall-patata tal-lamtu pprovduta f'dak l-Artikolu. | - Mill-***2013*** 'il quddiem l-għajnuna għal-lamtu tal-patata pprovduta fl-Artikolu [95a] tar-Regolament (KE) Nru 1234/2004 u, skont l-iskeda ta' żmien tal-Artikolu 75 ta' dan ir-Regolament, l-għajnuna għall-patata tal-lamtu pprovduta f'dak l-Artikolu. |

*Ġustifikazzjoni*

*It-tmiem ta' din il-produzzjoni jista' jkollu konsegwenzi kbar fuq l-impjiegi f'ċerti reġjuni u għalhekk jidher li jkun aktar xieraq li tinżamm l-iskema attwali sal-2013.*

**Emenda 179**

**Proposta għal regolament**
**Anness X - Parti Ia (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***I a.*** |
| | ***Mill-2010, fejn Stat Membru ma jeħux id-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 64(1) ta' dan ir-Regolament:*** |
| | ***– il-primjum għall-uċuħ tal-proteini previst fit-Titolu IV, Kapitolu 2, tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003;*** |
| | ***- l-għajnuna speċifika għar-ross ipprovdut fil-Kapitolu III tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u s-Sezzjoni 1 tal-Kapitolu 1 tat-titolu IV ta' dan ir-Regolament, skont l-iskeda ta' żmien ippprovduta bl-Artikolu 72(2) ta' dan ir-Regolament;*** |
| | ***- l-għajnuna għall-ipproċessar tal-għalf imnixxef ipprovduta fis-Sottotaqsima I tat-Taqsima I tal-Kapitolu IV tat-Titolu I tal-Parti II tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.*** |

**Emenda 180**

**Proposta għal regolament**
**Annexe XI – Tabella "Għalf niexef"**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Tabella "Għalf niexef" fit-totalità tagħha*** | ***imħassra*** |

**Emenda 181**

**Proposta għal regolament**
**Annexe XI – tabella "Uċuħ tal-Proteini"**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Tabella "Uċuħ tal-Proteini" fit-totalità tagħha*** | ***imħassra*** |

**Emenda 182**

**Proposta għal regolament**
**Anness XI – tabella "Ross"**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Kolonna 2010*** | ***imħassra*** |
| ***Kolonna 2011*** | |
| ***Kolonna 2012*** | |

**Emenda 183**

**Proposta għal regolament**
**Anness XI – tabella "Kittien ta' fibri twal"**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Kolonna 2011*** | ***imħassra*** |
| ***Kolonna 2012*** | |

**Emenda 184**

**Proposta għal regolament**
**Anness XI – tabella "Għajnuna għall-ipproċessar tal-lamtu tal-patata"**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Kolonna 2011*** | ***imħassra*** |

***Kolonna 2012***

**Emenda 185**

**Proposta għal regolament**
**Anness XI – tabella "Għajnuna għall-ipproċessar tal-lamtu tal-patata(SEE aBOVE) mill-kultivaturi"**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Kolonna 2011*** | ***imħassra*** |
| ***Kolonna 2012*** | |

## NOTA SPJEGATTIVA

### 1. L-EVALWAZZJONI TAL-ISTAT TAS-SAĦĦA: L-ORIĠINI

Ir-riforma tal-2003, iddettata b'mod partikolari minn tkabbir inevitabbli tal-Lvant u mid-WTO, hi l-akbar riforma li qatt saret dwar il-PAK.

Għalkemm bdiet bħala reviżjoni sempliċi ta' nofs it-terminu tal-miżuri ta' intervent pubbliku li kienu fis-seħħ fis-settur agrikolu, ir-riforma kellha impatt qawwi fuq il-PAK kif ukoll introduċiet prinċipji ġodda:

– is-separazzjoni tal-għajnuniet mill-kwantitajiet prodotti, sabiex jiġu diretti b'mod aħjar il-ħidmiet fir-rigward tas-suq u biex jitnaqqsu d-distorsjonijiet fil-produzzjoni u fis-swieq tal-prodotti agrikoli;

– il-kundizzjonalità, li tissuġġeta l-ħlasijiet separati għal serje sħiħa ta' kriterji fil-qasam tal-ambjent, is-saħħa pubblika, il-benessri tal-annimali, eċċ.;

– il-konformità mar-regoli tad-WTO sabiex is-separazzjoni tal-għajnuniet ikollha l-għan prinċipali li tipprmetti l-inklużjoni tal-iskema tal-ħlas li ġiet riveduta fil-"Kaxxa l-Ħadra" tal-Ftehima Agrikola;

– id-distribuzzjoni mill-ġdid pubblika tad-drittijiet għall-ħlas, b'effetti fuq żewġ livelli: il-ħlasijiet uniċi separati u t-trasferiment bejn iż-żewġ pilastri tal-PAK (l-ewwel pilastru: għajnuniet u s-swieq, fil-kuntest tal-FAEG, u t-tieni pilastru, l-iżvilupp rurali, fil-kuntest tal-FAEŻR);

– amministrazzjoni flessibbli tal-PAK li tagħti opportunità lill-Istati Membri li japplikaw b'mod differenti għadd kbir ta' parametri tal-PAK ġdida;

– id-dixxiplina finanzjarja, prinċipju li aktar tard ġie mqiegħed fil-perspettivi finanzjarji tas-snin 2006-2013, li minħabba fih, fil-konfront tal-problemi tat-tkabbir tal-Unjoni, il-baġit għall-agrikoltura twaqqaf u ġew imposti limiti annwali obbligatorji, bil-possibbiltà li jkun hemm tnaqqis lineari tal-għajnuniet li huma fis-seħħ għal dan l-għan;

– fl-aħħar nett, il-progressività: ir-riforma tal-2003 hi l-ewwel pass importanti fi proċess b'diversi fażijiet; fil-fatt ladarba ġew imposti l-prinċipji bażiċi (is-separazzjoni, id-dixxipplina finanzjarja u l-amministrazzjoni flessibbli) din ġiet użata bħala referenza biex jitwettqu modifikazzjonijiet settorjali ġodda, mir-riformi tal-pakkett Mediterranju sar-riforma tas-settur tal-inbid, kif ukoll, dan l-aħħar, tas-settur tal-qoton.

L-evalwazzjoni tal-istat tas-saħħa hu l-aħħar fażi f'dan il-proċess ta' riforma.

## 2. IL-ĦTIEĠA GĦAL POLITIKA AGRIKOLA KOMUNI

Il- PAK hi, b'mod paradossali, l-aktar politika sostenibbli, probabbilment dik immexxija bl-aħjar mod u ċertament l-aktar politika kkritikata fost il-politiki tal-UE. Imfassla madwar 50 sena ilu, din il-politika, bħal bosta politiki oħra, kienet kapaċi twieġeb għall-objettivi li kien hemm qabel it-tfassil tagħha. Madankollu, il-bidliet suċċessivi fil-qasam soċjali, ekonomiku, politiku u ambjentali li laqtu lid-dinja u lill-Ewropa rrikjedew li jsiru adattamenti taċ-ċirkostanzi, li bil-mod il-mod wasslu biex din ma tibqax tagħmel sens f'ċerti setturi tas-soċjetà, minħabba fost oħrajn l-inġustizzji li din ħolqot fost il-bdiewa, ir-reġjuni, u l-Istati Membri, peress li l-UE bdiet tikber fi spazji agro-rurali aktar u aktar eteroġeniċi.

Ir-rapporteur iqis li t-tkomplija ta' politika agrikola komuni mhijiex biss mixtieqa iżda indispensabbli wkoll biex tiggarantixxi l-kompetittività tal-agrikultura Ewropea fis-suq globali, is-sigurtà tal-forniment, il-kwalità tal-ikel, is-sostenibbiltà tal-ambjent, ir-risposta għall-isfidi ġodda, b'mod partikulari l-bidla fil-klima u l-enerġiji rinnovabbli, u ż-żamma ta' ekonimija dinamika u diversifikata fiz-zoni rurali, b'konformità mal-għanijiet iddikjarati mill-ġdid fit-Trattat ta' Liżbona.

L-evalwazzjoni tal-istat tas-saħħa tista', u fl-opinjoni tar-rapporteur tagħkom għandha, tmur lil hinn mid-dibattitu dwar id-definizzjoni tal-mudell tal-politika agrikola li se tibda tapplika wara l-2013. Hi ħasra li din id-deċiżjoni ma tteħditx.

Il-limiti li fihom il-Kummissjoni xtaqet tiddefinixxi d-dibattitu dwar l-evalwazzjoni tal-istat tas-saħħa, u tħalli fil-ġenb, b'mod partikolari, il-kwistjonijiet bħal-leġittimità tal-għajnuniet u d-definizzjoni tal-parametri għal mudell, li jkun kemm jista' jkun armonizzat, tal-ħlasijiet separati, il-marġini ta' libertà mogħti lill-Istati Membri, il-modulazzjoni jew il-kofinanzjament, l-eventwalità ta' pilastru waħdieni, kif ukoll il-post tar-regolamentazzjoni tas-swieq fil-PAK il-ġdida, se jagħmluha diffiċli għad-dibattitu u d-deċiżjonijiet li jridu jsiru fiż-żmien tar-riforma tal-2013, li żgur se jkollhom jiġu diskussi mill-2010/2011.

Tant hu hekk li se jkun hemm bżonn, fl-istess ħin mill-2009, li tibda l-eżaminazzjoni mill-ġdid tal-baġit Komunitarju, inkluża s-sistema tar-riżorsi proprji, kif ġie deċiż fil-kuntest tal-ftehima istituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006, jiġi revedut il-Protokoll ta' Kyoto, jiġu eżaminati l-perspettivi finanzjarji għall-perjodu wara l-2013, u probabbilment, jintlaħaq qbil fil-kuntest tad-WTO.

## 3. IL-PROPOSTI TAR-RAPPORTEUR

Il-Parlament Ewropew ta attenzjoni partikulari għall-problemi tal-agrikultura u tal-iżvilupp rurali, billi implimenta numru ta' inizjattivi u elabora bosta proposti, li ħafna minnhom ġew approvati dan l-aħħar u li r-rapporteur tagħkom għandhom d-dmir etiku li jirrispetta fl-aspetti essenzjali tagħhom.

Fost it-teħid ta' pożizzjonijiet l-aktar riċenti tal-Parlament Ewropew dwar is-suġġetti direttament marbuta mal-evalwazzjoni tal-istat tas-saħħa, wieħed għandu jsemmi r-rapporti ta'

Goepel dwar it-tema diskussa hawnhekk[1], ta' Jeggle dwar il-ħalib[2], ta' Veraldi dwar il-bdiewa żgħażagħ[3], ta' Aylward dwar is-settur tan-ngħaġ u l-mogħoż[4] u ta' Berlato dwar il-Fondi Komunitarji għat-Tabakk[5].

Minħabba dak li ntqal s'issa, ir-rapporteur tagħkom qed jipproponi lill-Parlament Ewropew sabiex jappoġġja l-proposti tal-Kummissjoni rigward ir-regolamenti hawn taħt imsemmija wara l-modifiki prinċipali li ġejjin.

## *I. REGOLAMENT TAL-KUNSILL LI JISTABBILIXXI REGOLI KOMUNI GĦAL SKEMI TA' APPOĠĠ DIRETT GĦALL-BDIEWA FI ĦDAN IL-POLITIKA AGRIKOLA KOMUNI U LI JISTABBILIXXI ĊERTI SKEMI TA' APPOĠĠ GĦALL-BDIEWA*

### a) Il-kundizzjonalità

Ir-rapporteur jilqa' l-isforzi ta' simplifikazzjoni f'dan il-qasam. Sabiex il-fatturi tax-xogħol u tal-impjieg jingħataw il-post li jixirqilhom, huwa jissuġġerixxi sabiex tiżdied is-sigurtà fuq il-post tax-xogħol mal-eżiġenzi regolamentari fil-qasam tal-ġestjoni diġà definiti.

### b) Il-modulazzjoni

Il-modulazzjoni hija ġustifikata bħala strument finanzjarju tat-tieni pilastru. Il-modulazzjoni progressiva hija ġustifikata kompletament meta huwa xieraq li l-benefiċjarji li jirċievu l-aktar, jikkontribwixxu l-aktar għal dan il-għan. Għall-istess raġunijiet, hemm lok, effettivament, sabiex tinżamm eżenzjoni għall-ammonti li huma anqas jew ugwali għal € 5,000, billi jiġu meħlusa mill-applikazzjoni ta' din il-miżura numru kbir ta' benefiċjarji żgħar (aktar minn 80% tal-benefiċjarji kollha). Madankollu, ir-rapporteur tagħkom, li huwa personalment favorevoli għal rata ta' modulazzjoni aktar għolja, għaraf li jaqbel li tiġi rispettata d-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew adottata f'Marzu 2008 fir-rapport ta' Goepel (5% ta' modulazzjoni obbligatorja għall-benefiċjarji kollha għal ammonti ogħla minn € 5,000, + 1% għal dawk bejn € 10,000 u € 99,999, +2% għal dawk bejn € 100,000 u € 199,999, +3% għal dawk bejn € 200,000 u € 299,999, u +4% għal dawk 'il fuq minn €300,000).

Barra minn hekk, ma tkunx idea tajba li tiġi proposta l-applikazzjoni ta' din il-miżura għall-Istati Membri l-ġodda minħabba li dawn, sal-2013, se jkunu f'perjodu ta' transizzjoni f'dak li jikkonċerna l-ħlasijiet tal-ewwel pilastru.

Fir-rigward tad-distribuzzjoni mill-ġdid (ir-regola tat-80-20), xejn ma jiġġustifika li, għall-ammonti li jirriżultaw mill-iskema l-ġdida ta' modulazzjoni progressiva, tiġi applikata regola differenti minn dik applikabbli għall-modulazzjoni obbligatorja.

Jekk minħabba r-raġunijiet espressi hawn fuq tintgħażel rata ta' modulazzjoni aktar baxxa, ir-rapporteur tagħkom jemmen li l-ammonti li jridu jiġu trasferiti għat-tieni pilastur bl-effett ta'

[1] P6_TA(2008)093.
[2] P6_TA(2008)092.
[3] P6_TA(2008)258.
[4] P6_TA(2008)310.
[5] P6_TA(2008)204.

dan il-mekkaniżmu se jkunu ħafna aktar baxxi minn dawk li kieku jiġu trasferiti jekk tiġi applikata r-rata ta' modulazzjoni li għażlet il-Kummissjoni; għalhekk huwa jipproponi mekkaniżmi komplimentari sabiex jinkiseb riżultat malajr, kemm permezz tal-Artikolu 68, fuq bażi volontarja, kif ukoll permezz tal-introduzzjoni ta' mekkaniżmu ġdid ta' limitu massimu, li huwa jiġġustifika b'dan li ġej.

c) **Iffissar ta' limitu, jew limitu massimu**

Sabiex jiġi kkumpensat it-tnaqqis tat-trasferimenti tal-mezzi finanzjarji fit-tieni pilastru, li ġejjin minn rati baxxi ta' modulazzjoni kif proposti, u minħabba raġunijiet ta' ekwità u ta' ġustizzja, jidher li huwa xieraq li jiġi stabbilit limitu massimu għall-għoti ta' għajnuniet diretti, ta' ammont ta' 500,000 Euro.

Minħabba l-valorizzazzjoni li wieħed jistenna li tingħata lill-ħidma agrikola u rurali, kif ukoll is-sehem importanti li għandhom f'dan il-qasam parti kbira mill-impriżi agrikoli, u b'mod speċjali l-koperattivi, qed jiġi propost li jkun iffisat limitu massimu ta' 500,000 Euro li jiġi applikat għal kull wieħed mill-benefiċjarji l-kbar, miżjud mill-ammont globali li jintefaq kull sena fil-kuntest tas-salarji rispettivi.

Minħabba d-distribuzzjoni inugwali ħafna ta' dawn il-benefiċjarji l-kbar fl-Istati Membri differenti, qed jiġi propost li l-ammonti li jirriżultaw mill-miżura hawn fuq imsemmija jingħataw lura lill-Istat Membru rispettiv.

d) **Limiti minimi**

Il-Kummissjoni tipproponi l-iffissar ta' limitu minimu ta' 250 Euro fis-sena jew għal kull ettaru, fejn minn dan l-ammont, il-bdiewa ż-żgħar ma jistgħux jirċievu għajnuniet diretti, minħabba l-ispejjeż għoljin u l-burokrazija marbuta mat-trattament tal-għajnuniet.

Din il-proposta, skont ir-rapporteur, turi insensibilità soċjali kbira li, jekk se tiġi aċċettata, mhux se tikkontribwixxi biss biex tqajjem numru għoli ta' bdiewa kontra l-PAK, iżda wkoll biex tannulla l-effetti pożittivi tal-kontribuzzjoni ta' dawn il-bdiewa li għandhom ikunu kkunsidrati bħala allejati u mhux jiġu injurati fir-rigward tat-twettiq tal-objettivi fl-implimentazzjoni tal-prattiki tajba agrikoli u ambjentali. Infakkru li l-bdiewa li jirċievu sa 250 Euro jirrappreżentaw kważi 31% mill-popolazzjoni kollha li għaliha jikkorrispondu biss 0.84% tal-ħlasijiet.

Għalhekk ir-rapporteur jirrakkomanda li din il-proposta tiġi rrifjutata mill-Kummissjoni.

Filwaqt li jiddikjara li huwa sensittiv għall-argumenti dwar il-ħtieġa li jiġu mnaqqsa l-piżjiet burokratiċi marbuta mal-ħlas tal-għajnuniet, ir-rapporteur jipproponi li l-ammonti daqs jew anqas minn 500 Euro fis-sena jistgħu jitħallsu kull sentejn, bi ħlas fl-ewwel sena.

e) **Ħlasijiet supplimentari (Artikolu 68)**

L-Arrtikolu 68 ġie propost mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-proposti relatati mal-eliminazzjoni tas-separazzjoni parzjali kif ukoll mat-transizzjoni lejn mudell ta' għoti ta'

għajnuniet fuq bażi territorjali, u sabiex jiġu kkunsidrati l-impatti li dan se jkollu fuq ċerti setturi u reġjuni, filwaqt li jippermetti lill-Istati Membri li jużaw sa 10% tal-limiti nazzjonali tagħhom għall-finanzjament ta' serje ta' miżuri li se jippermettu li jkun hemm kumpens għar-riperkussjonijiet prevedibbli.

Sabiex tinkiseb l-aħjar parti tal-potenzjalitajiet offruti minn dan l-istrument, ir-rapporteur jipproponi li:

– jiġi sospiż il-finanzjament previst għas-sistema ta' ġestjoni tar-riskji u tal-kriżijiet fil-kuntest tal-Artikolu 68, fejn dan se jkompli jtejjeb id-disponibbiltajiet finanzjarji għall-miżuri previsti l-oħra;

– jinħoloq Artikolu 68a ġdid li joffri lill-Istati Membri l-possibbiltà li jużaw sa 5% tal-ammonti fuq il-limiti nazzjonali tagħhom sabiex jiġu ffinanzjati assigurazzjonijiet tal-uċuħ u fondi ta' mutwalizzazzjoni, sabiex ikun garantit finanzjament adegwat tas-sistema tal-ġestjoni tar-riskji u ta' kriżijiet; fir-rigward tal-kwistjonijiet marbuta mal-ġestjoni u l-organizzazzjoni tas-swieq, jidher li huwa xieraq li dawn l-istrumenti jkunu operattivi fi ħdan l-OKS Unika u mhux fil-kuntest tar-regolamentazzjoni relatata mal-iskemi ta' għajnuna diretta għall-bdiewa;

– jkun permess lill-Istati Membri li jixtiequ dan li jittrasferixxu l-ammonti mhux użati rilevanti skont l-Artikoli 68 u 68a taħt it-tieni pilastru u, f'dan il-każ, li jużawhom mingħajr ma jirrikorru għal kofinanzjament, fir-rigward ta' rinfurzar tal-programmi tagħhom għall-iżvilupp rurali, sabiex jikkumpensaw għat-tnaqqis tal-ammonti trasferiti taħt it-tieni pilastru, bħala riżultat tat-tnaqqis tat-taxxa ta' modulazzjoni li hemm proposta biex titwaqqaf bħala soluzzjoni alternattiva għall-proposta tal-Kummissjoni;

– li jitneħħa l-limitu ta' 2.5%, li jista' jiġi definit sussegwentament u oġġettivament fil-kuntest tal-proposti approvati f'dan il-kuntest u b'konformità mal-klawżola *de minimis* u mal-"Kaxxa l-Ħadra" tal-ftehima agrikola, kif l-UE impenjat lilha nfisha fi ħdan id-WTO, u skont il-mandat ta' negozjati għar-Rawnd ta' Doha.

**f) <u>Appoġġ separat</u>**

Ir-rapporteur jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni relatata mal-introduzzjoni progressiva ta' kriterji ta' bażi territorjali għall-għoti ta' għajnuniet lill-bdiewa. Madankollu huwa jagħraf il-fatt li, peress li l-opportunità li jinfetaħ dibattitu aktar fil-fond dwar il-kwistjoni m'għadhiex rilevanti, il-flessibbiltà mogħtija lill-Istati Membri hija soluzzjoni possibbli, iżda tista' twassal għal massimu ta' 27 mudell differenti.

Minħabba s-sitwazzjoni preżenti tas-swieq, u speċjalment minħabba l-impatti ta' dawn fuq il-produzzjoni tat-tkabbir tal-annimali, huwa xieraq li:

– għall-qtil ta' għoġol, tinżamm l-għajnuna akkoppjata;

– għas-setturi tan-ngħag u l-mogħoż, ikun permess li tinżamm l-għajnuna akkoppjata fi proporzjon ta' 100% biss;

– għall-kulturi direttament marbuta mal-produzzjoni mill-annimali u sabiex tiġi mħeġġa l-offerta ta' ikel għall-annimali, f'ċirkustanza fejn ikun hemm domanda qawwija u prezzijiet għoljin, tinżamm l-għajnuna akkoppjata għall-għalf imnixxef u għall-pjanti mkabbra għall-proteini;

– għall-OKS żgħar, tinżamm l-iskema attwali sal-2012/2013;

– għat-tabakk, skont id-deċiżjoni adottata b'maġġoranza mill-Parlament Ewropew, tinżamm l-iskema attwali sal-2012/2013.

## *II. REGOLAMENT TAL-KUNSILL DWAR MODIFIKI FIL-POLITIKA AGRIKOLI KOMUNI BL-EMENDA TAR-REGOLAMENTI (KE) Nru 320/2006, (KE) Nru 1234/2007, (KE) Nru 3/2008 u (KE) Nru […]/2008*

### a) Il-ġestjoni tar-riskji u l-kriżijiet

Minkejja l-importanza mogħtija lis-sistema tal-ġestjoni tar-riskji u l-kriżijiet proposta mill-Kummissjoni, minħabba n-natura preventiva tagħha fir-rigward tar-riskji li jistgħu jinqalgħu fil-livell individwali, u minħabba li hija bbażata fuq l-assigurazzjoni tal-uċuħ u l-fondi ta' mutwalizzazzjoni, din is-sistema qed tidher madankollu insuffiċenti biex tittratta l-kriżijiet sistematiċi fuq skala kbira, bħal xi wħud minn dawk li ġejna affaċċjati bihom dan l-aħħar, bħalma kienet dik tal-BSE, pereżempju. F'dan is-sens qed jiġi propost li jinżamm l-Artikolu 44.

Ġie propost ukoll li tiżdied b'70% l-koparteċipazzjoni Komunitarja (+30% tal-ammont propost għall-Istati Membri l-qodma) għall-Istati Membri l-ġodda peress li dawn jisabu fil-preżent f'fażi tranżitorja u qed jiġu kkonfrontati bi problemi bħal dik tal-kofinanzjament tas-sistema ta' ġestjoni tar-riskji u l-kriżijiet.

Barra minn hekk, jidher li huwa xieraq li jingħata sehem aktar attiv lill-organizzazzjonijiet tal-bdiewa u/jew tal-interprofessjonisti fir-rigward tal-prevenzjoni tar-riskji u l-kriżijiet, minħabba l-potenzjal li dawn joffru għall-promozzjoni ta' għarfien aħjar tas-swieq.

### b) Mekkaniżmi ta' intervent fuq is-suq

– Qamħ artab

Ġie propost li jinżamm mekkaniżmu ta' intervent li jillimita l-iskeda fuq l-aħħar tliet xhur tas-sena agrikola, sabiex tkun meqjusa l-funzjoni tiegħu ta' "xibka ta' sigurtà" u biex tiġi evitata l-ispekulazzjoni. Barra minn hekk, il-mekkaniżmu ta' bejgħ bi rkant

propost mill-Kummissjoni ġie rrifjutat, peress li ġie meqjus li jista' jkollu l-effett li jwassal biex il-prezz jinżel f'daqqa.

– Is-settur tal-laħam tal-majjal

Bl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' prekawzjoni, qed jiġi propost li jinżamm il-mekkaniżmu ta' intervent bi kwantitajiet żero.

– Is-settur tal-ħalib

Qed jiġi propost li jinżammu l-għajnuniet għall-assorbiment tal-produzzjoni esklussivament għall-organizzazzjonijiet li m'għandhomx l-għan li jagħmlu profitt.

**c) Ħżin privat**

Qed jiġi propost li jiġi nkluż il-laħam taċ-ċanga fil-mekkaniżmu ta' ħżin privat peress li dan il-laħam jiġi espost għall-istess perikli bħat-tipi l-oħra ta' laħam.

**d) Ir-rifużjonijiet tal-esportazzjoni taċ-ċereali**

Il-Kummissjoni impenjat ruħha li telimina dawn il-mekkaniżmi ladarba jiġi konkluż ir-Rawnd ta' Doha fil-kuntest tad-WTO. Minħabba s-sitwazzjoni attwali tas-suq u l-analiżi kollha ta' tbassir, huwa xieraq li dan il-mekkaniżmu jitwaqqaf b'mod unilaterali, u b'hekk jintbagħat messaġġ politiku ċar ta' solidarjetà mal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u fl-istess ħin jiġi rinfurzat il-forniment Ewropew, b'mod speċjali mil-lat tal-produzzjoni mill-annimali.

**e) Is-settur tal-ħalib**

Ir-riforma tas-settur tal-ħalib tikkostitwixxi wieħed mill-aspetti l-aktar delikati tal-"evalwazzjoni tal-istat tas-saħħ" u wieħed minn dawk li joħloq l-aktar pożizzjonijiet diverġenti, minħabba d-differenzi profondi li hemm fil-kundizzjonijiet tal-produzzjoni fit-territorju kollu tal-Unjoni.

Minħabba l-ħtieġa li jintlaħaq kompromess sodisfaċenti, u minħabba l-instabbilità tal-prezzijiet li kkaratterizzaw is-suq tal-ħalib dan l-aħħar, qed jiġi propost li jiġi adottat approċċ ftit aktar prudenti minn dak propost mill-Kummissjoni, jiġifieri:

– li jiżdiedu b'1% il-kwoti tal-ħalib għas-snin agrikoli 2009/2010 u 2010/2011;

– li jiġu antiċipati, fil-perspettiva tal-2010, id-deċiżjonijiet dwar il-ġejjieni tas-settur, billi titqies evalwazzjoni adegwata tal-perjodu li jikkorrispondi mat-tliet snin agrikoli preċedenti;

– li jinħoloq "Fond tal-Ħalib" iffinanzjat mill-ammonti li jikkorrispondu mal-applikazzjoni tas-soprataxxa u mal-ekonomiji li se jippermettu t-twettiq taż-żarmar ta' strumenti tas-suq, fejn l-azzjonijiet li jistgħu jiġu assigurati bi strument ieħor, u b'mod speċjali l-Artikolu 68, ma jkunux jistgħu jiġu ffinanzjati minnu.

### *III. REGOLAMENT TAL-KUNSILL LI JEMENDA R-REGOLAMENT (KE) Nru 1698/2005 DWAR L-APPOĠĠ GĦALL-IŻVILUPP RURALI MILL-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI (FAEŻR) U D-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL LI TEMENDA D-DEĊIŻJONI Nru 2006/144/KE dwar IL-LINJI GWIDA STRATEĠIĊI KOMUNITARJI GĦALL-IŻVILUPP RURALI (perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013)*

Jekk ir-rapporteur jaqbel mal-analiżi tal-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li jiġu inklużi sfidi ġodda fil-programmi tal-iżvilupp rurali, f'dak li jikkonċerna b'mod speċjali l-bdil fil-klima, l-enerġiji rinnovabbli, il-ġestjoni tal-ilma u l-bijodiversità, huwa xorta jemmen li l-Istati Membri għandhom jippruvaw jibbenefikaw minn flessibbiltà akbar. Jekk, min-naħa, sabiex tikkunsidra dawn l-isfidi, il-Kummissjoni tagħżel approċċ flessibbli billi tistabbilixxi lista mhux eżawrijenti tal-miżuri li jistgħu jiġu applikati mill-Istati Membri, hija ma tippreċiżax li dawn il-miżuri jridu jiġu ffinanzjati mill-ġabra ta' fondi kumplimentari mill-modulazzjoni l-ġdida.

Ir-rapporteur jipproponi li dan l-obbligu jiġi limitat għal 50% tal-fondi addizzjonali, u dan jagħti lill-Istati Membri flessibbiltà akbar fl-użu tar-riżorsi finanzjarji trasferiti għat-tieni pilastru u li ġejjin mill-modulazzjoni l-ġdida, mill-iffissar ta' limitu, u mill-mekkaniżmu ġdid li jgħaqqad li ġie introdott skont it-termini tal-Artikolu 68, kemm għall-azzjonijiet li jridu jiġu implimentati fil-kuntest tal-"isfidi l-ġodda", u kemm fil-kuntest ta' rinfurzar tal-programmi tagħhom għall-iżvilupp rurali.

Barra minn hekk qed jiġu proposti miżuri komplimentari relatati ma:

– l-użu ta' enerġiji mix-xemx, mir-riħ, u dawk ġeotermiċi;
– it-titjib tal-ġestjoni tar-residwi u l-użu mill-ġdid tal-materjali;
– il-ġestjoni tar-riskji ta' għargħar.

Qed jiġi propost li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-istrument sabiex ikunu eliġibbli l-ispejjeż marbuta ma' miżuri konkreti maħsuba għall-promozzjoni tal-innovazzjoni u t-trasferiment tal-għarfien, mhux biss fir-rigward tal-kontribuzzjoni tal-agrikultura u l-iżvilupp rurali għall-Istrateġija ta' Liżbona, iżda wkoll sabiex ikun hemm tweġiba aħjar għall-isfidi l-ġodda, u b'mod speċjali għall-kwistjonijiet relatati mas-sorsi ġodda ta' enerġiji u l-ġlieda kontra l-bdil fil-klima, il-bijodiversità u l-ġestjoni tar-riżorsi akkwatiċi.

Minħabba l-problema li ġejja mill-fatt li l-intrapriża agrikola qed tixjieħ u minħabba l-eżodu rurali, huwa importanti li tiġi infurzata l-għajnuna għall-installazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ, billi jingħata l-primjum rispettiv minn 55,000 Euro sa 75,000 Euro.

**8.10.2008**

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS

għall-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett taħt il-politika agrikola komuni għall-bdiewa u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa
(COM(2008)0306 – C6-0240/2008 – 008/0103(CNS))

Rapporteur għal opinjoni: Theodor Dumitru Stolojan

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

**I. Introduzzjoni**

Ir-rapporteur għal opinjoni jilqa' b'sodisfazzjon il-proposti tal-Kummissjoni biex titkompla r-riforma tal-CAP, li tippermetti lill-bdiewa sabiex jirrispondu aktar malajr u b'mod aktar flessibbli għas-sinjali tas-suq u sabiex tippreparahom b'mod li jistgħu jiffaċċjaw l-isfidi l-ġodda bħalma huma l-bidla fil-klima, l-immaniġġjar tal-ilma, il-bioenerġija u ż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel.

Hu jixtieq jirrimarka li l-impatt tal-proposti dwar il-Kontroll tas-Saħħa fuq il-Baġit tal-UE tal-2009 u fuq il-prospettiva finanzjarja (2010-2013) għandhom ikunu newtrali għall-finijiet tal-baġit. Iċ-ċirkulazzjoni tal-finanzi bejn l-Ewwel Pilastru (ħlasijiet diretti lill-bdiewa) u t-Tieni Pilastru (żvilupp rurali) taħt l-Intestatura 2 (Titolu 05), għandha tkun imfassla b'mod newtrali għall-finijiet tal-baġit. Kwalunkwe bidla tal-proposti tal-Kummissjoni għandha wkoll tibqa' newtrali. Min-naħa l-oħra, hu ferm diffiċli li jkunu previsti l-ammonti finali meħtieġa għal ħlasijiet diretti skont il-leġiżlazzjoni fis-seħħ.

**II. Regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett - Emendi dwar ir-regolament propost ġdid (CNS 2008/103 parti mill-proposta tal-Kummissjoni)**

Fil-kuntest ta' tentattivi reċenti biex jiġu mċaqalqa ammonti sinifikanti minn Intestatura 2 għal Intestatura 4, ir-rapporteur għal opinjoni jipproponi żewġ emendi waqt li jfakkar fid-dispożizzjonijet tal-Ftehima Interistituzzjonali (IIA) dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda.

Dwar it-test innifsu, ir-rapporteur għal opinjoni jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni li s-sistema ta' modulazzjoni m'għandhiex tkun applikata għall-bdiewa fl-Istati Membri l-ġodda sakemm il-livell ta' ħlasijiet diretti applikabbli f'dawk l-Istati Membri ikun daqs il-livell

applikabbli fl-Istati Membri l-oħra. Ir-Rapporteur tal-Kumitat responsabbli wkoll jappoġġja din l-idea u għalhekk qed ikunu modifikati l-Artikoli 7 u 10 tar-regolament il-ġdid. B'hekk hu ttamat li l-limitu minimu tal-ugwalità ta' ħlasijiet fl-Istati Membri l-qodma u fil-ġodda se jintlaħaq fl-2013, mhux qabel kif propost mill-Kummissjoni (minħabba l-iskema l-ġdida ta' modulazzjoni). Dawn il-bidliet proposti għall-proposta, (emendi 28 - 42 tal-AGRI) jistgħu jkunu approvati, imma m'għandhomx għalfejn ikunu suġġetti għal emendi fil-Kumitat tal-Baġits.

**III. Punti speċifiċi**

Ir-rapporteur għal opinjoni hu tal-fehma li l-proposta tal-Kummissjoni biex telimina l-appoġġ speċifiku għall-prodotti tal-enerġija mhix adatta għall-Istati Membri l-ġodda, partikolarment għal dawk il-pajjiżi b'art agrikola mhux użata (premessa 38).

Għalhekk, tista' tiġi mressqa emenda li tieħu t-Titolu IV, kapitlu 5 tar-regolament 1782/2003 u terġa tiġi introdotta fir-regolament il-ġdid, b'hekk iżżomm is-sistema attwali għall-Istati Membri l-ġodda.

Jilqa' b'sodisfazzjon il-proposti dwar il-Kontroll tas-Saħħa sabiex jitneħħa s-serħan tal-artijiet u biex tintemm il-kwota tal-ħalib bħala strument ta' kontroll tal-provvista.

Japprezza l-użu ta' prezzijiet ta' intervent għaċ-ċereali biss bħala xibka ta' sikurezza. L-istess prinċipju ta' intervent għandu jkun applikat għall-laħam tal-majjal minflok li jkun abolit (premessa 5). Dan jista' wkoll ikun konformi mar-rapport tal-AGRI, imma għandha titressaq emenda għar-regolament 1234/2007 (premessa 5 u emendi 14, u possibilment 18) li ma kienux ġew riferuti lill-Kumitat għall-Baġits.

Ir-rapporteur għal opinjoni jappoġġja l-proposti tal-Kummissjoni dwar l-iżvilupp rurali u l-linji gwida strateġiċi li jikkonċernawh.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Agrikultura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva**
**Paragrafu 1 a (ġdid)**

| *Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Ifakkar fid-Dikjarazzjoni 3 mehmuża mal-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni*** |

***finanzjarja soda[1], li tipprevedi reviżjoni finanzjarja fl-aspetti kollha tal-infiq tal-UE inkluża l-Politika Agrikola Komuni;***

**Emenda 2**

**Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva**
**Paragrafi 1 b (ġdid)**

| *Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Ifakkar li l-ammont annwali se jkun deċiż waqt il-proċedura annwali tal-baġit;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda għandha l-għan li tfakkar li l-proposta, li hi parti mill-CAP, mhijiex biss suġġetta għal reviżjoni ta' nofs iż-żmien tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali prevista fid-Dikjarazzjoni 3 tat-IIA tas-17 ta' Mejju 2006 u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ('reviżjoni sħiħa u wiesgħa li tkopri l-aspetti kollha tal-infiq tal-UE, inkluża l-CAP'), imma wkoll suġġetta għal skrutinju tal-Proċedura annwali tal-Baġit.*

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. F'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2), il-Kummissjoni għandha ***tirrevedi*** l-limiti massimi stabbiliti fl-Anness IV sabiex jiġu meqjusa: | 2. F'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2), il-Kummissjoni għandha ***kull sena teżamina*** l-limiti massimi stabbiliti fl-Anness IV sabiex jiġu meqjusa: |
| (a) il-modifikazzjonijiet fl-ammonti massimi li jistgħu jingħataw f'konformità mal-pagamenti diretti, | (a) il-modifikazzjonijiet fl-ammonti massimi li jistgħu jingħataw f'konformità mal-pagamenti diretti, |
| (b) il-modifikazzjonijiet fil-modulazzjoni volontarja msemmija fir-Regolament (KE) Nru 378/2007, | (b) il-modifikazzjonijiet fil-modulazzjoni volontarja msemmija fir-Regolament (KE) Nru 378/2007, |

[1] ĠU L 139, 14.6.2006, p. 1.

| | |
|---|---|
| (c) tibdiliet strutturali fl-azjendi. | (c) tibdiliet strutturali fl-azjendi,<br>***u għandha tinforma lill-Parlament Ewropew b'dan.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Minħabba li hu diffiċli li jkunu previsti l-ħtiġiet finanzjarji reali għall-ħlasijiet diretti, hu propost li l-Kummissjoni tirrevedi kull sena l-limiti massimi għall-ħlasijiet diretti tal-Istati Membri u tqabbilhom mal-ħtiġiet reali.*

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 33**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 33*** | ***imħassar*** |
| ***Reviżjoni*** | |
| ***L-iskemi ta' appoġġ elenkati fl-Anness I għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għal reviżjoni possibbli fi kwalunkwe waqt fid-dawl ta' l-iżviluppi ekonomiċi u l-qagħda tal-baġit.*** | |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. Appoġġ għal miżuri msemmija fil-paragrafu 1(b) jista' jingħata biss:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) ma' l-implimentazzjoni sħiħa ta' l-iskema ta' pagament uniku fis-settur ikkonċernat skond l-Artikoli 54, 55 u 71.*** | |
| ***(b) sal-punt meħtieġ biex jinħoloq inċentiv biex jinżammu l-livelli attwali tal-produzzjoni.*** | |

*Ġustifikazzjoni*

*Issegwi l-emendi għall-Artikolu 68, paragrafu 1.*

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 – subparagrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Appoġġ skond il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1(a), (b) u (e) għandu jkun limitat għal 2.5% tal-limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 41, l-Istati Membri jistgħu jistipulaw sottolimiti massimi għal kull miżura.*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Issegwi l-emendi għall-Artikolu 68, paragrafu 1. L-emenda għandha taqa' fil-każ li dawn l-emendi ma jiġux adottati.*

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***6. It-trasferiment ta' drittijiet għall-pagament b'valuri ta' unità miżjuda u ta' drittijiet għall-pagament addizzjonali msemmija fil-paragrafu 5(c) jitħalla jsir biss jekk id-drittijiet trasferiti jkunu akkumpanjati bit-trasferiment ta' għadd ekwivalenti ta' ettari.*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Issegwi l-emendi għall-Artikolu 68, paragrafu 1.*

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 132 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 132a*** |

| | |
|---|---|
| | ***Studju dwar l-ispejjeż tal-konformità*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tagħmel studju li jevalwa l-ispejjeż reali għall-bdiewa li jirriżultaw mill-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE fl-oqsma tal-ambjent, tal-benessri tal-annimali u tas-sikurezza tal-ikel, li jipprovdi għall-istandards li jmorru lil hinn minn dawk li huma suġġetti għalihom il-prodotti tal-importazzjoni. Leġiżlazzjoni bħal din tinkludi, inter alia, ir-regolamenti u d-direttivi mniżżla fl-Anness II li fuqhom hija msejsa s-sistema ta' kundizzjonalità, kif ukoll l-istandards definiti bħala l-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba (GAEC) fl-Anness III li huma wkoll parti mir-rekwiżiti ta' kundizzjonalità.*** |
| | ***L-istudju għandu jevalwa l-ispejjeż tal-konformità kif deskritti hawn fuq fl-Istati Membri kollha, li jistgħu jvarjaw minn Stati Membru għall-ieħor, kif ukoll ir-reġjuni rispettivi tagħhom skont id-differenzi fl-aspetti klimatiċi, ġeoloġiċi, ekonomiċi, soċjali u tal-produzzjoni.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Parlament Ewropew tenna repetutament il-pożizzjoni tiegħu (**T6-0598/2007** u **T6-0093/2008**) li pagamenti diretti għandhom ikunu razzjonalizzati aktar wara l-2013 billi jagħmlu l-ammont ta' dawn il-pagamenti dipendenti fuq l-ispejjeż attwali tal-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE li tmur lil hinn mill-istandards li għalihom huma suġġetti l-prodotti tal-importazzjoni. Ir-riżultati tal-istudju pilota jistgħu jservu bħala bażi biex titqiegħed fil-prattika razzjonalizzazzjoni tal-pagamenti agrikoli wara l-2013. Barra minn hekk, ir-riżultati jgħinu lill-UE biex tiġġustifika l-pagamenti agrikoli tagħha fi ħdan il-qafas tad-WTO, kif ukoll maċ-ċittadini tagħha stess.*

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(23) Sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-politika agrikola komuni, l-iskemi komuni ta' l-appoġġ għandhom jiġu aġġornati għall-iżviluppi li jsiru, fejn meħtieġ fil-*** | ***imħassar*** |

***limiti ta' żmien qosra. Għaldaqstant, il-benefiċjarji ma jistgħux iserrħu fuq il-fatt li l-kundizzjonijiet għall-għajnuna mhux ser jinbidlu u għandhom ikunu ppreparati għal reviżjoni possibli ta' l-iskemi fid-dawl ta' l-iżviluppi ekonomiċi jew tal-qagħda tal-baġit.***

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 29 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(29a) Is-sistema ta' kundizzjonalità u l-politika agrikoli komuni (CAP) probabilment fil-futur se jirrikjedu aktar aġġustament, peress li l-livell attwali ta' pagamenti mhux dejjem jidher proporzjonali mal-isforzi ta' konformità min-naħa tal-bdiewa, għax il-pagamenti għadhom jiddependu fil-biċċa l-kbira fuq l-infiq fil-passat. B'mod partikolari, il-leġiżlazzjoni dwar il-benessri tal-annimali hija l-aktar ta' piż għall-bdiewa li jrabbu l-bhejjem, li mhux rifless fil-livell tal-pagamenti tagħhom. Mandankollu, kieku l-prodotti importati kienu jilħqu l-istess standards tal-benessri tal-annimali, ma kienx ikun hemm il-bżonn li l-bdiewa jiġu kkumpensati għall-konformità tagħhom mal-leġiżlazzjoni Komunitarja f'dan il-qasam. Il-Kummissjoni għandha għalhekk taħdem għar-rikonoxximent tal-kwistjonijiet mhux kummerċjali bħall-kriterji tal-importazzjoni fi ħdan in-negozjati tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Integrazzjoni mill-ġdid ta' emenda adottata mill-Parlament Ewropew bħala parti mir-rapport T6 - 0598/2007 tal-11 ta' Diċembru 2007 bit-titolu "CAP: regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett u ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u appoġġ għall-iżvilupp rurali".*

## PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Skemi ta' appoġġ għall-bdiewa taħt il-CAP |
| **Referenzi** | COM(2008)0306 – C6-0240/2008 – 2008/0103(CNS) |
| **Kumitat responsabbli** | AGRI |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | BUDG<br>19.6.2008 |
| **Rapporteur għal opinjoni:**<br>Data tal-ħatra | Theodor Dumitru<br>Stolojan<br>18.6.2008 |
| **Eżami fil-kumitat** | 10.9.2008 22.9.2008 6.10.2008 |
| **Data tal-adozzjoni** | 6.10.2008 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 30<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Reimer Böge, Herbert Bösch, Costas Botopoulos, Paulo Casaca, Brigitte Douay, James Elles, Göran Färm, Vicente Miguel Garcés Ramón, Salvador Garriga Polledo, Ingeborg Gräßle, Louis Grech, Nathalie Griesbeck, Catherine Guy-Quint, Jutta Haug, Ville Itälä, Anne E. Jensen, Sergej Kozlík, Wiesław Stefan Kuc, Janusz Lewandowski, Vladimír Maňka, Mario Mauro, Jan Mulder, Gianni Pittella, Theodor Dumitru Stolojan, László Surján, Gary Titley, Kyösti Virrankoski, Ralf Walter |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Paul Rübig, Gianluca Susta |

**16.9.2008**

## OPINJONI TAL- KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TA' L-IKEL

għall- Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett taħt il-politika agrikola komuni għall-bdiewa u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa
(COM(2008)0306 – C6-0240/2008 – 2008/0103(CNS))

Rapporteur: Kathalijne Maria Buitenweg

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Is-settur tal-biedja Ewropew qed jiffaċċja sfidi kbar, bħall-bidla fil-klima u l-iskarsezza ta' l-ilma, u ser ikompli jiffaċċja dawn l-isfidi. Hu importanti ħafna li l-Politika Agrikola Komuni (CAP) tadatta ruħha għal dawn l-isfidi. Il-biedja Ewropea għadha tuża ħafna ilma, pestiċidji, fertilizzanti u enerġija, u mingħajr il-miżuri meħtieġa, din se tkompli tagħmel hekk.

Hu diffiċli tispjega lill-pubbliku li l-Unjoni Ewropea tagħti pagamenti diretti lil farms kbar u intensivi, skont il-ħsad tas-snin ta' qabel jew skont il-proprjetà ta' l-art, mingħajr ma titlob lill-bdiewa sabiex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom ta' gassijiet serra u l-użu tagħhom ta' l-ilma, il-pestiċidji, il-fertilizzanti u l-enerġija.

**Il-ħlas għal servizzi pubbliċi**

F'Novembru tas-sena l-oħra l-Kummissjoni ppreżentat il-Komunikazzjoni tagħha dwar il-qagħda tal-CAP. Skont il-Kummissjoni Ewropea, kellha ssir riforma radikali tal-CAP. Il-pagamenti diretti kellhom jitnaqqsu b'mod sustanzjali sabiex minflok jissaħħu l-benefiċċji ambjentali u ta' l-impjiegi. Sfortunatament, il-Kummissjoni, fil-proposti leġiżlattivi tagħha ppreżentati f'Mejju ta' din is-sena, naqqset il-pagamenti diretti b'mod marġinali.

Il-bdiewa m'għandhomx jitħallsu skont il-ħsad tas-snin ta' qabel jew skont il-proprjetà ta' l-art, iżda għas-servizzi pubbliċi li jipprovdu, bħat-titjib fil-bijodiversità u l-immaniġġjar ta' l-ilma, u għal kisbiet fl-oqsma ta' l-ambjent, il-benessri ta' l-annimali u s-sikurezza ta' l-ikel, li jmorru lil hinn mill-obbligi legali. Għaldaqstant ir-rapporteur jipproponi li b'mod progressiv jitneħħew il-pagamenti diretti attwali kollha sal-2020. Il-prinċipju baġitarju tal-CAP għandu jkun li 'l-flus pubbliċi jintużaw sabiex jitħallsu s-servizzi pubbliċi'.

**Kriterji tal-kundizzjonalità**

Kwalunkwe forma ta' finanzjarjament pubbliku jrid ikun ikkundizzjonat fuq ir-rispett ta' liġijiet ambjentali, tan-natura u tal-benessri ta' l-annimali. Dan hu regolat permezz tal-kriterji tal-kundizzjonalità. Ir-rapporteur jipproponi li jiġu msaħħa dawn il-kriterji, u li jiġu inklużi dispożizzjonijiet addizzjonali dwar l-użu ta' l-ilma u l-emissjonijiet ta' gassijiet serra fil-kriterji ta' kundizzjonalità.

Lesperjenza wriet il-ħtieġa li jissaħħu l-kontrolli u li jiżdiedu l-pieni fejn il-kriterji ta' kundizzjonalità ma jiġux rispettati. Sabiex ikun żgurat li l-kontrolli jiġu msaħħa, ir-rapporteur jipproponi li jistipula ammont minimu ta' kontrolli. L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom annwalment jiċċekkjaw mill-inqas 5% tal-farms kollha.

**It-tneħħija tas-serħan obbligatorju ta' l-artijiet**

Il-Kummissjoni tipproponi li tneħħi s-serħan obbligatorju ta' l-artijiet. Dan se jikkawża aktar telf tal-bijodiversità, fl-għasafar b'mod partikolari, kif ukoll ta' benefiċċji ambjentali sinjifikanti oħra. L-għan ta' l-Unjoni Ewropea hu li twaqqaf it-telf tal-bijodiversità sal-2010.

Dan hu impossibbli jekk is-settur agrikolu ma jagħtix is-sehem tiegħu.

L-evidenza xjentifika turi li s-serħan tal-artijiet ġab benefiċċji ambjentali importanti. Fost l-oħrajn billi jipprovdi abitati għall-fawna selvaġġa u jtaffi l-impatti fuq il-ħamrija u l-ilma f'zoni maħduma b'mod intensiv. Dawn il-benefiċċji se jintilfu bit-tneħħija tas-serħan tal-artijiet. Dan it-telf għandu jkun kumpensat permezz ta' miżuri immirati fi ħdan il-kundizzjonalità u l-politika għall-Iżvilupp Rurali.

Barra minn hekk, fit-truf ta' l-għelieqi se jitpoġġew strixxi marġinali b'veġetazzjoni naturali u li twarrad u uċuħ immaniġġjati b'mod estensiv, mingħajr l-użu tal-pestiċidji u tal-fertilizzanti. Din il-miżura hija tajba sabiex tiżdied il-bijodiversità, filwaqt li barra minn hekk twassal għal ħamrija aktar nadifa u b'mod speċjali, ilma aktar nadif, kemm dak ta' taħt l-art u kemm dak tal-wiċċ.

**It-tibdil fil-klima**

Is-settur agrikolu huwa emittur kbir ta' gassijiet serra. Għandu jingħata appoġġ speċifiku għal miżuri mmirati biex inaqqsu l-konsum tal-enerġija fil-katina tal-ikel, u għal miżuri mmirati sabiex ikun evitat li jinħoloq skart agrikolu, kif ukoll għal miżuri mmirati għall-użu mill-ġdid tal-iskart agrikolu.

Għandha tingħata attenzjoni speċjali lit-trobbija intensiva tal-bhejjem, li tikkawża madwar 18% tal-emissjonijiet globali tas-CO2. F'kull każ, il-flus tal-CAP m'għandhomx jintużaw biex jippromwovu l-konsum tal-laħam, kif qed isir bħalissa. Dak li wieħed jikkonsma, u kemm jikkonsma, hi għażla ħielsa u individwali, iżda l-flus pubbliċi mgħandhomx jintużaw biex jippromwovu l-konsum ta' prodotti li għandhom impatt negattiv fuq il-bidla tal-klima, l-iskarsezza ta' l-ilma u l-ġuħ dinji.

Sabiex jonqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra fis-settur agrikolu kollu, fl-2009, il-Kummissjoni għandha tipproponi proposti leġiżlattivi li jorbtu fl-2009, bl-għan li jonqsu l-

emissjonijiet ta’ gassijiet serra mis-settur agrikolu b’mill-inqas 30% sal-2020, u b’mill-inqas 80% sal-2050.

**Il-benessri tal-annimali**

Il-benessri tal-annimali għandu jitjieb b’mod sostanzjali fis-settur agrikolu. Il-Kummissjoni għandha tipproponi miżuri leġiżlattivi li jorbtu fl-2009, bl-għan li jitjieb il-benessri ta’ l-annimali fl-UE. Dawn il-proposti għandhom jinkludu t-tneħħija progressiva tat-trobbija tal-bhejjem b’mod intensiv u industrijalizzat (factory farming).

Fl-2007, il-maġġoranza tal-parlament ivvutat favur it-tneħħija tas-sussidji kollha li jingħataw lil dawk li jkabbru l-barrin tal-ġlied. Sfortunatament, il-Kummissjoni u l-Kunsill injoraw din it-talba ċara tal-Parlament. Il-ġlied tal-barrin hu sport krudili u mgħandux ikun appoġġjat mill-UE. Għaldaqstant ir-rapporteur jirrepeti t-talba tal-Parlament u jitlob li jitneħħew il-pagamenti mogħtija lil dawk li jkabbru l-barrin tal-ġlied.

**Sussidji ta’ l-esportazzjoni**

Is-sussidji ta’ l-esportazzjoni għadhom ostakolu għall-kummerċ ġust fis-settur agrikolu. Dawn is-sussidji sikwit jagħmlu ħsara lis-swieq lokali ta’ pajjiżi li qed jiżviluppaw. Għaldaqstant, il-Kummissjoni għandha tneħħi s-sussidji kollha tal-esportazzjoni sal-2009.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta’ l-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) L-esperjenza ta' wara l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta’ appoġġ [skemi ta' appoġġ dirett] fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) | (1) L-esperjenza ta' wara l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta’ appoġġ [skemi ta' appoġġ dirett] fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) |

| | |
|---|---|
| Nru 1673/2000, (KEE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001, turi li jeħtieġ ċerti elementi tal-mekkaniżmu ta' l-appoġġ jiġu aġġustati. B'mod partikolari, id-diżakkoppjar ta' l-appoġġ dirett għandu jiġi estiż u l-funzjonament ta' l-Iskema ta' Pagament Uniku għandu jiġi ssimplifikat. Għandu jiġi osservat ukoll li r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 ġie mmodifikat sostanzjalment mid-dħul fis-seħħ tiegħu. Fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi u fl-interess taċ-ċarezza dan għandu jitħassar u jiġi sostitwit b'Regolament ġdid. | Nru 1673/2000, (KEE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001, turi li jeħtieġ ċerti elementi tal-mekkaniżmu ta' l-appoġġ jiġu aġġustati. B'mod partikolari, id-diżakkoppjar ta' l-appoġġ dirett għandu jiġi estiż ***b'mod sħiħ mal-għan tad-diżakkoppjar*** totali u l-funzjonament ta' l-Iskema ta' Pagament Uniku għandu jiġi ssimplifikat. Għandu jiġi osservat ukoll li r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 ġie mmodifikat sostanzjalment mid-dħul fis-seħħ tiegħu. Fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi u fl-interess taċ-ċarezza dan għandu jitħassar u jiġi sostitwit b'Regolament ġdid. |

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jintlaħqu l-ambizzjonijiet ambjentali, inklużi l-isfidi l-ġodda, neħtieġu nċaqalqu ammont kbir ta' flus mill-ewwel għat-tieni pilastru.*

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Barra minn hekk, biex jiġi evitat l-abbandun ta' art agrikola u jiġi żgurat li din tinżamm f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba, ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 stabbilixxa qafas Komunitarju li fih l-Istati Membri jadottaw 'standards' wara li jikkunsidraw il-karatteristiċi speċifiċi taż-żona konċernata, inklużi l-ħamrija u l-kundizzjonijiet klimatiċi, sistemi eżistenti ta' biedja (użu ta' l-art, newba ta' l-uċuħ tar-raba' ('crop rotation'), prattiċi tal-farms) u strutturi tal-farms. It-tneħħija tas-serħan ta' l-artijiet fi ħdan l-iskema ta' pagament uniku ***tista' f'ċerti każijiet ikollha effetti negattivi għall-ambjent, b'mod partikolari fir-rigward ta' ċerti karatteristiċi ta' pajsaġġ***. Għaldaqstant huwa ***xieraq***, ***fejn ikun adegwat***, li ***d-dispożizzjonijiet Komunitarji eżistenti*** li għandhom fil-mira tagħhom il- | (3) Barra minn hekk, biex jiġi evitat l-abbandun ta' art agrikola u jiġi żgurat li din tinżamm f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba, ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 stabbilixxa qafas Komunitarju li fih l-Istati Membri jadottaw 'standards' wara li jikkunsidraw il-karatteristiċi speċifiċi taż-żona konċernata, inklużi l-ħamrija u l-kundizzjonijiet klimatiċi, sistemi eżistenti ta' biedja (użu ta' l-art, newba ta' l-uċuħ tar-raba' ('crop rotation'), prattiċi tal-farms) u strutturi tal-farms. It-tneħħija tas-serħan ta' l-artijiet fi ħdan l-iskema ta' pagament uniku ***se toħloq telf ulterjuri tal-bijodiversità, b'mod partikulari fl-għasafar, kif ukoll telf ta' benefiċċji ambjentali oħra sinjifikanti***. Għaldaqstant huwa ***meħtieġ*** li ***jkun maħsub kumpens xieraq*** bl-għan li tkun imħarsa ***u msaħħa l-bijodiversità, inklużi*** |

| | |
|---|---|
| protezzjoni tal-karatteristiċi speċifikati ta' pajsaġġ jiġu msaħħa. | ***l-ħarsien u l-istabbiliment mill-ġdid*** ta' karatteristiċi speċifikati ta' pajsaġġ. ***Dan jista' jinkiseb permezz tat-tisħiħ tad-dispożizzjonjiet Komunitarji eżistenti, iżda wkoll permezz ta' l-introduzzjoni ta' miżuri ġodda ta' kumpens.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-evidenza xjentifika turi li s-serħan tal-artijiet ġab benefiċċji ambjentali importanti. Fost l-oħrajn billi jipprovdi abitati għall-fawna selvaġġa u jtaffi l-impatti fuq il-ħamrija u l-ilma f'zoni maħduma b'mod intensiv. Dawn il-benefiċċji se jintilfu bit-tneħħija tas-serħan tal-artijiet. Dan it-telf għandu jkun kumpensat permezz ta' miżuri immirati fi ħdan il-kundizzjonalità u l-politika ta' l-Iżvilupp Rurali.*

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4) Il-protezzjoni u l-ġestjoni ta' l-ilma fil-kuntest ta' l-attività agrikola f'***ċerti nħawi qed issir problema dejjem tikber***. Huwa għalhekk xieraq li jissaħħaħ ukoll il-qafas Komunitarju eżistenti dwar il-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba bil-għan li l-ilma jiġi mħares kontra t-tniġġis u t-tnixxija filwaqt li jiġi amministrat l-użu ta' l-ilma. | (4) Il-protezzjoni u l-ġestjoni ta' l-ilma fil-kuntest ta' l-attività agrikola f'ċerti nħawi ***qegħdin isiru*** problema ***f'parti dejjem akbar tal-Komunità***. Huwa għalhekk xieraq li jissaħħaħ ukoll il-qafas Komunitarju eżistenti dwar il-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba bil-għan li l-ilma jiġi mħares kontra t-tniġġis u t-tnixxija filwaqt li jiġi amministrat l-użu ta' l-ilma***, inkluż it-tnaqqis fil-ħafna ħela annwali tal-ilma permezz ta' sistemi aħjar ta' agronomija u ta' ġestjoni tal-ilma***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex tissolva u tkun evitata l-problema tan-nuqqas ta' l-ilma, trid tonqos il-ħela annwali ta' l-ilma fis-settur agrikoli.*

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Billi ***l-mergħa*** permanenti għandha effett ambjentali pożittiv, huwa xieraq li jiġu applikati miżuri biex jinkoraġġixxu ż-żamma ta' ***mergħat*** permanenti eżistenti biex tiġi evitata konverżjoni massiva f'art li tinħarat. | (5) Billi ***l-art erbaċja*** permanenti għandha effett ambjentali pożittiv, huwa xieraq li jiġu applikati miżuri biex jinkoraġġixxu ż-żamma ta' ***art erbaċja*** permanenti eżistenti biex tiġi evitata konverżjoni massiva f'art li tinħarat. |

*Ġustifikazzjoni*

*Mhux l-artijiet erbaċei permanent kollha jintużaw għall-mergħa. L-artijiet erbaċei permanenti huma stokks important tal-karbonju u l-aktar abitati importanti fl-Ewropa mil-lat ta' bijodiversità. Minn dan il-lat, l-artijiet erbaċei li jinħasdu huma importanti daqs il-mergħat.*

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Biex jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-għodod ta' politika mfassla biex jippromovu l-agrikoltura sostenibbli u dawk intenzjonati biex jippromovu l-iżvilupp rurali, ġiet introdotta sistema ta' tnaqqis progressiv fil-pagamenti diretti ("il-modulazzjoni") permezz tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. Din is-sistema għandha tinżamm inkluż l-eżenzjoni mill-applikazzjoni tagħha ta' pagamenti sa EUR 5 000. | (6) Biex jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-għodod ta' politika mfassla biex jippromovu l-agrikoltura sostenibbli u dawk intenzjonati biex jippromovu l-iżvilupp rurali, ġiet introdotta sistema ta' tnaqqis progressiv fil-pagamenti diretti ("il-modulazzjoni") permezz tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. Din is-sistema għandha tinżamm inkluż l-eżenzjoni mill-applikazzjoni tagħha ta' pagamenti sa EUR 5 000. ***Il-perċentwali tal-modulazzjoni għandhom jitjiebu ħafna bil-għan li b'mod progressiv jitneħħew il-pagamenti diretti kollha eżistenti sal-2020.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-bdiewa għandhom ikunu ppremjati għas-servizzi pubbliċi li joffru, bħat-titjib fil-bijodiversità u l-ħżin ta' l-ilma, u m'għandhomx ikunu appoġġjati b'mod awtomatiku.*

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) L-***iffrankar fl-ispejjeż li jsir*** permezz tal-mekkaniżmu tal-modulazzjoni li ddaħħal bir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jintuża għall-finanzjament ta' miżuri taħt il-politika għall-iżvilupp rurali. Sa mill-adozzjoni ta' dan ir-Regolament is-settur agrikolu kellu jiffaċċja għadd ta' sfidi ġodda u impenjattivi bħat-tibdil fil-klima, l-importanza dejjem tiżdied tal-bijoenerġija, kif ukoll il-ħtieġa għal ġestjoni aħjar ta' l-ilma u għal protezzjoni aktar effettiva tal-bijodiversità. Il-Komunità Ewropea, bħala parti kontraenti għall-Protokoll ta' Kyoto, ġiet mitluba tadatta l-politiki tagħha fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet dwar it-tibdil fil-klima. Barra minn hekk, wara l-problemi serji li nqalgħu marbuta mas-skarzezza ta' l-ilma u n-nixfa, jeħtieġ li l-kwistjonijiet dwar il-ġestjoni ta' l-ilma jerġgħu jiġi indirizzati. Il-protezzjoni tal-bijodiversità għadha sfida kbira u filwaqt li sar progress importanti, il-ksib tal-mira għall-***bijodiversità*** tal-Komunità Ewropea għall-2010 se ***jirrikjedi*** sforzi addizzjonali. Il-Komunità tirrikonoxxi l-ħtieġa li dawn l-isfidi ġodda jiġu ttrattati fil-qafas tal-politiki tagħha. Fil-qasam ta' l-agrikoltura, strumenti tajbin biex dawn jiġu indirizzati huma l-programmi għall-iżvilupp rurali adottati taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE Nru 1698/2006 ta' l-20 ta' Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR). Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jirrevedu l-programmi għall-iżvilupp rurali tagħhom skond dan mingħajr ma jiġu mitluba jnaqqsu l-attivitajiet ta' l-iżvilupp rurali ta' bħalissa | (7) *Il-****fondi miksuba*** permezz tal-mekkaniżmu tal-modulazzjoni li ddaħħal bir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jintuża għall-finanzjament ta' miżuri taħt il-politika għall-iżvilupp rurali. Sa mill-adozzjoni ta' dan ir-Regolament is-settur agrikolu kellu jiffaċċja għadd ta' sfidi ġodda u impenjattivi bħat-tibdil fil-klima, l-importanza dejjem tiżdied tal-bijoenerġija, kif ukoll il-ħtieġa għal ġestjoni aħjar ta' l-ilma u għal protezzjoni aktar effettiva tal-bijodiversità. Il-Komunità Ewropea, bħala parti kontraenti għall-Protokoll ta' Kyoto, ġiet mitluba tadatta l-politiki tagħha fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet dwar it-tibdil fil-klima. Barra minn hekk, wara l-problemi serji li nqalgħu marbuta mas-skarzezza ta' l-ilma u n-nixfa, ***jeħtieġ li*** l-kwistjonijiet dwar il-ġestjoni ta' l-ilma ***fi ħdan il-Komunità*** jerġgħu jiġi indirizzati, ***u jeħtieġ tittieħed azzjoni soda***. Il-protezzjoni tal-bijodiversità, ***flimkien mal-ġestjoni bbilanċjata tal-ilma,*** għadha sfida kbira u filwaqt li sar progress importanti, il-ksib tal-mira tal-*Unjoni* Ewropea għall-2010 ***li twaqqaf it-telf tal-bijodiversità fi ħdan l-UE*** se ***tkun impossibbli sakemm ma jsirux*** sforzi addizzjonali ***f'dan il-qasam***. ***Din l-azzjoni għandha tinkludi tibdiliet ġodda fil-mod ta' kif inhu organizzat il-mudell agrikolu Ewropew, filwaqt li tintuża l-esperjenza miksuba mill-Istati li s-sistemi agrikoli tagħhom huma bbażati fuq mudell ta' farming tradizzjonali u fuq skala żgħira.*** Il-Komunità tirrikonoxxi***, għalhekk,*** l-ħtieġa li dawn l-isfidi ġodda jiġu ttrattati fil-qafas tal-politiki tagħha. Fil-qasam ta' l-agrikoltura, strumenti tajbin |

f'oqsma oħra, jeħtieġ li jkun hemm id-disponibbiltà ta' finanzjament addizzjonali. Madankollu l-perspettivi finanzjarji għall-perjodu 2007 sa 2013 ma jipprovdux għal mezzi finanzjarji għar-rinfurzar tal-politika Komunitarja għall-iżvilupp rurali kif meħtieġ. F'dawn iċ-ċirkostanzi huwa xieraq li parti kbira tar-riżorsi finanzjarji meħtieġa jiġu mobilizzati għal żieda gradwali fit-tnaqqis tal-pagamenti diretti permezz tal-modulazzjoni.

biex dawn jiġu indirizzati huma l-programmi għall-iżvilupp rurali adottati taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE Nru 1698/2006 ta' l-20 ta' Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR). Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jirrevedu l-programmi għall-iżvilupp rurali tagħhom skond dan mingħajr ma jiġu mitluba jnaqqsu l-attivitajiet ta' l-iżvilupp rurali ta' bħalissa f'oqsma oħra, jeħtieġ li jkun hemm id-disponibbiltà ta' finanzjament addizzjonali. Madankollu l-perspettivi finanzjarji għall-perjodu 2007 sa 2013 ma jipprovdux għal mezzi finanzjarji għar-rinfurzar tal-politika Komunitarja għall-iżvilupp rurali kif meħtieġ. F'dawn iċ-ċirkostanzi huwa xieraq li parti kbira tar-riżorsi finanzjarji meħtieġa jiġu mobilizzati għal żieda gradwali fit-tnaqqis tal-pagamenti diretti permezz tal-modulazzjoni.

*Justification*

*Zaburzenia gospodarki wodnej oraz dramatyczny spadek bioróżnorodności są obecnie głównymi problemami rolno-środowiskowymi na terenie Wspólnoty. Nieuwzględnienie lub marginalizowanie tych problemów, poprzez brak zasadniczych zmian w modelu funkcjonowania wspólnotowego rolnictwa, może doprowadzić do trudno odwracalnych zmian w strukturze rolno-środowiskowej obszarów wiejskich.*

*Dalszy rozwój wielkoprzemysłowego modelu rolnictwa na obszarze Wspólnoty oraz niedostateczne wsparcie dla małych gospodarstw rolnych, stają w sprzeczności z zasadami zrównoważonego rozwoju i praktycznie uniemożliwiają realizację założonych celów środowiskowych, z powstrzymaniem spadku bioróżnorodności na czele.*

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Il-qagħda ġeografika partikolari tar-reġjuni l-aktar imbiegħda kif ukoll l-insularità, il-medda żgħira u ż-żoni tal-muntanji tagħhom u l-klima jimponu | (9) Il-qagħda ġeografika partikolari tar-reġjuni l-aktar imbiegħda kif ukoll l-insularità, il-medda żgħira u ż-żoni tal-muntanji tagħhom u l-klima jimponu |

| | |
|---|---|
| piżijiet addizzjonali fuq is-setturi agrikoli tagħhom. Sabiex it-tali piżijiet u limitazzjonijiet jonqsu jidher li deroga mill-obbligu għall-applikazzjoni tat-tnaqqis tal-modulazzjoni għall-bdiewa ***fir-***reġjuni l-aktar imbiegħda tkun xierqa. | piżijiet addizzjonali fuq is-setturi agrikoli tagħhom. Sabiex it-tali piżijiet u *limitazzjonijiet* jonqsu*,* jidher *xieraq* li *jkun hemm* deroga mill-obbligu għall-applikazzjoni tat-tnaqqis tal-modulazzjoni għall-bdiewa ***f'***reġjuni l-aktar imbiegħda ***u żvantaġġati****,* ***fir-rigward ta' prattiki agrikoli sostenibbli****.* |

*Ġustifikazzjoni*

*L-ebda sussidji m'għandhom jingħataw għal prattiki agrikoli mhux sostenibbli.*

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23a) Il-pagamenti diretti kollha eżistenti għandhom jitneħħew b'mod progressiv sal-2013. Sa dak iż-żmien, il-bdiewa għandhom jirċievu biss appoġġ għas-servizzi pubbliċi li jipprovdu, bħat-titjib fil-bijodiversità, u l-ġestjoni tal-ilma, u għall-kisbiet fl-oqsma tal-ambjent, il-benessri tal-annimali u s-sikurezza tal-ikel.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-bdiewa huma mħeġġa jirreaġġixxu għas-suq. Is-sussidji diretti jagħwġu s-suq u huma piż sostanzjali għall-fondi Komunitarji. Il-ġestjoni ambjentali tinkiseb l-aħjar permezz tat-tieni pilastru.*

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23 b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23b) L-ewwel pilastru tal-CAP jeħtieġ li jinżamm fil-ġejjieni sabiex jiggarantixxi s-sehem ewlieni tal-bdiewa bħala l-muturi*** |

***tal-ekonomija f'diversi reġjuni rurali, apparti li huma l-gwardjani tal-pajsaġġ u li jiżguraw l-istandards għoljin tas-sikurezza tal-ikel meħtieġa mill-UE.***

*Ġustifikazzjoni*

*Tnaqqis ġenerali fl-għajnuniet diretti għall-bdiewa jista' jnaqqas il-profitabilità tagħhom b'mod sinifikanti, u jirriskja s-sopravivenza ta' ħafna farms. L-UE jeħtieġ tagħti prijorità lill-awtosuffiċjenza tal-ikel għall-futur.*

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (27) Is-serħan obbligatorju ta' l-artijiet li jinħadmu ġie introdott bħala mekkaniżmu għall-kontroll tal-provvista. L-iżviluppi fis-suq tas-settur ta' l-uċuħ tar-raba' kkultivati flimkien ma' l-introduzzjoni ta' għajnuniet diżakkoppjati l-ħtieġa għaż-żamma ta' dan l-istrument m'għadhiex iġġustifikata, u għaldaqstant għandu jitneħħa. Għandhom għalhekk jiġu attivati d-drittijiet għas-serħan ta' l-artijiet stabbiliti f'konformità ma' l-Artikoli 53 u 63(2) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 fir-rigward ta' l-ettari li jkunu soġġetti għall-istess kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà bħal ta' kwalunkwe dritt ieħor. | (27) Is-serħan obbligatorju ta' l-artijiet li jinħadmu ġie introdott bħala mekkaniżmu għall-kontroll tal-provvista. L-iżviluppi fis-suq tas-settur ta' l-uċuħ tar-raba' kkultivati flimkien ma' l-introduzzjoni ta' għajnuniet diżakkoppjati l-ħtieġa għaż-żamma ta' dan l-istrument m'għadhiex iġġustifikata, u għaldaqstant għandu jitneħħa. Għandhom għalhekk jiġu attivati d-drittijiet għas-serħan ta' l-artijiet stabbiliti f'konformità ma' l-Artikoli 53 u 63(2) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 fir-rigward ta' l-ettari li jkunu soġġetti għall-istess kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà bħal ta' kwalunkwe dritt ieħor. ***Permezz tal-pagamentmit-tieni pilastru, il-bdiewa għandhom jingħataw spinta sabiex b'mod attiv jippromwovu l-bijodiversità permezz ta' prattiki agrikoli sostenibbli. B'dan il-mod, tittaffa l-ħsara ambjentali kkawżata permezz tat-tneħħija ta-serħan obbligatorju tal-artijiet.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-riċerka xjentifika turi li t-tneħħija tas-serħan obbligatorju ta' l-artijiet se jkollu effetti negattivi ħafna fuq il-bijodiversità. Għaldaqstant hu kruċjali li ssir xi ħaġa li tpatti għal dawn l-effetti.*

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (30) Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003, filwaqt li jdaħħal l-iskema ta' pagament uniku diżakkoppjat jippermetti lill-Istati Membri jeskludu ċerti pagamenti minn dik l-iskema. Fl-istess ħin l-Artikolu 64(3) ta' dak ir-Regolament ipprovda għar-reviżjoni ta' l-għażliet li hemm ipprovduti fit-Taqsimiet 2 u 3 tal-Kapitolu 5 tat-Titoli II, fir-rigward ta' żviluppi strutturali u tas-suq. Analiżi ta' l-esperjenza rilevanti turi li d-diżakkoppjar idaħħal flessibbiltà fl-għażla tal-produtturi, u jiffaċilita t-teħid tad-deċiżjoniet tagħhom dwar il-produzzjoni fuq il-bażi tal-gwadann u tar-reazzjoni fis-suq. Dan huwa l-każ partikolarment għall-uċuħ tar-raba' kkultivati, is-setturi tal-ħopps u taż-żrieragħ, kif ukoll sa ċertu punt, is-settur taċ-ċanga. Għaldaqstant, il-pagamenti parzjalment akkoppjati f'dawn is-setturi għandhom jiġu integrati fl-iskem ta' pagament uniku. Sabiex il-bdiewa fis-settur tal-laħam taċ-ċanga ikunu jistgħu jadattaw gradwalment għall-arranġamenti ta' appoġġ ġodda għandu jkun hemm provvediment għad-dħul f'fażijieti ta' l-integrazzjoni tal-primjum speċjali għall-annimali maskili u l-primjums għall-qatla. Peress li l-pagamenti parzjalment akkoppjati fis-setturi tal-frott u tal-ħaxix iddaħħlu biss dan l-aħħar, u bħala miżura ta' tranżizzjoni biss, ma' hi meħtieġa l-ebda reviżjoni ta' tali skemi. | (30) Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003, filwaqt li jdaħħal l-iskema ta' pagament uniku diżakkoppjat jippermetti lill-Istati Membri jeskludu ċerti pagamenti minn dik l-iskema. Fl-istess ħin l-Artikolu 64(3) ta' dak ir-Regolament ipprovda għar-reviżjoni ta' l-għażliet li hemm ipprovduti fit-Taqsimiet 2 u 3 tal-Kapitolu 5 tat-Titoli II, fir-rigward ta' żviluppi strutturali u tas-suq. Analiżi ta' l-esperjenza rilevanti turi li d-diżakkoppjar idaħħal flessibbiltà fl-għażla tal-produtturi, u jiffaċilita t-teħid tad-deċiżjoniet tagħhom dwar il-produzzjoni fuq il-bażi tal-gwadann u tar-reazzjoni fis-suq. Dan huwa l-każ partikolarment għall-uċuħ tar-raba' kkultivati, is-setturi tal-ħopps u taż-żrieragħ, kif ukoll sa ċertu punt, is-settur taċ-ċanga. Għaldaqstant, il-pagamenti parzjalment akkoppjati f'dawn is-setturi għandhom jiġu integrati fl-iskem ta' pagament uniku. Sabiex il-bdiewa fis-settur tal-laħam taċ-ċanga ikunu jistgħu jadattaw gradwalment għall-arranġamenti ta' appoġġ ġodda għandu jkun hemm provvediment għad-dħul f'fażijieti ta' l-integrazzjoni tal-primjum speċjali għall-annimali maskili u l-primjums għall-qatla. ***Għandhom jitwaqqfu l-pagamenti kollha magħmula lil min irabbi l-barrin tal-ġlied.*** Peress li l-pagamenti parzjalment akkoppjati fis-setturi tal-frott u tal-ħaxix iddaħħlu biss dan l-aħħar, u bħala miżura ta' tranżizzjoni biss, ma' hi meħtieġa l-ebda reviżjoni ta' tali skemi. |

*Ġustifikazzjoni*

*M'għandniex nappoġġjaw il-ġlied tal-barrin. Għandna nagħmlu pressjoni fuq dawk li jrabbu l-barrin sabiex jiefqu jbigħu il-barrin għal dan l-iskop.*

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 31**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (31) Madankollu, fir-rigward tas-settur tal-baqar li jreddgħu, tan-nagħaġ u tal-mogħoż jidher li possibbilment għada meħtieġa ż-żamma tal-livell minimu ta' produzzjoni agrikola għall-ekonomiji agrikoli f'ċerti reġjuni u, b'mod partikolari, fejn il-bdiewa ma għandhomx rikors għal alternattivi ekonomiċi oħra. F'dan l-isfond, l-Istati Membri għandhom ikollhom l-għażla li jżommu l-appoġġ akkoppjat fil-livell ta' bħalissa, jew fir-rigward tal-baqar li jreddgħu, f'livell aktar baxx. F'dak il-każ għandu jkun hemm provvediment speċjali fir-rigward tar-rekwiżiti ta' l-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni li hemm provvediment għalihom fir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1760/2000 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004, b'mod partikolari bil-għan li tinkiseb it-traċċabbiltà ta' l-annimali. | (31) Madankollu, fir-rigward tas-settur tal-baqar li jreddgħu, tan-nagħaġ u tal-mogħoż jidher li possibbilment għada meħtieġa ż-żamma tal-livell minimu ta' produzzjoni agrikola għall-ekonomiji agrikoli f'ċerti reġjuni u, b'mod partikolari, fejn il-bdiewa ma għandhomx rikors għal alternattivi ekonomiċi oħra. F'dan l-isfond, l-Istati Membri għandhom ikollhom l-għażla li jżommu l-appoġġ akkoppjat fil-livell ta' bħalissa, jew fir-rigward tal-baqar li jreddgħu, f'livell aktar baxx***, fejn huma involuti prattiki agrikoli sostenibbli u tajbin għall-annimali***. F'dak il-każ għandu jkun hemm provvediment speċjali fir-rigward tar-rekwiżiti ta' l-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni li hemm provvediment għalihom fir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1760/2000 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004, b'mod partikolari bil-għan li *tiġi żgurata t-*traċċabbiltà ta' l-annimali. |

*Ġustifikazzjoni*

*L-ebda sussidji m'għandhom jingħataw għal prattiki agrikoli mhux sostenibbli.*

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 3 a*** |
| | ***Fil-ħidma progressiva lejn it-tneħħija tas-sussidji kollha fuq l-esportazzjoni sal-2013 kif kien maqbul f'Hong Kong, sussidji kollha fuq l-esportazzjoni tal-*** |

***bhejjem għandha titneħħa sal-2009.***

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 2 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Fl-2009 l-Kummissjoni għandha tressaq proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, bil-għan li jitfasslu miżuri leġiżlattivi favur it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-settur agrikolu b'mill-inqas 30% sal-2020. Il-proposti għandhom jinkludu mira ambizzjuża għat-tul li għandha tintlaħaq sal-2050.*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 2 b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2b. Il-Kummissjoni qed tipproponi miżuri leġiżlattivi li jorbtu fl-2009, immirati sabiex jitjieb il-benessri ta' l-annimali fl-UE.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-benessri ta' l-annimali jeħtieġ jitjieb.*

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-art agrikola kollha, speċjalment art li | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-art agrikola kollha, speċjalment art li |

| | |
|---|---|
| m'għadhiex tintuża għall-skopijiet tal-produzzjoni, tinżamm f'kundizzjoni ***agrikola and*** ambjentali tajba. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu, fuq livell nazzjonali jew reġjonali, il-kundizzjonijiet minimi għall-kundizzjoni ***agrikola u*** ambjentali tajba fuq il-bażi tal-qafas stabbilit fl-Anness III, wara li jkunu tqiesu l-karatteristiċi speċifiċi ta' ż-żoni konċernati, inklużi l-kundizzjonijiet tal-ħamrija u klimatiċi, sistemi tal-biedja eżistenti, użu ta' l-art, newba ta' l-uċuh tar-raba', prattiċi tal-biedja, u strutturi tal-farms. | m'għadhiex tintuża għall-skopijiet tal-produzzjoni, tinżamm f'kundizzjoni agrikola and ambjentali tajba. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu, fuq livell nazzjonali jew reġjonali***, fuq il-bażi ta' linji gwida tal-Kummissjoni,*** il-kundizzjonijiet minimi għall-kundizzjoni ambjentali tajba fuq il-bażi tal-qafas stabbilit fl-Anness III, wara li jkunu tqiesu l-karatteristiċi speċifiċi ta' ż-żoni konċernati, inklużi l-kundizzjonijiet tal-ħamrija u klimatiċi, sistemi tal-biedja eżistenti, użu ta' l-art, newba ta' l-uċuħ tar-raba', prattiċi tal-biedja, u strutturi tal-farms. |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-ammonti kollha ta' pagamenti diretti li ser jingħataw lil bidwi f'sena kalendarja partikolari għandhom jiġu mnaqqsa għal kull sena sa l-2012 bil-perċentwali li ġejjin: | 1. L-ammonti kollha ta' pagamenti diretti li ser jingħataw lil bidwi f'sena kalendarja partikolari għandhom jiġu mnaqqsa għal kull sena sa l-2012 bil-perċentwali li ġejjin: |
| (a) 2009: ***7%,*** | (a) 2009: ***15%*** |
| (b) 2010: ***9%,*** | (b) 2010: ***22%*** |
| (c) 2011: ***11%,*** | (c) 2011: ***29%*** |
| (d) 2012: ***13%.*** | (d) 2012: ***36%*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-perċentwali tal-modulazzjoni għandhom jimmiraw li b'mod progressiv ineħħu l-pagamenti diretti sal-2020, għax il-pagamenti diretti ma jiżgurawx li l-bdiewa qed joffru servizzi pubbliċi.*

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom iwettqu kontrolli fil-post biex jivverifikaw jekk il-bidwi hux konformi ma' l-obbligi msemmija fil-Kapitolu 1. | 1. L-Istati Membri għandhom iwettqu kontrolli fil-post ***fuq mill-inqas 5% tal-farms kollha li jingħataw pagamenti diretti,*** biex jivverifikaw jekk il-bidwi hux konformi ma' l-obbligi msemmija fil-Kapitolu 1. |

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jkun hemm livell minimu ta' kontroll, biex il-bdiewa jħossu l-ħtieġa li jirrispettaw il-kriterji tal-kundizzjonalità.*

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 43**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kwalunkwe dritt għall-pagament li ma kienx attivat għal perjodu ta' ***sentejn*** għandu jiġi allokat lir-riżerva nazzjonali, ħlief fil-każ ta' force majeure u ċirkustanzi eċċezzjonali skond it-tifsira ta' l-Artikolu 36(1). | Kwalunkwe dritt għall-pagament li ma kienx attivat għal perjodu ta' ***sena*** għandu jiġi allokat lir-riżerva nazzjonali, ħlief fil-każ ta' force majeure u ċirkustanzi eċċezzjonali skond it-tifsira ta' l-Artikolu 36(1). ***Dawn il-flus għandhom jintużaw biex jitjiebu l-prattiki agrikoli tajba mil-lat ambjentali.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Flus li ma jintużawx mill-baġit tal-pagamenti uniċi għandhom jintużaw biex is-settur agrikoli jagħmel inqas ħsara għall-ambjent.*

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 51 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) għal ettari bil-ħaxix ***għall-mergħa*** permanenti fid-data provduta għall-applikazzjonijiet għall-għajnuna fiż-żona għall-2008 u kwalunkwe ettaru ieħor eliġibbli. | (b) għal ettari ***użati bħala art erbaċja permanenti*** fid-data provduta għall-applikazzjonijiet għall-għajnuna fiż-żona għall-2008 u kwalunkwe ettaru ieħor eliġibbli. |

*Ġustifikazzjoni*

*Mhux l-artijiet erbaċei permanent kollha jintużaw għall-mergħa. L-artijiet erbaċei permanenti huma stokks important tal-karbonju u l-aktar abitati importanti fl-Ewropa mil-lat ta' bijodiversità. Minn dan il-lat, l-artijiet erbaċei li jinħasdu huma importanti daqs il-mergħat.*

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 55 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri li skond l-Artikolu 68(2)(a)(i) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 żammew parti mill-komponent jew il-komponent kollu tal-limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 41 ta' dan ir-Regolament li jikkorrispondi għall-primjum tal-baqar li jreddgħu msemmija fl-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għandhom jagħmlu, fuq bażi annwali, pagament addizzjonali lil bdiewa. | 1. L-Istati Membri li skond l-Artikolu 68(2)(a)(i) tar-Regolament (KE) L-Istati Membri li skond l-Artikolu 68(2)(a)(i) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 żammew parti mill-komponent jew il-komponent kollu tal-limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 41 ta' dan ir-Regolament li jikkorrispondi għall-primjum tal-baqar li jreddgħu msemmija fl-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għandhom jagħmlu, fuq bażi annwali, pagament addizzjonali lil bdiewa. ***Madankollu, mgħandhomx jingħataw pagamenti lil min irabbi l-barrin tal-ġlied.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*M'għandniex nappoġġjaw il-ġlied tal-barrin. Għandna nagħmlu pressjoni fuq dawk li jrabbu l-barrin sabiex jiefqu jbigħu il-barrin għal dan l-iskop.*

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 55 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Fl-2010 u l-2011, l-Istati Membri li skond l-Artikolu 68(1), 68(2)(a)(ii) jew 68(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 żammew il-limiti massimi nazzjonali kollha jew parti minnhom imsemmija fl-Artikolu 41 ta' dan ir-Regolament li jikkorrispondu għall-primjum għall-qatla ta' l-għoġġiela, il-primjum għall-qatla ta' l-annimali oħra barra mill-għoġġiela jew il-primjum maskil speċjali, jistgħu jagħmlu pagament addizzjonali lil bdiewa. Il-pagamenti addizzjonali għandhom jingħataw mal qatla ta' għoġġiela, qatla ta' annimali bovini barra għoġġiela u għat-trobbija ta' annimali bovini rġiel, skond il-kundizzjonijiet ipprovduti fil-Kapitol 1, Taqsima 8 tat-Titolu IV. Il-pagament addizzjonali għandu jingħata b'50% tal-livell applikat skond l-Artikolu 68 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u skond il-limitu massimu ffissat bl-Artikolu 53(2) ta' dan ir-Regolament. | 2. Fl-2010 u l-2011, l-Istati Membri li skond l-Artikolu 68(1), 68(2)(a)(ii) jew 68(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 żammew il-limiti massimi nazzjonali kollha jew parti minnhom imsemmija fl-Artikolu 41 ta' dan ir-Regolament li jikkorrispondu għall-primjum għall-qatla ta' l-għoġġiela, il-primjum għall-qatla ta' l-annimali oħra barra mill-għoġġiela jew il-primjum maskil speċjali, jistgħu jagħmlu pagament addizzjonali lil bdiewa. Il-pagamenti addizzjonali għandhom jingħataw mal qatla ta' għoġġiela, qatla ta' annimali bovini barra għoġġiela u għat-trobbija ta' annimali bovini rġiel, skond il-kundizzjonijiet ipprovduti fil-Kapitol 1, Taqsima 8 tat-Titolu IV. Il-pagament addizzjonali għandu jingħata b'50% tal-livell applikat skond l-Artikolu 68 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u skond il-limitu massimu ffissat bl-Artikolu 53(2) ta' dan ir-Regolament. ***Madankollu, mgħandhomx jingħataw pagamenti lil min irabbi l-barrin tal-ġlied.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*M'għandniex nappoġġjaw il-ġlied tal-barrin. Għandna nagħmlu pressjoni fuq dawk li jrabbu l-barrin sabiex jiefqu jbigħu il-barrin għal dan l-iskop.*

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 62 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) għal ettari ta' art bil-ħaxix ***għall-mergħa*** permanenti kif identifikat fit-30 ta' Ġunju 2008 u għal kull ettaru eliġibbli ieħor. | (b) għal ettari ta' art bil-ħaxix ta' art erbaċja permanenti kif identifikat fit-30 ta' Ġunju 2008 u għal kull ettaru eliġibbli ieħor. |

*Ġustifikazzjoni*

*Mhux l-artijiet erbaċei permanent kollha jintużaw għall-mergħa. L-artijiet erbaċei permanenti huma stokks important tal-karbonju u l-aktar abitati importanti fl-Ewropa mil-lat ta' bijodiversità. Minn dan il-lat, l-artijiet erbaċei li jinħasdu huma importanti daqs il-mergħat.*

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 68 - paragrafu 1, punt (a) - (e)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) għal: | (a) għal: |
| (i) tipi speċifiċi ta' biedja li huma importanti għall-ħarsien u t-titjib ta' l-ambjent, | (i) tipi speċifiċi ta' biedja li huma importanti għall-ħarsien u t-titjib ta' l-ambjent, |
| (ii) titjib fil-kwalità ta' prodotti agrikoli, jew | (ii) titjib fil-kwalità ***ambjentali u mil-lat ta' saħħa*** ta' prodotti agrikoli, jew |
| (iii) titjib fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli; | (iii) titjib fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli ***sostenibbli u tajbin għas-saħħa***; |
| (b) biex jindirizzaw żvantaġġi speċifiċi li jaffettwaw bdiewa fis-setturi tal-ħalib, ċanga, laħam tan-ngħaġ u l-mogħoż u ross f'żoni vulnerabbli ekonomikament jew sensittivi ambjentalment, | (b) biex jindirizzaw żvantaġġi speċifiċi li jaffettwaw bdiewa fis-setturi ***sostenibbli*** tal-ħalib, ċanga, laħam tan-ngħaġ u l-mogħoż u ross f'żoni vulnerabbli ekonomikament jew sensittivi ambjentalment, |
| (c) f'żoni suġġetti għar-ristrutturar u/jew programmi ta' żvilupp sabiex jevitaw l-abbandun ta' l-art u/jew sabiex jindirizzaw żvantaġġi speċifiċi għall-bdiewa f'dawk iż- | (c) f'żoni suġġetti għar-ristrutturar u/jew programmi ta' żvilupp sabiex jevitaw l-abbandun ta' l-art ***b'valur ambjentali*** u/jew sabiex jindirizzaw żvantaġġi speċifiċi |

| | |
|---|---|
| żoni, | għall-bdiewa ***b'artijiet b'valur ambjentali*** f'dawk iż-żoni, |
| (d) fil-forma ta' kontribuzzjonijiet għal primjums ta' assigurazzjoni ta' uċuħ tar-raba' skond il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 69, | (d) fil-forma ta' kontribuzzjonijiet għal primjums ta' assigurazzjoni ta' uċuħ tar-raba' skond il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 69, |
| (e) fondi mutwi għal mard ta' l-annimali u l-pjanti skond il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 70. | (e) *fil-forma ta' kontribuzzjonijiet* f'fondi mutwi għal mard ta' l-annimali u l-pjanti skond il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 70. |

*Ġustifikazzjoni*

*L-ebda appoġġ m'għandu jingħata għal prattiki agrikoli mhux sostenibbli. Għandha tkun imħarsa art b'valur ambjentali.*

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 69 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Assigurazzjoni ***ta' l-uċuħ*** | Assigurazzjoni ***agrikola*** |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 69 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu kontribuzzjonijiet finanzjarji għal primjums għall-assigurazzjoni ***ta' l-uċuħ*** kontra telf ikkawżat *b'*avvenimenti klimatiċi ħżiena. | 1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu kontribuzzjonijiet finanzjarji għal primjums għall-assigurazzjoni ***agrikola*** ta' l-uċuħ kontra telf ***finanzjarju*** *kkawżat minn* avvenimenti klimatiċi ħżiena***, jew minn mard tal-pjanti jew tal-annimali, sakemm ma jkunx possibbli li dawn ir-riskji jiġu koperti permezz ta' assikurazzjoni privata***. |
| Għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu, 'avveniment klimatiku avvers' ifisser kundizzjonijiet klimatiċi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali, bħal ġlata, | Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu: |

silġ, borra, xita jew nixfa u li jeqirdu aktar minn 30% tal-medja tal-produzzjoni annwali ta' bidwi partikolari fil-perjodu ta' tliet snin preċedenti jew medja ta' tliet snin bbażata fuq il-perjodu ta' ħames snin preċedenti, eskluż l-ogħla u l-ibaxx ammont.

- 'avveniment klimatiku avvers' ifisser kundizzjonijiet klimatiċi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali, bħal ġlata, silġ, borra, xita jew nixfa u li jeqirdu aktar minn 30% tal-medja tal-produzzjoni annwali ta' bidwi partikolari fil-perjodu ta' tliet snin preċedenti jew medja ta' tliet snin bbażata fuq il-perjodu ta' ħames snin preċedenti, eskluż l-ogħla u l-ibaxx ammont***;***

***- 'telf finanzjarju' jfisser kwalunkwe spejjeż addizzjonali li jkollu l-bidwi b'riżultati ta' miżuri eċċezzjonali li jadotta bl-għan li jnaqqas il-provvista lis-suq konċernat jew kwalunkwe telf sostanzjali fil-produzzjoni. M'għandux ifisser spejjeż li għalihom jista' jitħallas kumpens skond dispożizzjonijiet Komunitarji oħra jew spejjeż li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' kwalunkwe miżura oħra relatata mas-saħħa tal-annimali jew tal-pjanti.***

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – parti A – punt 1 – kolonna 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *Artikoli 3(1) and 3(2)(b), 4(1), (2), (4)**, 5(a), (b) u (d)*** | Artikoli 3(1) u (2)(b) ***u (d),*** 4(1), (2) *u* (4) ***u 5*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Biex titħares in-natura, u b'mod partikulari l-bijodiversità, id-disġożizzjonijiet kollha relevanti tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE (id-direttiva dwar l-għasafar selvaġġi) u d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE (id-direttiva dwar il-flora u l-fawna) għandhom jiġu inklużi fir-rekwiżiti statutorji ta' l-immaniġġjar, kif hu l-każa fil-leġiżlazzjoni attwali tal-Politika*

*Agrikola Komuni.* ***Id-dispożizzjonijiet kollha li se jkunu inklużi fir-rekwiżiti statutorji ta' l-immaniġġjar, jekk din l-emenda tkun adottata, diġà huma part mil-leġiżlazzjoni attwali tal-Politika Agrikola Komuni.***

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – parti A – punt 5 – kolonna 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikoli 6 ***u 13(1)(a)*** | Artikoli 6, ***13 u 15*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Biex titħares in-natura, u b'mod partikulari l-bijodiversità, id-disġożizzjonijiet kollha relevanti tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE (id-direttiva dwar l-għasafar selvaġġi) u d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE (id-direttiva dwar il-flora u l-fawna) għandhom jiġu inklużi fir-rekwiżiti statutorji ta' l-immaniġġjar, kif hu l-każa fil-leġiżlazzjoni attwali tal-Politika Agrikola Komuni. Id-dispożizzjonijiet kollha li se jkunu inklużi fir-rekwiżiti statutorji ta' l-immaniġġjar, jekk din l-emenda tkun adottata, diġà huma part mil-leġiżlazzjoni attwali tal-Politika Agrikola Komuni.*

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Anness III**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**Kundizzjoni *agrikola* u ambjentali tajba msemmija fl-Artikolu 6**

| Ħruġ | Standards |
|---|---|
| Erożjoni tal-ħamrija:<br>Protezzjoni tal-ħamrija permezz ta' miżuri adegwati | – Kopertura minima tal-ħamrija |
| | – Ġestjoni minima ta' l-art li tirrifletti l-kundizzjonijiet speċifiċi tas-sit |
| | – Żamma tar-raba' mtarraġ |
| Materja organika fil-ħamrija:<br>Żamma tal-livelli ta' materja organika fil-ħamrija permezz ta' prattiki adegwati | – Standards għan-newba ta' l-uċuħ, fejn japplika |
| | – Ġestjoni tal-qasbija fir-raba' tal-ħrit |
| Struttura tal-ħamrija:<br>Żamma ta' l-istruttura tal-ħamrija permezz ta' miżuri adegwati | – Użu xieraq tal-makkinarju |

| Ħruġ | Standards |
|---|---|
| Livell minimu ta' manutenzjoni:<br>Żgurar ta' livell minimu ta' manutenzjoni u l-evitar tat-tiħżin tal-ħabitats | – Rati minimi ta' l-istokk ta' l-annimali u/jew sistemi adegwati |
| | – Protezzjoni ta' ***mergħat*** permanenti |
| | – Żamma ta' elementi tal-pajsaġġ, inkluż, fejn dan ikun f'loku, hedges, għadajjar, trinek għall-ilma, siġar f'ringiela, fi gruppi jew iżolati, u l-marġni ta' l-għelieqi,<br>– fejn dan ikun f'loku, il-projbizzjoni tat-tqaċċit tas-siġar taż-żebbuġ |
| | – Evitar ta' l-invażjoni ta' l-artijiet agrikoli minn veġetazzjoni mhux mixtieqa |
| | – Żamma f'kundizzjoni veġetattiva tajba ta' l-imsaġar taż-żebbuġ u d-dwieli |
| Il-protezzjoni u l-immaniġġjar ta' l-ilma:<br>Protezzjoni ta' l-ilma kontra t-tinġis u r-rilaxxi mill-iskular, u l-immaniġġjar ta' l-użu ta' l-ilma | – Stabbiliment ta' strixxi marġinali matul il-mogħdijiet ta' l-ilma<br>– rispett tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni għall-użu ta' l-ilma fit-tisqija |

*Emendi tal-Parlament*

**Kundizzjoni ambjentali tajba msemmija fl-Artikolu 6**

| Ħruġ | Standards |
|---|---|
| ***Titjib tal-bijodiversità*** | ***– Stabbiliment ta' strixxi marġinali b'veġetazzjoni naturali u li twarrad (mill-inqas 2 metri) jew uċuħ immaniġġjati b'mod estensiv (bla pestiċidji u fertilizzanti (mill-inqas 5 metri) tul it-truf ta' l-għelieqi*** |
| Erożjoni tal-ħamrija:<br>Protezzjoni tal-ħamrija permezz ta' miżuri adegwati | – Kopertura minima tal-ħamrija |
| | – Ġestjoni minima ta' l-art li tirrifletti l-kundizzjonijiet speċifiċi tas-sit |
| | – Żamma tar-raba' mtarraġ |
| Materja organika fil-ħamrija:<br>Żamma tal-livelli ta' materja organika fil-ħamrija permezz ta' prattiki adegwati | – Standards għan-newba ta' l-uċuħ, fejn japplika |
| | – Ġestjoni tal-qasbija fir-raba' tal-ħrit |
| Struttura tal-ħamrija:<br>Żamma ta' l-istruttura tal-ħamrija permezz ta' miżuri adegwati | – Użu xieraq tal-makkinarju |

| Ħruġ | Standards |
|---|---|
| Livell minimu ta' manutenzjoni:<br>Żgurar ta' livell minimu ta' manutenzjoni u l-evitar tat-tiħżin tal-ħabitats | – Rati minimi ta' l-istokk ta' l-annimali u/jew sistemi adegwati |
| | Protezzjoni ta' ***art erbaċja*** permanenti |
| | – Żamma ta' elementi tal-pajsaġġ, inkluż, fejn dan ikun f'loku, hedges, għadajjar, trinek għall-ilma, siġar f'ringiela, fi gruppi jew iżolati, u l-marġni ta' l-għelieqi,<br>– fejn dan ikun f'loku, il-projbizzjoni tat-tqaċċit tas-siġar taż-żebbuġ |
| | – Evitar ta' l-invażjoni ta' l-artijiet agrikoli minn veġetazzjoni mhux mixtieqa |
| | – Żamma f'kundizzjoni veġetattiva tajba ta' l-imsaġar taż-żebbuġ u d-dwieli |
| | ***– fejn ikun xieraq, il-projbizzjoni tat-tqaċċit ta' meded ta' siġar taż-żebbuġ antiki li jkunu għonja fl-ispeċijiet*** |
| Il-protezzjoni u l-immaniġġjar ta' l-ilma:<br>Protezzjoni ta' l-ilma kontra t-tinġis u r-rilaxxi mill-iskular, u l-immaniġġjar ta' l-użu ta' l-ilma | – Stabbiliment ta' strixxi marġinali matul il-mogħdijiet ta' l-ilma<br>– rispett tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni għall-użu ta' l-ilma fit-tisqija |
| ***Il-ħarsien tal-ħamrija u tal-ilma ta' taħt l-art*** | ***– Livelli massimi ta' pestiċidji, metalli tqal u fertilizzanti fil-ħamrija u fl-ilma ta' taħt l-art.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*M'għandux ikun obbligatorju li l-art tinżamm f'kundizzjoni agrikola tajjeb, speċjalment jekk l-art m'għadhiex tintuża għal skopijiet ta' produzzjoni. Sikwit ikun tajjeb li jitnaqqas il-valur agrikolu biex jitjiebu l-benefiċċji ambjentali ta' zona. Sabiex jingħata kumpens għall-iżvantaġġi ekoloġiċi kkawżati permezz tat-tneħħija tas-serħan ta' l-art, jeħtieġ jittieħdu miżuri alternattivi sabiex jiżguraw il-ħarsien tal-bijodiversità.*

## PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Skemi ta' appoġġ dirett taħt il-politika agrikola komuni għall-bdiewa |
| **Referenzi** | COM(2008)0306 – C6-0240/2008 – 2008/0103(CNS) |
| **Kumitat responsabbli** | AGRI |
| **Opinjoni minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>19.6.2008 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Kathalijne Maria Buitenweg<br>3.7.2008 |
| **Data tal-adozzjoni** | 9.9.2008 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 35<br>–: 5<br>0: 12 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Adamos Adamou, Georgs Andrejevs, Pilar Ayuso, Johannes Blokland, John Bowis, Frieda Brepoels, Martin Callanan, Chris Davies, Avril Doyle, Anne Ferreira, Matthias Groote, Françoise Grossetête, Cristina Gutiérrez-Cortines, Satu Hassi, Gyula Hegyi, Jens Holm, Marie Anne Isler Béguin, Caroline Jackson, Dan Jørgensen, Christa Klaß, Eija-Riitta Korhola, Holger Krahmer, Urszula Krupa, Aldis Kušķis, Peter Liese, Jules Maaten, Linda McAvan, Roberto Musacchio, Riitta Myller, Péter Olajos, Miroslav Ouzký, Vladko Todorov Panayotov, Vittorio Prodi, Frédérique Ries, Dagmar Roth-Behrendt, Guido Sacconi, Daciana Octavia Sârbu, Carl Schlyter, Richard Seeber, Bogusław Sonik, María Sornosa Martínez, Antonios Trakatellis, Evangelia Tzampazi, Donato Tommaso Veraldi, Anja Weisgerber, Glenis Willmott |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Kathalijne Maria Buitenweg, Duarte Freitas, Jutta Haug, Erna Hennicot-Schoepges, Alojz Peterle, Robert Sturdy |

12.9.2008

## OPINJONI TAL- KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI

għall- Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett taħt il-politika agrikola komuni għall-bdiewa u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa
(COM(2008)0306 – C6-0240/2008 – 2008/0103(CNS))

Rapporteur: Markus Pieper

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-proposta tal-Kummissjoni timmira li tippromwovi settur tal-agrikultura li jkun sostenibbli u orjentat lejn is-suq, mingħajr ma ssir riforma fundamentali.

Ir-rapporteur jilqa' b'sodisfazzjon it-triq lejn ir-riforma u jqis li l-proċess tal-ftuħ tas-suq u l-issimplifikar tal-CAP sal-2013 għandu jiġi segwit. Madanakollu, għandu jiġi garantit li r-riformi tal-2003 jitwettqu qabel ma ssir ristrutturazzjoni revoluzzjonarja tal-CAP.

**Modulazzjoni u degressività:** Ir-rapporteur huwa tal-fehma li l-bdiewa Ewropej għandhom bżonn ta' ippjanar affidabbli. Fi żmien fejn il-prezzijiet tal-għalf qed jgħolew m'hemmx ġustifikazzjoni għal modulazzjoni. Għalhekk ir-rapporteur ma japprovax aktar il-modulazzjoni progressiva bħala kwistjoni ta' prinċipju: il-proposta tintroduċi aktar burokrazija u tista' twassal għall-frammentazzjoni ta' rziezet kbar u għal aktar piż fuq il-bdiewa ż-żgħar.

**Konformità reċiproka (*cross-compliance*)**: Ir-rapporteur jirrifjuta kwalunkwe twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tal-konformità reċiproka. Għalhekk huwa jqis li kriterji addizzjonali m'għandhomx ikunu obbligatorji billi dawn ma jikkorispondux mal-għanijiet ta' tnaqqis fil-burokrazija żejda u l-piż żejjed.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Agrikultura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emenda li ġejja fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Barra minn hekk, biex jiġi evitat l-abbandun ta' art agrikola u jiġi żgurat li din tinżamm f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba, ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 stabbilixxa qafas Komunitarju li fih l-Istati Membri jadottaw 'standards' wara li jikkunsidraw il-karatteristiċi speċifiċi taż-żona konċernata, inklużi l-ħamrija u l-kundizzjonijiet | (3) Barra minn hekk, biex jiġi evitat l-abbandun ta' art agrikola u jiġi żgurat li din tinżamm f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba, ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 stabbilixxa qafas Komunitarju li fih l-Istati Membri jadottaw 'standards' wara li jikkunsidraw il-karatteristiċi speċifiċi taż-żona konċernata, inklużi l-ħamrija u l-kundizzjonijiet |

| | |
|---|---|
| klimatiċi, sistemi eżistenti ta’ biedja (użu ta’ l-art, newba ta’ l-uċuh tar-raba’ (‘crop rotation’), prattiċi tal-farms) u strutturi tal-farms. It-tneħħija tas-serħan ta' l-artijiet fi ħdan l-iskema ta' pagament uniku tista' f'ċerti każijiet ikollha effetti negattivi għall-ambjent, b'mod partikolari fir-rigward ta' ċerti karatteristiċi ta' pajsaġġ. Għaldaqstant huwa xieraq, fejn ikun adegwat, li d-dispożizzjonijiet Komunitarji eżistenti li għandhom fil-mira tagħhom il-protezzjoni tal-karatteristiċi speċifikati ta' pajsaġġ jiġu msaħħa. | klimatiċi, sistemi eżistenti ta’ biedja (użu ta’ l-art, newba ta’ l-uċuh tar-raba’ (‘crop rotation’), prattiċi tal-farms) u strutturi tal-farms. It-tneħħija tas-serħan ta' l-artijiet fi ħdan l-iskema ta' pagament uniku tista' f'ċerti każijiet ikollha effetti negattivi għall-ambjent, b'mod partikolari fir-rigward ta' ċerti karatteristiċi ta' pajsaġġ. Għaldaqstant huwa xieraq, fejn ikun adegwat, li d-dispożizzjonijiet Komunitarji eżistenti li għandhom fil-mira tagħhom il-protezzjoni tal-karatteristiċi speċifikati ta' pajsaġġ jiġu msaħħa. ***Filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġu żgurati l-ogħla standards ta’ kwalità tal-ilma, kif stipulat fil-leġiżlazzjoni Komunitarja, m’għandhom jiġu imposti ebda ristrezzjonijiet oħrajn li jostakolaw l-iżvilupp rurali mixtieq.*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Bidwi li jirċievi pagamenti diretti għandu jirrispetta kundizzjonijiet amministrattivi statutorji elenkati fl-Anness II, u l-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba stabbilita bl-Artikolu 6. | 1. Bidwi li jirċievi pagamenti diretti għandu jirrispetta kundizzjonijiet amministrattivi statutorji elenkati fl-Anness II, u l-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba stabbilita bl-Artikolu 6***, sakemm dawn ma jkunux imprattċi u sproporzjonati, pereżempju, f’każ ta’ diżastri naturali kbar.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-prinċipju li l-proċeduri jiġu simplifikati permezz ta’ konformità reċiproka (cross-compliance) hija f’kunflitt ma’ din il-preskrizzjoni, li tintroduċi mill-ġdid burokrazija u piż mhux meħtieġ. Ħafna mill-kriterji meħtieġa diġà huma koperti minn dispożizzjonijiet eżistenti ta’ l-UE.*

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jipprovdu lill-bidwi lista ta' kundizzjonijiet amministrattivi statutorji u l-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba ***li jridu jiġu rispettati.*** | 2. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jipprovdu lill-bidwi lista ta' kundizzjonijiet amministrattivi statutorji u kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba. |

*Ġustifikazzjoni*

*Ara l-ġustifikazzjoni għall-em. 2(ex 1).*

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-ammonti kollha ta' pagamenti diretti li ser jingħataw lil bidwi f'sena kalendarja partikolari li jaqbżu ***l-EUR 5,000*** għandhom jiġu mnaqqsa għal kull sena sa l-2012 bil-perċentwali li ġejjin: | 1. L-ammonti kollha ta' pagamenti diretti li ser jingħataw lil bidwi f'sena kalendarja partikolari li jaqbżu l-***EUR 10 000*** għandhom jiġu mnaqqsa għal kull sena sa l-2012 bil-perċentwali li ġejjin: |
| (a) 2009: *7%,*<br>(b) 2010***: 9%,***<br>(c) 2011: ***11%,***<br>(d) 2012: ***13%.***<br>***2. It-tnaqqis msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiżdied:***<br>***(a) b'3 punti perċentwali għall-ammonti bejn EUR 200 000 u 199,999,***<br>***(b) bi 6 punti perċentwali għall-ammonti bejn EUR 299,999 u 199,999,***<br>***(c) b' 9-il punt perċentwali għall-ammonti ta' EUR 300 000 jew aktar.*** | (a) 2009: ***6%,***<br>(b) 2010: *7%,*<br>(c) 2011: ***8%,***<br>(d) 2012: ***9%.*** |
| ***3. Il-paragafi*** 1 ***u 2*** ma japplikawx għall-pagamenti diretti mogħtija lill-bdiewa fid-dipartimenti barranin Franċiżi, fl-Ażores u l-Madeira, fil-Gżejjer Kanarji u Eġej. | ***2. Il-Paragrafu*** 1 ma japplikax għall-pagamenti diretti mogħtija lill-bdiewa fid-dipartimenti barranin Franċiżi, fl-Ażores u l-Madeira, fil-Gżejjer Kanarji u Eġej. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-prezzijiet dejjem tilgħin tal-materja prima ma jiġġustifikawx modulazzjoni addizzjonali. Il-*

*modulazzjoni progressiva għandha titħassar għax tiddiskrimina kontra bdiewa kbar li jaħdmu b'mod effiċjenti li jiddependu fuq l-ekonomija fil-kobor u jsaħħu l-iżvilupp rurali u tippenalizzahom. Fl-istess waqt bdiewa żgħar m'għandhomx ibagħti piż żejjed.*

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-kumplament ta' l-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' l-Artikolu 7***(1) u l-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' l-Artikolu 7(2)*** għandhom jiġu allokati lill-Istat Membru fejn ġew iġġenerati l-ammonti korrispondenti, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2). Dawn għandhom jintużaw skond l-Artikolu 69(5a) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005. | 4. Il-kumplament ta' l-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' l-Artikolu 7 ***kollu kemm hu*** għandu jiġi allokat kollu kemm hu lill-Istat Membru fejn ġew iġġenerati l-ammonti korrispondenti, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2). Dawn għandhom jintużaw skond l-Artikolu 69(5a) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005. |

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda introdotta sabiex tintroduċi koerenza fit-test minħabba l-approvazzjoni tal-em. 4 (ex 3).*

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10, paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Amendement* |
|---|---|
| 4. Kwalunkwe kumplament ta' l-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' l-Artikolu 7(1) ***u (2)*** għandhom jiġu allokati lill-Istat Membru fejn ġew iġġenerati l-ammonti korrispondenti, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2). Dawn għandhom jintużaw skond l-Artikolu 69(5a) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005. | 4. Kwalunkwe kumplament ta' l-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' l-Artikolu 7(1) għandhom jiġu allokati lill-Istat Membru fejn ġew iġġenerati l-ammonti korrispondenti, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2). Dawn għandhom jintużaw skond l-Artikolu 69(5a) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005. |

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda introdotta sabiex tintroduċi koerenza fit-test minħabba l-approvazzjoni tal-em. 4 (ex 3).*

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 47 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu r-reġjuni skond kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji bħall-istruttura istituzzjonali jew amministrattiva tagħhom u/jew il-potenzjali agrikolu reġjonali. | 2. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu r-reġjuni skond kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji bħall-istruttura istituzzjonali jew amministrattiva tagħhom u/jew il-potenzjali agrikolu reġjonali ***u/jew l-iżvantaġġi strutturali li jsofru r-reġjuni żvantaġġjati***. |
| L-Istati Membri b'inqas minn tliet miljun ettaru eliġibbli jistgħu jiġu kkunsidrati bħala reġjun wieħed. | L-Istati Membri b'inqas minn tliet miljun ettaru eliġibbli jistgħu jiġu kkunsidrati bħala reġjun wieħed. ***Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-provvediment ta' mekkaniżmu ta' appell f'każ ta' tilwima.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jiġi żgurat li ma jkun hemm ebda diskriminazzjoni eżisttnei jew ġdida fil-livell reġjonali.*

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 60 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri ġodda għandhom jiddefinixxu r-reġjuni skond kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. | 2. L-Istati Membri ġodda għandhom jiddefinixxu r-reġjuni skond kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. ***Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-provvediment ta' mekkaniżmu ta' appell f'każ ta' tilwima.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jiġi żgurat li ma jkun hemm ebda diskriminazzjoni eżistenti jew ġdida fil-livell*

*reġjonali.*

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – point 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-protezzjoni u l-immaniġġjar ta' l-ilma: Protezzjoni ta' l-ilma kontra t-tinġis u r-rilaxxi mill-iskular, u l-immaniġġjar ta' l-użu ta' l-ilma*** <br> ***– Stabbiliment ta' strixxi marġinali matul il-mogħdijiet ta' l-ilma*** <br> ***– rispett tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni għall-użu ta' l-ilma fit-tisqija*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-approċċ għandu jiffoka sempliċiment fuq kriterji ta' konformità reċiproka. B'kuntrast, din il-proposta twessa' l-kamp ta' applikazzjoni. Ħafna mill-kriterji rikjesti diġà huma koperti minn leġiżlazzjoni eżistenti ta' l-UE, bħal pereżempju, il-ħarsien tal-pjanti u l-fertilizzazzjoni.*

## PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Skemi ta' appoġġ dirett taħt il-politika agrikola komuni għall-bdiewa |
| **Referenzi** | COM(2008)0306 – C6-0240/2008 – 2008/0103(CNS) |
| **Kumitat responsabbli** | AGRI |
| **Opinjoni minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | REGI<br>10.7.2008 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Markus Pieper<br>16.7.2008 |
| **Eżami fil-kumitat** | 17.7.2008 |
| **Data tal-adozzjoni** | 9.9.2008 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 48<br>–: 2<br>0: 2 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Emmanouil Angelakas, Stavros Arnaoutakis, Elspeth Attwooll, Jean Marie Beaupuy, Rolf Berend, Victor Boştinaru, Wolfgang Bulfon, Giorgio Carollo, Antonio De Blasio, Bairbre de Brún, Petru Filip, Gerardo Galeote, Iratxe García Pérez, Eugenijus Gentvilas, Ambroise Guellec, Gábor Harangozó, Marian Harkin, Jim Higgins, Filiz Hakaeva Hyusmenova, Mieczysław Edmund Janowski, Rumiana Jeleva, Gisela Kallenbach, Tunne Kelam, Evgeni Kirilov, Miloš Koterec, Constanze Angela Krehl, Florencio Luque Aguilar, Sérgio Marques, Yiannakis Matsis, Miroslav Mikolášik, James Nicholson, Lambert van Nistelrooij, Jan Olbrycht, Maria Grazia Pagano, Maria Petre, Markus Pieper, Pierre Pribetich, Giovanni Robusti, Wojciech Roszkowski, Elisabeth Schroedter, Grażyna Staniszewska, Catherine Stihler, Margie Sudre, Andrzej Jan Szejna, Kyriacos Triantaphyllides, Oldřich Vlasák |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Den Dover, Emanuel Jardim Fernandes, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Eleonora Lo Curto, Zita Pleštinská, Iuliu Winkler |

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Skemi ta' appoġġ dirett taħt il-politika agrikola komuni għall-bdiewa |
| **Referenzi** | COM(2008)0306 – C6-0240/2008 – 2008/0103(CNS) |
| **Data meta ġie kkonsultat il-PE** | 16.6.2008 |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AGRI<br>19.6.2008 |
| **Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | BUDG 19.6.2008; ENVI 19.6.2008; REGI 10.7.2008 |
| **Rapporteur(s)**<br>Data tal-ħatra | Luis Manuel Capoulas Santos<br>1.4.2008 |
| **Eżami fil-kumitat** | 20.5.2008; 27.5.2008; 24.6.2008; 14.7.2008; 7.10.2008 |
| **Data tal-adozzjoni** | 7.10.2008 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 28<br>–: 11<br>0: 3 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Vincenzo Aita, Peter Baco, Sergio Berlato, Niels Busk, Luis Manuel Capoulas Santos, Giovanna Corda, Joseph Daul, Albert Deß, Gintaras Didžiokas, Konstantinos Droutsas, Constantin Dumitriu, Michl Ebner, Carmen Fraga Estévez, Duarte Freitas, Ioannis Gklavakis, Lutz Goepel, Bogdan Golik, Friedrich-Wilhelm Graefe zu Baringdorf, Esther Herranz García, Lily Jacobs, Elisabeth Jeggle, Heinz Kindermann, Vincenzo Lavarra, Stéphane Le Foll, Véronique Mathieu, Mairead McGuinness, Rosa Miguélez Ramos, James Nicholson, Neil Parish, María Isabel Salinas García, Agnes Schierhuber, Willem Schuth, Czesław Adam Siekierski, Alyn Smith, Petya Stavreva, Donato Tommaso Veraldi |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Katerina Batzeli, Wiesław Stefan Kuc, Astrid Lulling, Catherine Neris, Zdzisław Zbigniew Podkański, Bernadette Vergnaud, Vladimír Železný |